ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 332

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

17 ta' Diċembru 2009

Werrej

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Il-Kummissjoni**

2009/967/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta Komunitarja għall-kisi tessili tal-art** *(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9523)* ([1]) ..... 1

III *Atti adottati skont it-Trattat tal-UE*

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TAL-UE

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/968/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 li tadotta r-regoli dwar il-konfidenzjalità tal-informazzjoni tal-Europol** ..... 17

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: 4 EUR**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

IV *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

**Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 191/08/COL tas-17 ta' Marzu 2008 dwar ix-xogħol bla ħlas marbut ma' attivitajiet ta' riċerka u żvilupp (In-Norveġja)** .................. 23

---

V *Atti adottati mill-1 ta' Diċembru 2009 taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat Euratom*

ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM HIJA OBBLIGATORJA

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1235/2009 tas-16 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..................... 36

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1236/2009 tal-10 ta' Diċembru 2009 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011** ........................ 38

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1237/2009 tal-11 ta' Diċembru 2009 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Marrone di Caprese Michelangelo (DPO)]** ............................................ 46

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1238/2009 tal-11 ta' Diċembru 2009 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pomodorino del Piennolo del Vesuvio (DPO)]** ........................................ 48

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1239/2009 tal-15 ta' Diċembru 2009 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Crudo di Cuneo (DPO)]** ............................................................ 50

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1240/2009 tas-16 ta' Diċembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 428/2008 li jistabbilixxi ċ-ċentri tal-intervent għaċ-ċereali** .................... 52

MT

*Avviż lill-qarrejja (ara paġna 3 tal-qoxra)*

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-30 ta' Novembru 2009**

**li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta Komunitarja għall-kisi tessili tal-art**

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9523)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/967/KE)

IL-KUMMISSJONI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema riveduta tal-għoti tal-ekotikketta Komunitarja [1], u partikolarment it-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Bord tat-tikkettar Ekoloġiku tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 l-ekotikketta Komunitarja tista' tingħata lil prodott li għandu karatteristiċi li jippermettulu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal titjib fir-rigward ta' aspetti ambjentali ewlenin.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jistabbilixxi li kriterji speċifiċi għal ekotikketta, ippreparati fuq il-bażi tal-kriterji fl-abbozz tal-Bord tat-tikkettar Ekoloġiku tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu stabbiliti skont il-gruppi tal-prodotti.

(3) Il-kriterji ekoloġiċi, kif ukoll ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni u tal-verifika relatati, għandhom ikunu validi għal erba' snin mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

(4) Miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf mill-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Kisi tessili tal-art għandu jkun definit bħala kisi tal-art, ġeneralment magħmul minn drapp minsuġ, innittjat jew bi trofof maħduma bil-labar; normalment installati b'pinnijiet jew stejpils, jew b'sustanzi adeżivi. Twapet u twapet żgħar mhux fissi huma esklużi. Dan ma japplikax għal kisi tal-ħajt jew dak għall-użu estern.

Dan il-grupp ta' prodotti mhux se jinkludi tessili ttrattati bi prodotti bijoċidali, ħlief fejn is-sustanzi attivi f'dawk il-prodotti bijoċidali huma inklużi fl-Anness IA għad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], u fejn il-prodott bijoċidali huwa awtorizzat għall-użu konċernat skont l-Anness V għad-Direttiva 98/8/KE.

*Artikolu 2*

Sabiex tingħata l-ekotikketta Komunitarja taħt ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000, kisi tessili tal-art jrid jaqa' fil-grupp ta' prodotti "kisi tessili tal-art" kif definit fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni u jrid jikkonforma mal-kriterji ekoloġiċi stabbiliti fl-Anness.

[1] ĠU L 237, 21.9.2000, p. 1.

[2] ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.

*Artikolu 3*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "kisi tessili tal-art", kif ukoll ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni u tal-verifika relatati, għandhom ikunu validi għal erba' snin mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

Għal skopijiet ta' amministrazzjoni, in-numru tal-kodiċi mogħti lill-grupp ta' prodotti "kisi tessili tal-art" għandu jkun "34".

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Stavros DIMAS
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

QAFAS

**L-għanijiet tal-kriterji**

Dawn il-kriterji jimmiraw partikolarment biex jippromwovu:

— it-tnaqqis ta' impatti fuq il-ħabitati u riżorsi assoċjati,

— it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija,

— it-tnaqqis ta' ħruġ ta' sustanzi tossiċi jew li jniġġsu b'xi mod ieħor fl-ambjent,

— it-tnaqqis tal-użu ta' sustanzi perikolużi fil-materjali u fil-prodotti lesti,

— is-sigurtà u n-nuqqas ta' riskju għas-saħħa fl-ambjent tal-għajxien,

— informazzjoni li tippermetti lill-konsumatur li juża l-prodott b'mod effettiv li jnaqqas l-impatt ambjentali globali.

Il-kriterji huma stabbiliti f'livelli li jippromwovu t-tikkettjar tal-kisi li huwa prodott b'impatt ambjentali baxx.

**Rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika**

Ir-rekwiżiti speċifiċi ta' valutazzjoni u ta' verifika huma indikati f'kull kriterju.

Dan il-grupp ta' prodotti jinkludi l-familja ta' twapet, definita bħala "kisi ta' art, ġeneralment magħmul minn drapp minsuġ, innittjat jew bi trofof maħduma bil-labar; normalment installati b'pinnijiet jew stejpils, jew b'sustanzi adeżivi".

Dan ma japplikax għall-kisi tal-ħajt jew dak għall-użu estern. Twapet u twapet żgħar mhux fissi huma esklużi.

Id-definizzjoni tal-grupp ta' prodotti tal-kisi tessili tal-art taqbel man-norma DIN ISO 2424.

L-industrija Ewropea tal-kisi tessili tal-art tiddetermina l-pożizzjoni teknika tagħha kif definita fin-norma CEN/TC 134 tal-Kummissjoni Ewropea.

L-unità funzjonali, li għaliha għandhom jiġu relatati d-dħul u l-ħruġ, hija ta' 1 m2 ta' prodott lest.

Fejn huwa xieraq, metodi tal-ittestjar oħra li mhumiex dawk indikati għal kull kriterju jistgħu jintużaw jekk l-ekwivalenza tagħhom hija aċċettata mill-Korp Kompetenti li qed jivvaluta l-applikazzjoni.

Fejn ikun possibbli, l-ittestjar għandu jitwettaq kif suppost minn laboratorji akkreditati jew laboratorji li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali ddikjarati fl-istandard EN ISO 17025.

Fejn huwa xieraq, il-Korpi Kompetenti jistgħu jirrikjedu dokumentazzjoni ta' appoġġ u jistgħu jwettqu verifiki indipendenti.

**KRITERJI GĦALL-KISI TESSILI TAL-ART**

1. MATERJA PRIMA

**Rekwiżiti ġeneriċi għall-materjali**

Il-materjali użati għall-manifattura tal-prodott ma għandhomx ikun fihom sustanzi jew preparazjonijiet li għandhom, jew li jistgħu jingħataw fil-ħin tal-applikazzjoni, kwalunwkwe waħda minn dawn il-frażijiet ta' riskju li ġejjin (jew kombinazzjonijiet tagħhom):

R23 (tossiku jekk ikun hemm inalazzjoni),

R24 (tossiku jekk ikun hemm kuntatt mal-ġilda),

R25 (tossiku jekk jinbela'),

R26 (tossiku ħafna jekk ikun hemm inalazzjoni),

R27 (tossiku ħafna jekk ikun hemm kuntatt mal-ġilda),

R28 (tossiku ħafna jekk jinbela'),

R39 (periklu ta' effetti serji ħafna li huma irriversibbli),

R40 (evidenza limitata ta' effett karċinoġeniku),

R42 (Jista' jikkawża sensitizzazzjoni jekk ikun hemm inalazzjoni),

R43 (Jista' jikkawża sensitizzazzjoni jekk ikun hemm kuntatt mal-ġilda),

R45 (jista' jikkawża l-kanċer),

R46 (jista' jikkawża ħsara ġenetika li tintiret),

R48 (periklu jew ħsara serja għas-saħħa jekk ikun hemm esponiment fit-tul),

R49 (jista' jikkawża l-kanċer jekk ikun hemm inalazzjoni),

R50 (tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi),

R51 (tossiku għall-organiżmi akkwatiċi),

R52 (ta' ħsara għall-organiżmi akkwatiċi),

R53 (jista' jikkawża effetti negattivi fit-tul fl-ambjent akkwatiku),

R60 (jista' jaffettwa ħażin il-fertilità),

R61 (jista' jikkawża ħsara lit-trabi li għadhom ma twildux),

R62 (riskju possibbli li jaffettwa ħażin il-fertilità),

R63 (riskju possibbli ta' ħsara lit-trabi li għadhom ma twildux),

R68 (riskju possibbli ta' effetti rriversibbli),

kif inhu stabbilit fid-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi(id-Direttiva Dwar is-Sustanzi Perikolużi) ([1]), u l-emendi sussegwenti tagħha, u b'kunsiderazzjoni għad-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) (id-Direttiva Dwar il-Preparazzjonijiet Perikolużi).

Alternattivament, il-klassifikazzjoni tista' titqies skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ([3]). F'dan il-każ l-ebda sustanza jew preparazzjoni ma tista' tiġi miżjuda mal-materja prima li għandha, jew li tista' tingħata fil-ħin tal-applikazzjoni, dawn id-dikjarazzjonijiet ta' periklu li ġejjin (jew kombinazzjonijiet tagħhom): H300, H301, H310, H311, H317 H330, H331, H334, H351, H350, H340, H350i, H400, H410, H411, H412, H413, H360F, H360D, H361f, H361d H360FD, H361fd, H360Fd, H360Df, H341, H370, H372.

Valutazzjoni u verifika: f'termini tal-analiżi kimika, it-tipoloġija u l-formulazzjoni tal-materjali għandha tingħata mill-applikant, flimkien ma' dikjarazzjoni ta' konformità mal-kriterji msemmija hawn fuq.

1.1 *Fibri tessili – sustanzi kimiċi*

Jekk l-oriġini tal-fibri huma rriċiklati, il-kriterji stabbiliti f'din it-taqsima ma japplikawx. Fir-rigward tal-preżenza ta' sustanzi perikolużi, għandhom jiġi applikati r-rekwiżiti deskritti fil-kriterju 1 "Rekwiżiti ġeneriċi għall-materjali".

Kriterji għal fibri speċifiċi huma stabbiliti f'din it-taqsima għal suf, poliamide, poliester, polypropylene

**Trattamenti tas-suf**

(a) L-ammont totali tal-kontenut fis-sustanzi li ġejjin ma għandux jeċċedi 0.5ppm:

| Sustanza | Nru CAS |
|---|---|
| γ-hexachlorocyclohexane (lindane) | 319-84-6 |
| α-hexachlorocyclohexane | 319-85-7 |

([1]) ĠU 196, 16.8.1967, p. 1.
([2]) ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1.
([3]) ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.

| Sustanza | Nru CAS |
|---|---|
| β-hexachlorocyclohexane | 58-89-9 |
| δ-hexachlorocyclohexane | 319-86-8 |
| Aldrin | 309-00-2 |
| dieldrin | 60-57-1 |
| Endrin | 72-20-8 |
| p,p'-DDT | 50-29-3 |
| p,p'-DDD | 72-54-8 |

(b) L-ammont totali tal-kontenut fis-sustanzi li ġejjin ma għandux jeċċedi 2ppm:

| Sustanza | CAS nru |
|---|---|
| Propetamphos | 31218-83-4 |
| Diazinon | 333-41-5 |
| Dichlofenthion | 97-17-6 |
| Fenchlorphos | 299-84-3 |
| Chlorpyriphos | 2921-88-2 |
| Chlorfenvinphos | 470-90-6 |
| Ethion | 563-12-2 |
| Pirimiphos-Methyl | 29232-93-7 |

(c) L-ammont totali tal-kontenut fis-sustanzi li ġejjin ma għandux jeċċedi 0.5ppm:

| Sustanza | CAS nru |
|---|---|
| Cyhalothrin | 68085-85-8 |
| Cybermethrin | 52315-07-8 |
| Deltamethrin | 52918-63-5 |
| Fenvalerate | 51630-58-1 |
| Flumethrin | 69770-45-2 |

(d) L-ammont totali tal-kontenut fis-sustanzi li ġejjin ma għandux jeċċedi 2ppm:

| Sustanza | CAS nru |
|---|---|
| Diflubenzuron | 35367-38-5 |
| Triflumuron | 64628-44-0 |
| Dicyclanil | 112636-83-6 |

Dawn ir-rekwiżiti (kif dettaljati f' (a), (b), (c) u (d) u meħuda separatament) ma japplikawx jekk tista' tiġi ppreżentata evidenza dokumentata li tistabbilixxi l-identità tal-bdiewa li jipproduċu talanqas 75 % tas-suf jew tal-fibri tal-keratina konċernati, flimkien ma' dikjarazzjoni minn dawn il-bdiewa li s-sustanzi elenkati hawn fuq ma ġewx applikati fl-għelieqi jew fuq l-annimali konċernati.

*Valutazzjoni u verifika*: l-applikant għandu jew jipprovdi d-dokumentazzjoni indikata hawn fuq, jew jipprovdi rapport tal-ittestjar bl-użu tal-metodu tal-ittestjar li ġej: L-Abbozz tal-Metodu tal-Ittestjar Nru 59 tal-IWTO. Jekk il-materjali tessili użati jinghataw l-iskema tal-Ekotikketta tal-UE għal prodotti tessili, ir-rekwiżiti jkunu sodisfatti. L-applikant għandu jipprovdi biss id-dokumentazzjoni xierqa.

**Fibri tal-poliamide**

L-emissjonijiet fl-arja tal-$N_2O$ matul il-produzzjoni tal-monomeru, espressi bħala medja annwali, ma għandhomx jaqbżu l-10 g/kg tal-fibra tal-poliamide-6 prodotti u l-50 g/kg tal-poliamide-6,6 prodotti.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi dokumentazzjoni dettaljata u/jew rapporti tal-ittestjar li juru l-konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' dikjarazzjoni tal-konformità. Jekk il-materjali tessili użati jingħataw l-iskema tal-Ekotikketta tal-UE għal prodotti tessili, ir-rekwiżiti jkunu sodisfatti. L-applikant għandu jipprovdi biss id-dokumentazzjoni xierqa.

**Poliester**

(a) L-ammont tal-antimonju fil-fibri tal-poliester ma għandux jaqbeż il-260ppm. Fejn ma jintuża l-ebda antimonju, l-applikant jista' jpoġġi "ħieles mill-antimonju" (jew test ekwivalenti) fuq il-prodott li għandu l-Ekotikketta.

(b) L-emissjonijiet tal-VOCs matul il-polimerizzazzjoni u l-produzzjoni tal-fibri tal-poliester, imkejla fil-passi tal-proċess fejn iseħħu, inklużi wkoll l-emissjonijiet li jaħarbu, espressi bħala medja annwali, ma għandhomx ikunu ogħla minn 1.2 g/kg tar-reżina tal-poliester prodotta. (Il-VOCs huma kwalunkwe kompost organiku li f'293.15 K ikollu pressa tal-fwar ta' 0.01kPa jew iżjed, jew li jkollu volatilità korrispondenti taħt il-kundizzonijiet partikolari tal-użu).

Valutazzjoni u verifika: Għal (a) l-applikant għandu jipprovdi jew dikjarazzjoni tan-nuqqas ta' użu jew rapport tal-ittestjar, bl-użu tal-metodu tal-ittestjar li ġej: kif jiġi stabbilit direttament bl-Ispettrometrija Atomika tal-Assorbiment. L-ittestjar għandu jitwettaq fuq il-fibra mhux maħduma qabel il-proċessar bit-tixrib. Għal (b) l-applikant għandu jipprovdi dokumentazzjoni dettaljata u/jew rapporti tal-ittestjar li juru l-konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' dikjarazzjoni tal-konformità. Jekk il-materjali tessili użati jingħataw l-iskema tal-Ekotikketta tal-UE għal prodotti tessili, ir-rekwiżiti jkunu sodisfatti. L-applikant għandu jipprovdi biss id-dokumentazzjoni xierqa.

**Polipropilen**

(a) Ma għandhomx jintużaw pigmenti abbażi ta' ċomb.

Valutazzjoni u verifika: l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni tan-nuqqas ta' użu.

(b) Emissjonijiet ta' $N_Ox$ u $S_O2$ mill-produzzjoni ta' PP (produzzjoni tal-monomeru, polimerazzjozzjoni u granulazzjoni) ma għandhomx jeċċedu l-limiti li ġejjin:

$N_Ox$: 12 kg/tunellata PP

$S_O2$: 11 kg/tunellata PP

Valutazzjoni u verifika: il-manifattur tal-fibra jrid ikejjel jew jikkalkula l-kwantitajiet ta' $N_Ox$ u $S_O2$ li joħorġu matul il-produzzjoni ta' PP u jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mal-kriterju. L-applikant għandu jipprovdi biss id-dokumentazzjoni xierqa.

1.2. *Sustanzi ta' appoġġ*

Fir-rigward ta' preżenza ta' sustanzi perikolużi, għandhom jiġu applikati r-rekwiżiti deskritti fil-kriterju 1 "Rekwiżiti ġeneriċi għall-materjali".

**Fowm tal-lastku (latex u poliuretene naturali u sintetiċi)**

Nota: Il-kriterji li ġejjin għandhom ikunu sodisfatti biss jekk il-fowm tal-latex jikkontribwixxi għal aktar minn 5 % tal-piż totali tat-tapit.

(a) Metalli tqal estrattibbli: il-konċentrazzjonijiet tal-metalli li ġejjin ma għandhomx jaqbżu l-valuri li ġejjin:

| Sustanza | Valur limitu (ppm) |
|---|---|
| antimonju | 0,5 |
| arseniku | 0,5 |

| Sustanza | Valur limitu (ppm) |
|---|---|
| ċomb | 0,5 |
| kadmju | 0,1 |
| kromju | 1,0 |
| kobalt | 0,5 |
| ram | 2,0 |
| nikil | 1,0 |
| merkurju | 0,02 |

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi rapport ta' test, li juża l-metodu tal-ittestjar li ġej: Kampjun mitħun estratt skont id-DIN 38414-S4, L/S = 10. Filtrazzjoni b'filtru ta' membrana ta' 0.45µm. Analiżi permezz ta' spettroskopija atomika tal-emissjoni bi plażma induttiva akkoppjata (ICP-AES) jew b'teknika ibrida jew tal-fwar jew kiesaħ;

(b) Komposti organiċi volatili [1] (VOCs): Il-konċentrazzjoni ta' VOCs ma għandhiex teċċedi 0,5 mg/m$^3$.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi rapport ta' test, li juża l-metodu tal-ittestjar li ġej: chamber test b'DIN ISO 16000-6 għal ġbir ta' kampjuni u analiżi tal-arja.

(c) Żebgħat tal-komplessi metalliċi: Żebgħat tal-komplessi metalliċi abbażi ta' ram, ċomb, kromju jew nikil ma għandhomx jintużaw.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni tan-nuqqas ta' użu.

(d) Chlorophenols: Ma għandux ikun hemm chlorophenols (melħ u ester) f'konċentrazzjonijiet li jaqbżu 0.1ppm, ħlief fenols monoklorinati u diklorinati (melħ u ester) li ma għandhomx jaqbżu 1ppm.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi rapport ta' test, li juża l-metodu tal-ittestjar li ġej: It-tħin ta' kampjun ta' 5 grammi, l-estrazzjoni tal-melħ chlorophenol jew sodju. Analisi permezz tal-kromatografija tal-gass (GC), ditezzjoni bl-ispettrometru tal-massa jew l-ECD.

(e) Butadiene: Il-konċentrazzjoni ta' butadiene ma għandhiex teċċedi 1ppm.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi rapport ta' test, li juża l-metodu tal-ittestjar li ġej: Tħin u użin tal-kampjun. Teħid ta' kampjun b'headspace sampler. Analiżi bil-kromatografija tal-gass, ditezzjoni b'ditekter li juża l-jonizzazzjoni bil-fjamma;

(f) Nitrosamini: Il-konċentrazzjoni ta' N-nitrosamini ma għandhiex teċċedi 0.001 mg/m3 kif imkejla biċ-chamber test;

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi rapport ta' test, li juża l-metodu tal-ittestjar li ġej: iċ-chamber test bil-Hauptverband der gewerblichen Berufsgenossenschaften ZH 1/120.23 (jew ekwivalenti) għall-kampjuni u l-analiżi tal-arja.

**Fowm tal-lastku (għal poliuretene biss)**

(a) **Landa organika**: Landa f'forma organika (landa marbuta ma' atomu tal-karbonju) ma għandhiex tintuża.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni tan-nuqqas ta' użu.

(b) **Aġenti tal-infiħ**: CFCs, HCFCs, HFCs jew klorur tal-metilin ma għandhomx jintużaw bħala aġenti tal-infiħ jew bħala aġenti tal-infiħ awżiljari.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni li dawn l-aġenti tal-infiħ ma ntużawx.

[1] VOCs huma kwalunkwe kompost organiku li f'293,15 K ikollu pressjoni tal-fwar ta' 0,01kPa jew aktar, jew li jkollu volatilità korrispondenti taħt il-kundizzjonijiet partikolari tal-użu

**Fowm ivvulkanizzat**

Fowm ivvulkanizzat ma għandux jintuża għall-kisi ta' wara.

*Valutazzjoni u verifika*: l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni tan-nuqqas ta' użu.

**Formaldehyde**

Il-konċentrazzjoni tal-formaldehyde ma għandhiex teċċedi 30 ppm kif imkejla b'EN ISO 14184-1. Alternattivament din ma għandhiex teċċedi 0.01 mg/m$^3$ kif imkejla biċ-chamber test.

*Valutazzjoni u verifika*: L-applikant għandu jipprovdi rapport ta' test, li juża l-metodu tal-ittestjar li ġej: EN ISO 14184-1. Kampjun ta' 1 g b'100 g ilma msaħħan għal 40 °C għal siegħa. Formaldehyde f'estratt analizzat bl-acetylacetone, fotometriku.

Alternattivament jista' jintuża ċ-chamber test tal-emissjonijiet: ENV 13419-1, ma' EN ISO 16000-3 jew VDI 3484-1 għall-ġbir ta' kampjuni u l-analiżi tal-arja.

2. PRODUZZJONI TAL-MATERJALI KOLLHA

Fir-rigward tal-preżenza ta' sustanzi perikolużi, għandhom jiġu applikati r-rekwiżiti deskritti fil-kriterju 1 "Rekwiżiti ġeneriċi għall-materjali".

L-applikant għandu jikkonforma wkoll mar-rekwiżiti speċifiċi li ġejjin:

**Retardanti tal-fjammi**

Fil-prodott jistgħu jintużaw biss retardanti tal-fjammi li huma kimikament marbuta ġol-fibra tal-polimer jew mal-uċuħ tal-fibra (retardanti reattivi tal-fjammi). Jekk ir-retardanti tal-fjammi użati għandhom xi waħda mill-frażijiet-R elenkati hawn taħt, dawn ir-retardanti tal-fjammi għandhom, mal-applikazzjoni, jibdlu n-natura kimika tagħhom sabiex ma jibqgħux jiġġustifikaw klassifikazzjoni ta' dawn il-frażijiet-R. (Anqas minn 0.1 % tar-retardanti tal-fjammi fuq il-ħajt jew id-drapp trattat jista' jibqa' fil-forma bħal qabel l-applikazzjoni.):

R40 (evidenza limitata ta' effett karċinoġeniku),

R45 (jista' jikkawża l-kanċer),

R46 (jista' jikkawża ħsara ġenetika li tintiret),

R49 (jista' jikkawża l-kanċer jekk ikun hemm inalazzjoni),

R50 (tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi),

R51 (tossiku għall-organiżmi akkwatiċi),

R52 (ta' ħsara għall-organiżmi akkwatiċi),

R53 (jista' jikkawża effetti negattivi fit-tul fl-ambjent akkwatiku),

R60 (jista' jaffettwa ħażin il-fertilità),

R61 (jista' jikkawża ħsara lit-trabi li għadhom ma twildux),

R62 (riskju possibbli li jaffettwa ħażin il-fertilità),

R63 (riskju possibbli ta' ħsara lit-trabi li għadhom ma twildux),

R68 (riskju possibbli ta' effetti irriversibbli),

kif stipulat fid-Direttiva 67/548/KEE.

Alternattivament, il-klassifikazzjoni tista' titqies skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. F'dan il-każ l-ebda sustanza jew preparazzjoni ma tista' tiġi miżjuda mal-materja prima li għandha, jew li tista' tingħata fil-ħin tal-applikazzjoni, kwalunkwe minn dawn id-dikjarazzjonijiet ta' periklu li ġejjin (jew kombinazzjonijiet tagħhom): H351, H350, H340, H350i, H400, H410, H411, H412, H413, H360F, H360D, H361f, H361d H360FD, H361fd, H360Fd, H360Df, H341.

Ir-retardanti tal-fjammi li huma biss fiżikament imħallta fil-fibra tal-polimer jew f'kisi tessili huma esklużi (retardanti tal-fjammi addittivi).

*Valutazzjoni u verifika*: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni li ma ntużawx retardanti tal-fjammi addittivi u jindika liema retardanti tal-fjammi reattivi ntużaw, jekk intużaw, u jipprovdi dokumentazzjoni (bħal dokumenti bl-informazzjoni tas-sigurtà) u/jew dikjarazzjonijiet li jindikaw li dawk ir-ritardanti tal-fjammi jikkonformaw ma' dan il-kriterju.

**Plastiċizzanti**

Jekk xi sustanza plastiċizzanti tiġi applikata matul il-proċess tal-manifattura, jistgħu jintużaw biss il-ftalati li fil-ħin tal-applikazzjoni saritilhom valutazzjoni tar-riskju u ma ġewx ikklassifikati bil-frażijiet (jew kombinazzjonijiet tagħhom):

R50 (tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi),

R51 (tossiku għall-organiżmi akkwatiċi),

R52 (ta' ħsara għall-organiżmi akkwatiċi),

R53 (jista' jikkawża effetti negattivi fit-tul fl-ambjent akkwatiku),

R60 (jista' jaffettwa ħażin il-fertilità),

R61 (jista' jikkawża ħsara lit-trabi li għadhom ma twildux),

R62 (riskju possibbli li jaffettwa ħażin il-fertilità),

kif stipulat fid-Direttiva 67/548/KEE.

Alternattivament, il-klassifikazzjoni tista' titqies skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. F'dan il-każ l-ebda sustanza jew preparazzjoni ma tista' tiġi miżjuda mal-materja prima li għandha, jew li tista' tingħata fil-ħin tal-applikazzjoni, dawn id-dikjarazzjonijiet ta' periklu li ġejjin (jew kombinazzjonijiet tagħhom): H400, H410, H411, H412, H413, H360F, H360D, H361f, H361d H360FD, H361fd, H360Fd, H360Df

Barra minn dan, DNOP (di-n-octyl phthalate), DINP (di-isononyl phthalate), DIDP (di-isodecyl phthalate) mhumiex permessi fil-prodott.

Valutazzjoni u verifika: l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni tan-nuqqa ta' użu. Mhux aktar minn 0,1 % ta' ftalati f'daqqa għandhom ikunu preżenti bħala impuritajiet f'kisi tessili tal-art, kif definit fid-Direttiva 2005/84/Ketal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

2.1. *Kimiċi użati bħala prodotti awżiljarji għat-trattament ta' fibri tessili*

L-alkylphenolethoxylates (APEOs), il-linear alkylbenzene sulfonates (LAS), il-bis (alkil tad-dam idroġenat) klorur tal-ammonju tad-dimetil (DTDMAC), klorur tal-ammonju tad-dimetil tad-distearyl (DSDMAC), id-di(xaħam tad-dam imwebbes) klorur tal-ammonju tad-dimetil (DHTDMAC), l-ethylene diamine tetra acetate (EDTA), u d-diethylene triamine penta acetate (DTPA) ma għandhomx jintużaw u ma għandhomx ikunu f'xi preparazzjonijiet jew formulazzjonijiet użati.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jippreżenta dikjarazzjoni tan-nuqqas ta' użu.

2.2. *Żebgħa u pigmenti*

**Żebgħa ażotika**

Ma għandha tintuża l-ebda żebgħa ażotika li tista' taqbad ma' kwalunkwe mill-ammini aromatiċi li ġejjin:

4-aminodiphenyl (92-67-1)

Benzidine (92-87-5)

4-chloro-o-toluidine (95-69-2)

2-naphthylamine (91-59-8)

o-amino-azotoluene (97-56-3)

2-amino-4-nitrotoluene (99-55-8)

p-chloroaniline (106-47-8)

2,4-diaminoanisol (615-05-4)

4,4'-diaminodiphenylmethane (101-77-9)

3,3'-dichlorobenzidine (91-94-1)

3,3'-dimethoxybenzidine (119-90-4)

3,3'-dimethylbenzidine (119-93-7)

([1]) ĠU L 344, 27.12.2005, p. 40.

3,3’-dimethyl-4,4’-diaminodiphenylmethane (838-88-0)

p-cresidine (120-71-8)

4,4’-oxydianiline (101-80-4)

4,4’-thiodianiline (139-65-1)

o-toluidine (95-53-4)

2,4-diaminotoluene (95-80-7)

2,4,5-trimethylaniline (137-17-7)

4-aminoazobenzene (60-09-3)

o-anisidine (90-04-0)

2,4-Xylidine

2,6-Xylidine

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni li dawn iż-żebgħat ma ntużawx. F’każ li din id-dikjarazzjoni tiġi vverifikata għandu jintuża l-istandard li ġej = EN 14362-1 u 2. (Nota: jistgħu jkunu possibbli pożittivi foloz b’rabta mal-preżenza tal-4-aminoazobenzene, u għalhekk hija rrakkomandata konferma).

**Żebgħat li huma karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni**

(a) Iż-żebgħat li ġejjin ma għandhomx jintużaw:

C.I. Basic Red 9

C.I. Disperse Blue 1

C.I. Acid Red 26

C.I. Basic Violet 14

C.I. Disperse Orange 11

C.I. Direct Black 38

C.I. Direct Blue 6

C.I. Direct Red 28

C.I. Disperse Yellow 3

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni tan-nuqqas ta’ użu.

(b) Mhux permess l-użu ta’ sustanzi taż-żebgħa jew ta’ preparazzjonijiet taż-żebgħa li jkun fihom aktar minn 0,1 % mill-piż tas-sustanzi li fil-ħin tal-applikazzjoni ngħataw jew li jistgħu jingħataw xi waħda minn dawn il-frażijiet ta’ riskju li ġejjin (jew kombinazzjonijiet tagħhom):

R40 (evidenza limitata ta’ effett karċinoġeniku),

R45 (jista’ jikkawża l-kanċer),

R46 (jista’ jikkawża ħsara ġenetika li tintiret),

R49 (jista’ jikkawża l-kanċer jekk ikun hemm inalazzjoni),

R60 (jista’ jaffettwa ħażin il-fertilità),

R61 (jista’ jikkawża ħsara lit-trabi li għadhom ma twildux),

R62 (riskju possibbli li jaffettwa ħażin il-fertilità),

R63 (riskju possibbli ta’ ħsara lit-trabi li għadhom ma twildux),

R68 (riskju possibbli ta’ effetti irriversibbli),

kif stipulat fid-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE.

Alternattivament, il-klassifikazzjoni tista’ titqies skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. F’dan il-każ l-ebda sustanza jew preparazzjoni ma tista’ tiġi miżjuda mal-materja prima li għandha, jew li tista’ tingħata fil-ħin tal-applikazzjoni, dawn id-dikjarazjonijiet ta’ periklu li ġejjin (jew kombinazzjonijiet tagħhom): H351, H350, H340, H350i, H360F, H360D, H361f, H361d H360FD, H361fd, H360Fd, H360Df, H341.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni li dawn iż-żebgħat ma ntużawx.

**Żebgħat li potenzjalment jissensitizzaw**

Iż-żebgħat li ġejjin ma għandhomx jintużaw:

C.I. Disperse Blue 3 C.I. 61 505

C.I. Disperse Blue 7 C.I. 62 500

C.I. Disperse Blue 26 C.I. 63 305

C.I. Disperse Blue 35

C.I. Disperse Blue 102

C.I. Disperse Blue 106

C.I. Disperse Blue 124

C.I. Disperse Brown 1

C.I. Disperse Orange 1 C.I. 11 080

C.I. Disperse Orange 3 C.I. 11 005

C.I. Disperse Orange 37

C.I. Disperse Orange 76

(qabel imsejħa Orange 37)

C.I. Disperse Red 1 C.I. 11 110

C.I. Disperse Red 11 C.I. 62 015

C.I. Disperse Red 17 C.I. 11 210

C.I. Disperse Yellow 1 C.I. 10 345

C.I. Disperse Yellow 9 C.I. 10 375

C.I. Disperse Yellow 39

C.I. Disperse Yellow 49

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni li dawn iż-żebgħat ma ntużawx.

**Metalli tqal**

Żebgħa u pigmenti li fihom ċomb (Pb), kadmju (Cd), merkurju (Hg) jew kromju (chromium total) jew Cr(VI) bħala ingredjenti tal-komponent li jiżbogħ ma jistgħux jintużaw biex jinżebgħu l-materjali:

Il-valur limitu tal-kontenut totali ta' metall tqil għal twapet li jitwaħħlu huwa ta' 100 mg/kg.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni li dawn iż-żebgħat ma ntużawx, flimkien mad-dokumentazzjoni li turi li l-limitu impost ma nqabiżx.

Jekk il-prodotti li ntużaw għandhom tabella GUT, dawn jissodisfaw dan ir-rekwiżit u għandha tiġi ppreżentata d-dokumentazzjoni xierqa.

2.3. *Emissjonijiet tal-ilma*

**Suf – COD**

Għall-iskart likwidu mill-għorik maħruġ fid-dranaġġ, is-COD maħruġ fid-dranaġġ ma għandux jaqbeż is-60 g/kg tas-suf żejtni, u l-iskart likwidu għandu jiġi trattat barra mis-sit sabiex talanqas jinkiseb tnaqqis ta' 75 % ieħor tal-kontenut tas-COD, espress bħala medja annwali.

Għall-iskart likwidu mill-għorik ittrattat fuq is-sit u maħruġ fl-ilma tal-wiċċ, is-COD maħruġ fl-ilma tal-wiċċ ma għandux jaqbeż il-45 g/kg tas-suf żejtni. Il-pH tal-iskart likwidu maħruġ fl-ilmijiet tal-wiċċ għandu jkun ta' bejn 6 u 9 (sakemm il-pH tal-ilma li jmur fih ma jkunx jaqbeż din il-firxa), u t-temperatura ta' anqas minn 40 °C (sakemm it-temperatura tal-ilma li jmur fih ma tkunx ogħla minn dan il-valur). Il-fabbrika tal-għorik tas-suf għandha tiddeskrivi, fid-dettall, it-trattament tal-iskart likwidu mill-għorik u tissorvelja kontinwament il-livelli tas-COD.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi l-informazzjoni u r-rapporti tal-ittestjar relatati ma' dan il-kriterju, bl-użu tal-metodu tal-ittestjar: ISO 6060.

**Ħruġ tal-iskart tal-ilma mill-ipproċessar bit-tixrib**

(a) Skart likwidu mis-siti tal-ipproċessar bit-tixrib (għajr minn siti tal-għorik tas-suf żejtni) għandu jkollu, meta jinħareġ wara t-trattament (fis-sit jew barra minnu), kontenut ta' COD ta' anqas minn 20 g/kg, espressi bħala medja annwali.

V a l u t a z z j o n i u v e r i f i k a : l-applikant għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni dettaljata u r-rapporti tal-ittestjar, bl-użu tal-ISO 6060, li juri l-konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' dikjarazzjoni tal-konformità.

(b) Jekk l-iskart likwidu jiġi ttrattat fuq is-sit u jinħareġ direttament fl-ilma, għandu jkollu wkoll pH ta' bejn 6 u 9 (sakemm il-pH tal-ilma li jmur fih ma jkunx jaqbeż din il-firxa) u temperatura ta' anqas minn 40 °C (sakemm it-temperatura tal-ilma li jmur fih ma tkunx ogħla minn dan il-valur).

V a l u t a z z j o n i u v e r i f i k a : L-applikant għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni u r-rapporti tal-ittestjar li juru l-konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' dikjarazzjoni tal-konformità. Jekk il-prodotti użati għandhom l-ekotikketta tal-UE għal prodotti tessili, dawn jissodisfaw dan ir-rekwiżit u għandha tiġi ppreżentata dokumentazzjoni xierqa.

**Deterġenti, preparazzjonijiet li jrattbu d-drapp u aġenti li jikkumplessaw**

F'kull sit fejn isir il-proċess tat-tixrib, tal-anqas 95 % fil-piż tad-deterġenti, tal-anqas 95 % fil-piż tal-preparazzjonijiet li jrattbu d-drapp u talanqas 95 % fil-piż tal-aġenti li jikkumplessaw li jintużaw għandhom ikunu degradabbli biżżejjed jew ikunu jistgħu jiġu eliminati fl-impjanti tat-trattament tal-iskart likwidu. F'kull sit fejn isir il-proċess tat-tixrib, id-detereġenti (li jikkontjenu surfactants) li jintużaw għandhom jissodisfaw il-kriterji: is-surfactants jissodisfaw il-kriterji għal bijodegradazzjoni aerobika finali. Talanqas 95 % tas-sustanzi l-oħra fil-piż għandhom ikunu degradabbli biżżejjed jew ikunu jistgħu jiġu eliminati fl-impjanti tat-trattament tal-iskart likwidu.

V a l u t a z z j o n i u v e r i f i k a : "bijodegradabbli biżżejjed" tfisser:

— jekk meta tiġi ttestjata b'wieħed mill-metodi OECD 301 A, OECD 301 E, ISO 7827, OECD 302 A, ISO 9887, OECD 302 B, or ISO 9888 turi perċentwal ta' degradazzjoni ta' millanqas 70 % fi żmien 28 jum,

— jew jekk meta tiġi ttestjata b'wieħed mill-metodi OECD 301 B, ISO 9439, OECD 301 C, OECD 302 C, OECD 301 D, ISO 10707, OECD 301 F, ISO 9408, ISO 10708 jew ISO 14593 turi perċentwal ta' degradazzjoni ta' millanqas 60 % fi żmien 28 jum,

— jew jekk meta tiġi ttestjata b'wieħed mill-metodi OECD 303 jew ISO 11733 turi perċentwal ta' degradazzjoni ta' millanqas 80 % fi żmien 28 jum,

— jew, għas-sustanzi li għalihom dawn il-metodi tal-ittestjar ma japplikawx, jekk tiġi ppreżentata xhieda ta' livell ekwivalenti ta' bijodegradazzjoni.

L-applikant għandu jipprovdi dokumentazzjoni xierqa, folji ta' informazzjoni dwar is-sikurezza, rapporti tal-ittestjar u/jew dikjarazzjonijiet, li jindikaw il-metodi tal-ittestjar u r-riżultati kif indikati hawn fuq, u li juru konformità ma' dan il-kriterju għall-użu ta' kull preparazzjoni ta' mordent.

**Żebgħa tal-komplessi metalliċi**

(a) Fil-każ taż-żebgħa taċ-ċelluloża, meta ż-żebgħa tal-komplessi metalliċi tkun parti mir-riċetta taż-żebgħa, anqas minn 20 % ta' kull waħda minn dawk iż-żebgħat tal-kumplessi metalliċi applikati (imdaħħal fil-proċess) għandha tinħareġ fit-trattament tal-iskart likwidu (kemm jekk fuq is-sit u kemm jekk barra minnu).

Fil-każ tal-proċessi l-oħra kollha taż-żebgħa, meta ż-żebgħa tal-komplessi metalliċi tagħmel parti mir-riċetta taż-żebgħa, anqas minn 7 % ta' kull waħda minn dik iż-żebgħa tal-komplessi metalliċi applikata (imdaħħla fil-proċess) għandhom jinħarġu fit-trattament tal-iskart likwidu (kemm jekk fuq is-sit u kemm jekk barra minnu).

(b) L-emissjonijiet fl-ilma wara t-trattament ma għandhomx jeċċedu: Cu 75 mg/kg (fibra, ħajt jew drapp); Cr 50 mg/kg; Ni 75 mg/kg.

V a l u t a z z j o n i u v e r i f i k a : L-applikant għandu jew jipprovdi dikjarazzjoni tan-nuqqas ta' użu jew dokumentazzjoni u rapport tal-ittestjar, bl-użu tal-metodi tal-ittestjar li ġejjin: ISO 8288 għal Cu, Ni; EN 1233 għal Cr.

2.4. *Konsum tal-enerġija*

Il-konsum tal-enerġija għandu jiġi kkalkulat bħall-enerġija tal-ipproċessar użata għall-produzzjoni tal-kisi tal-art.

L-enerġija tal-ipproċessar, ikkalkulata kif indikat fl-Appendiċi Tekniku, għandha teċċedi l-limiti li ġejjin (P = punt tal-iskor):

| Familja tal-prodott | Valur limitu (P) |
|---|---|
| Twapet Sintetiċi | 8 |

Valutazzjoni u verifika: l-applikant għandu jikkalkula l-konsum tal-Enerġija tal-proċess tal-produzzjoni skont l-Appendiċi Tekniku istruzzjonijiet. L-applikant għandu jipprovdi r-riżultati relatati u d-dokumentazzjoni ta' appoġġ.

3. IL-FAŻI TAL-UŻU

3.1 *Ħruġ ta' sustanzi perikolużi*

Il-valuri tal-emissjonjiet li ġejjin ma għandhomx jinqabżu:

| Sustanza | Rekwiżit (wara 3 ijiem) |
|---|---|
| Komponenti organiċi totali fil-medda tar-ritensjoni C6 – C16 (TVOC) | 0,25 mg/m$^3$ arja |
| Komponenti organiċi totali fil-medda tar-ritensjoni > C16 – C22 (TSVOC) | 0,03 mg/m$^3$ arja |
| Total VOC mingħajr LIC (*) | 0,05 mg/m$^3$ arja |

(*) LCI = L-Inqas Konċentrazzjoni ta' Interess.

Valutazzjoni u verifika: l-applikant għandu jippreżenta ċertifikat tat-test skont it-testijiet tal-emissjoni prEN 15052 jew DIN ISO 16000-9.

4. L-ADEGWATEZZA GĦALL-UŻU

Il-prodott għandu jkun adegwat għall-użu. Din l-evidenza tista' tinkludi dejta minn ISO, CEN jew metodi għall-ittestjar ekwivalenti xierqa, bħal proċeduri nazzjonali għall-ittestjar.

Valutazzjoni u verifika: dettalji tal-proċeduri tat-test u r-riżultati għandhom jiġu ppreżentati, flimkien ma' dikjarazzjoni li l-prodott huwa adegwat għall-użu bbażata fuq l-informazzjoni l-oħra kollha dwar l-aqwa applikazzjoni mill-utent aħħari. Skont id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ([1]), prodott huwa meqjus bħala adegwat għall-użu jekk jikkonforma ma' standard armonizzat, approvazzjoni teknika Ewropea jew speċifikazzjoni teknika mhux armonizzata rikonoxxuta fuq livell Komunitarju. Il-marka tal-konformità KE 'KE' għall-prodotti tal-bini tipprovdi lill-produtturi b'attestazzjoni tal-konformità li tingħaraf faċilment u li tista' titqies bħala suffiċjenti f'dan il-kuntest. Barra minn dan, in-norma CEN/TS 14472-2 tista' tintuża biex tintwera l-konformità ma' dan il-kriterju.

5. INFORMAZZJONI GĦALL-KONSUMATUR

Il-prodott għandu jinbiegħ bl-informazzjoni relevanti għall-utent, li tipprovdi pariri dwar l-użu propju, flimkien mal-aqwa użu ġenerali u tekniku tal-prodott, kif ukoll il-manutenzjoni tiegħu. Dan għandu jkollu l-informazzjoni li ġejja fuq il-pakkett u/jew fuq dokumentazzjoni li tingħataw mal-prodott:

(a) informazzjoni li l-prodott ingħata Ekotikketta tal-UE flimkien ma' spjegazzjoni qasira imma speċifika dwar din xi tfisser, apparti l-informazzjoni ġenerali mogħtija fil-kaxxa 2 tal-lowgo;

(b) rakkomandazzjonijiet dwar l-użu u l-manutenzjoni tal-prodott. Din l-informazzjoni għandha tenfasizza l-istruzzjonijiet rilevanti kollha partikolarment dawk li jirreferu għall-manutenzjoni u l-użu tal-prodotti. Kif xieraq, għandha ssir referenza għall-karatteristiċi tal-użu tal-prodott f'kundizzjonijiet klimatiċi diffiċli u kundizzjonijiet oħra, pereżempju r-reżistenza għall-ġlata/l-assorbiment tal-ilma, ir-reżistenza għat-tbajja, ir-reżistenza għall-kimiki, it-tħejjija meħtieġa tal-wiċċ ta' taħt, l-istruzzjonijiet tat-tindif u t-tipi rrakkomandati ta' aġenti tat-tindif u tal-intervalli taż-żmien bejn it-tindif. L-informazzjoni għandha tinkludi wkoll kwalunkwe indikazzjoni possibbli dwar it-tul potenzjali tal-ħajja mistennija tal-prodott f'termini tekniċi, jew bħala medja jew bħala firxa tal-valur;

([1]) ĠU L 40, 11.2.1989, p. 12.

(c) indikazzjoni ta' kif isir ir-riċiklaġġ jew ir-rimi (spjegazzjoni sabiex tingħata informazzjoni lill-konsumatur dwar il-prestazzjoni għolja possibbli tat-tali prodott);

(d) informazzjoni dwar l-Ekotikketta tal-UE u l-gruppi ta' prodotti relatati magħha, inkluż it-test li ġej (jew l-ekwivalenti tiegħu): 'għal iktar informazzjoni żur il-website tal-ekotikketta tal-UE: http://www.ecolabel.eu'.

Valutazzjoni u verifika: l-applikant għandu jipprovdi kampjun tal-imballaġġ u/jew it-testi magħluqa fih ukoll skont l-ISO 6347: kisi tessili tal-art – Informazzjoni għall-konsumatur.

6. INFORMAZZJONI LI TIDHER FUQ L-EKOTIKKETTA

Il-kaxxa 2 tal-Ekotikketta għandha tinkludi t-test li ġej:

— sustanza perikoluża u tossika ristretta,

— proċess tal-produzzjoni li jiffranka l-enerġija,

— emissjonijiet li jniġġsu l-ilma limitati,

— riskju mnaqqas għas-saħħa fl-ambjent tal-għajxien.

*Appendiċi Tekniku għall-kisi tessili tal-art*

**KALKOLU TAL-KONSUM TAL-ENERĠIJA**

Il-konsum tal-enerġija huwa kkalkulat bħala medja annwali tal-enerġija kkunsmata matul il-proċess tal-produzzjoni (eskluż it-tisħin tal-post) mill-materja prima għall-kisi tal-paviment lest.

Għal materja prima sintetika (li ma tiġġeddidx), il-kalkoli jibdew mill-fabbrikazzjoni tal-prodott użat. Il-kalkolazzjoni ma għandhiex tinkludi l-kontenut tal-enerġija tal-materja prima (nda: enerġija minn materja prima).

Il-kalkolu tal-enerġija għandu jinkludi talanqas 95 % skont il-konsum tal-enerġija tal-materja prima. L-enerġija meħtieġa għall-manifattura ta' sustanzi adeżivi u verniċ ma għandhiex tiġi inkluża fil-kalkoli.

L-unità magħżula għall-kalkoli hija $MJ/m^2$.

Il-kontenut tal-enerġija ta' diversi fjuwils huwa mogħti.

Il-konsum tal-elettriku jirreferi għal elettriku mixtri mingħand fornitur estern.

Jekk il-produttur għandu enerġija żejda li tinbiegħ bħala elettriku, fwar jew sħana, il-kwantità mibjugħa tista' titnaqqas mill-konsum tal-fjuwil. Il-fjuwil li fil-fatt jintuża fil-produzzjoni tal-kisi tal-art biss għandu jiġi inkluż fil-kalkoli.

| **Parametru ambjentali** |
|---|
| A = Proporzjon ta' materja prima li tiġġedded u materja prima riċiklata li ma tiġġeddidx (%) (*) |
| B = Proporzjon ta' fjuwils li jiġġeddu (%) |
| C = Konsum tal-elettriku ($MJ/m^2$) |
| D = Konsum tal-fjuwil ($MJ/m^2$) |
| (*) L-użu ta' "materja prima li tiġġedded" u/jew "materja prima riċiklata li ma tiġġeddidx" jitħalla fuq bażi volontarja. |

$$P = \frac{A}{25} + \frac{B}{25} + (4 - 0{,}055 \times C) + (4 - 0{,}022 \times D)$$

Il-kontenut tal-enerġija ta' diversi fjuwils huma mogħtija fit-tabella li ġejja.

**Tabella għall-kalkolazzjoni tal-konsum tal-fjuwil.**

Perjodu ta' produzzjoni (sena):

Jiem:

Minn:

Sa:

| Fjuwil | Kwantità | Unitajiet | Fattur tal-konverżjoni | Enerġija (MJ) |
|---|---|---|---|---|
| Tiben (15 %W) | | Kg | 14,5 | |
| Griebeb (7 %W) | | Kg | 17,5 | |
| Skart tal-injam (20 %W) | | Kg | 14,7 | |
| Laqx tal-injam (45 %W) | | Kg | 9,4 | |
| Pit | | Kg | 20 | |
| Gass naturali | | Kg | 54,1 | |

| Fjuwil | Kwantità | Unitajiet | Fattur tal-konverżjoni | Enerġija (MJ) |
|---|---|---|---|---|
| Gass naturali | | $Nm^3$ | 38,8 | |
| Butan | | Kg | 49,3 | |
| Pitrolju | | Kg | 46,5 | |
| Petrol | | Kg | 52,7 | |
| Diżil | | Kg | 44,6 | |
| Nafta | | Kg | 45,2 | |
| Żejt fjuwil tqil | | Kg | 42,7 | |
| Faħam Xott tal-Fwar | | Kg | 30,6 | |
| Antraċite | | Kg | 29,7 | |
| Faħam tal-kannol | | Kg | 33,7 | |
| Kokk industrijali | | Kg | 27,9 | |
| Elettriku (mill-grilja) | | kWh | 3,6 | |
| **Enerġija totali (MJ)** | | | | |

III

*(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TAL-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/968/ĠAI

## tat-30 ta' Novembru 2009

## li tadotta r-regoli dwar il-konfidenzjalità tal-informazzjoni tal-Europol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL) ([1]) (id-"Deċiżjoni Europol"), u b'mod partikolari l-Artikolu 40 tagħha,

Wara li kkunsidra l-abbozz ta' regoli ppreżentati mill-Bord ta' Amministrazzjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi skont id-Deċiżjoni Europol, hija r-responsabbiltà tal-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, li jadotta r-regoli implimentattivi dwar il-konfidenzjalità tal-informazzjoni li tinkiseb minn, jew tiġi skambjata mal-Europol,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*KAPITOLU I*

**DEFINIZZJONIJIET U KAMP TA' APPLIKAZZJONI**

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dawn ir-regoli:

(a) "Ipproċessar ta' informazzjoni" jew "ipproċessar" tfisser kwalunkwe operazzjoni jew sett ta' operazzjonijiet imwettqa fuq data personali jew mhix personali, kemm jekk b'mezzi awtomatiċi kif ukoll jekk le, bħal ġbir, reġistrazzjoni, organizzazzjoni, ħżin, adattazzjoni jew alterazzjoni, irkupru, konsultazzjoni, użu, żvelar permezz ta' trasmissjoni, disseminazzjoni jew kwalunkwe tqegħid għad-dispożizzjoni, allinjament jew interkonnessjoni, imblukkar, tħassir jew qerda;

(b) "Parti terza" tfisser entità msemmija fl-Artikoli 22(1) u 23(1) tad-Deċiżjoni Europol;

(ċ) "Kumitat tas-Sigurtà" tfisser il-Kumitat li jikkonsisti minn rappreżentanti tal-Istati Membri u l-Europol, kif deskritt fl-Artikolu 4;

(d) "Koordinatur tas-Sigurtà" tfisser il-Viċi Direttur li lilu d-Direttur - f'konformità mal-Artikolu 38(2) tad-Deċiżjoni Europol - jassenja, flimkien ma' kompiti oħrajn, il-funzjoni ta' koordinazzjoni u kontroll fi kwistjonijiet ta' sigurtà;

(e) "Uffiċjali tas-Sigurtà" tfisser il-persunal tal-Europol, maħtur mid-Direttur, u responsabbli għall-kwistjonijiet tas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 6;

(f) "Manwal tas-Sigurtà" tfisser il-manwal li jimplimenta dawn ir-regoli, li għandu jiġi stabbilit f'konformità mal-Artikolu 7;

(g) "Livell ta' klassifikazzjoni" tfisser l-għoti ta' indikazzjoni tas-sigurtà assenjata lil dokument ipproċessat mill-Europol jew permezz tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 10;

(h) "Pakkett ta' sigurtà" tfisser tlaqqigħ speċifikat ta' miżuri tas-sigurtà li għandhom jiġu applikati għal informazzjoni soġġetta għal-livell ta' klassifikazzjoni tal-Europol kif imsemmi fl-Artikolu 10;

(i) "Livell ta' protezzjoni bażiku" tfisser il-livell ta' protezzjoni li għandu jiġi applikat għall-informazzjoni kollha pproċessata mill-Europol jew permezz tiegħu, minbarra informazzjoni li hija indikata espressament jew li tintgħaraf biċ-ċar bħala informazzjoni pubblika, kif imsemmi fl-Artikolu 10(1);

(j) "Persunal" tfisser persunal temporanju u kuntrattwali kif definit fl-Artikolu 39(4) tad-Deċiżjoni Europol;

(k) "Informazzjoni kklassifikata Europol" tfisser kwalunkwe informazzjoni u materjal fi kwalunkwe forma, li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista' jkun ta' ħsara fi gradi varji għall-interessi essenzjali tal-Europol jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar, u li jirrikjedu l-applikazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà kif definiti fl-Artikolu 7(2)(b).

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dawn ir-regoli jistabbilixxu l-miżuri ta' sigurtà li għandhom jiġu applikati għall-informazzjoni kollha li hija pproċessata mill-Europol jew permezz tiegħu.

([1]) ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

2. Il-kanali ta' komunikazzjoni bejn l-Europol u l-unitajiet nazzjonali tal-Istati Membri, imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Europol, għandhom jipprovdu livell ta' protezzjoni li jkun ekwivalenti għal-livell offrut minn dawn il-miżuri. Standard komuni għal dawn il-kanali ta' komunikazzjoni għandu jiġi approvat mill-Kumitat tas-Sigurtà.

3. L-Anness jagħti sommarju tal-livelli ta' klassifikazzjoni tal-Europol, kif imsemmijin fl-Artikolu 10, u l-indikazzjonijiet ekwivalenti li attwalment huma applikati mill-Istati Membri għall-informazzjonisoġġetta għal dawk il-livelli ta' klassifikazzjoni. Meta Stat Membru jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Europol bi kwalunkwe tibdil fid-dispożizzjonijiet nazzjonali tiegħu dwar il-livelli ta' klassifikazzjoni jew fl-indikazzjonijiet ekwivalenti, l-Europol għandu jelabora verżjoni riveduta tas-sommarju riprodott fl-Anness. Mill-anqas darba fis-sena l-Kumitat tas-Sigurtà għandu jivverifika jekk dan is-sommarju jkunx aġġornat.

*KAPITOLU II*

**RESPONSABBILTAJIET TAS-SIGURTÀ**

*Artikolu 3*

**Responsabbiltajiet tal-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom jimpenjaw rwieħhom li jiżguraw li, fit-territorju tagħhom, l-informazzjoni tal-Europol tirċievi livell ta' protezzjoni li jkun ekwivalenti għal-livell ta' protezzjoni offrut mill-miżuri tas-sigurtà stabbiliti skont dawn ir-regoli.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Koordinatur tas-Sigurtà bil-ksur tas-sigurtà kollu li jaf jikkomprometti l-interessi tal-Europol jew ta' Stat Membru. F'dan il-każ tal-aħħar, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun infurmat ukoll direttament permezz tal-unità nazzjonali.

*Artikolu 4*

**Kumitat tas-Sigurtà**

1. Għandu jiġi stabbilit Kumitat tas-Sigurtà, kostitwit minn rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Europol, li għandu jiltaqa' mill-anqas darbtejn fis-sena.

2. Il-Kumitat tas-Sigurtà għandu jkollu l-kompitu li jagħti konsulenza lill-Bord ta' Amministrazzjoni u lid-Direttur tal-Europol dwar kwistjonijiet relatati mal-politika tas-sigurtà, inkluża l-applikazzjoni tal-Manwal tas-Sigurtà.

3. Il-Kumitat tas-Sigurtà għandu jistabbilixxi r-regoli tal-proċedura tiegħu. Il-laqgħat tal-Kumitat tas-Sigurtà għandhom ikunu ppresjeduti mill-Koordinatur tas-Sigurtà.

*Artikolu 5*

**Koordinatur tas-Sigurtà**

1. Il-Koordinatur tas-Sigurtà għandu jkollu responsabbiltà ġenerali għall-kwistjonijiet kollha relatati mas-sigurtà, inklużi l-miżuri tas-sigurtà stabbiliti f'dawn ir-regoli u fil-Manwal tas-Sigurtà. Il-Koordinatur tas-Sigurtà għandu jissorvelja l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà u jinforma lid-Direttur dwar il-ksur kollu tas-sigurtà. F'każijiet serji, id-Direttur għandu jinforma lill-Bord ta' Amministrazzjoni. Jekk tali ksur jissogra li jikkomprometti l-interessi ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru wkoll għandu jiġi infurmat.

2. Il-Koordinatur tas-Sigurtà għandu jkun direttament responsabbli quddiem id-Direttur tal-Europol.

3. Il-Koordinatur tas-Sigurtà għandu jkollu l-approvazzjoni tas-sigurtà sal-ogħla livell f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli fl-Istat Membru li tiegħu il-Koordinatur tas-Sigurtà jkun ċittadin.

*Artikolu 6*

**Uffiċjali tas-Sigurtà**

1. L-Uffiċjali tas-Sigurtà għandhom jappoġġaw id-Direttur fl-implimentazzjoni tal-miżuri tas-sigurtà stabbiliti f'dawn ir-regoli u fil-Manwal tas-Sigurtà. L-Uffiċjali tas-Sigurtà għandhom ikunu direttament responsabbli quddiem il-Koordinatur tas-Sigurtà. Il-kompiti speċifiċi tal-Uffiċjali tas-Sigurtà għandhom ikunu:

(a) li jagħtu struzzjonijiet, jassistu u jagħtu konsulenza lill-persuni kollha fl-Europol - kif ukoll lil kull persuna oħra involuta fl-attivitajiet relatati mal-Europol li tkun taħt obbligu partikolari ta' diskrezzjoni jew konfidenzjalità - fir-rigward tad-doveri tagħhom skont dawn ir-regoli u skont il-Manwal tas-Sigurtà;

(b) li jinfurzaw id-dispożizzjonijiet tas-sigurtà, jinvestigaw ksur tagħhom u jirrappurtaw dwarhom immedjatament lill-Koordinatur tas-Sigurtà;

(ċ) li jirrevedu regolarment l-adegwatezza tal-miżuri tas-sigurtà abbażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju: għal dak il-għan, huma għandhom jirrapportaw lill-Koordinatur tas-Sigurtà bħala regola mill-anqas darba fix-xahar u, f'każijiet eċċezzjonali, kull darba li dan jitqies bħala meħtieġ u għandhom jipprovdu rakkomandazzjonijiet u pariri adegwati;

(d) li jwettqu l-kompiti assenjati lilhom taħt dawn ir-regoli jew taħt il-Manwal tas-Sigurtà; u

(e) li jwettqu kwalunkwe kompitu ieħor assenjat lilhom mill-Koordinatur tas-Sigurtà.

2. L-Uffiċjali tas-Sigurtà għandu jkollhom l-approvazzjoni tas-sigurtà sal-ogħla livell meħtieġ mid-doveri tagħhom u f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli fl-Istati Membri li tiegħu jkunu ċittadini.

*Artikolu 7*

**Manwal tas-Sigurtà, Proċedura u Kontenut**

1. Il-Manwal tas-Sigurtà għandu jiġi adottat mill-Bord ta' Amministrazzjoni wara li jkun ikkonsulta lill-Kumitat tas-Sigurtà.

2. Il-Manwal tas-Sigurtà għandu jipprovdi direzzjoni u appoġġ ġestjonarju għas-sigurtà f'konformità mar-rekwiżiti operattivi u għandu jistabbilixxi l-approċċ tal-Europol għall-ġestjoni tas-sigurtà. Il-Manwal tas-Sigurtà għanu jinkludi:

(a) regoli dettaljati dwar il-miżuri tas-sigurtà li għandhom jiġu applikati fl-Europol sabiex jiġi previst il-livell ta' protezzjoni bażiku msemmi fl-Artikolu 10(1) ta' dawn ir-regoli, fejn dawn il-miżuri jkunu bbażati fuq l-Artikoli 35 u 41(2) tad-Deċiżjoni tal-Europol u b'kont meħud tal-Artikolu 40(3) tagħha; u

(b) regoli dettaljati dwar il-miżuri tas-sigurtà assoċjati mal-livelli ta' klassifikazzjoni differenti tal-Europol u l-pakketti ta' sigurtà korrispondenti msemmija fl-Artikolu 10(2) u 10(3); il-Manwal tas-Sigurtà għandu jieħu kont ukoll tal-Artikolu 46 tad-Deċiżjoni Europol.

3. Il-Manwal tas-Sigurtà għandu jiġi rivedut f'intervalli regolari, jew meta jsirulu bidliet sinifikanti, sabiex jiġu żgurati l-adattabbiltà, l-adegwatezza u l-effettività kontinwi tiegħu.

4. L-emendi għall-Manwal tas-Sigurtà għandhom jiġu adottati skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1.

*Artikolu 8*

**Akkreditazzjoni ta' Sigurtà tas-Sistemi**

1. Is-sistemi kollha tal-Europol użati għall-ipproċessar tal-informazzjoni kklassifikata tal-Europol għandhom jiġi akkreditati mill-Bord ta' Amministrazzjoni wara li jkun ġie kkonsultat il-Kumitat tas-Sigurtà u wara li tkun inkisbet assigurazzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri tas-sigurtà meħtieġa li joriġinaw mis-Sistema Speċifika tar-Rekwiżiti tas-Sigurtà (SSSR), ir-Reġistru tar-Riskji għall-Informazzjoni u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra. Is-sistemi sekondarji u t-terminals jew workstations remoti għandhom jiġu akkredidati bħala parti tas-sistemi kollha li huma konnessi magħhom.

2. Is-SSSR għandha tiġi adottata mill-Bord ta' Amministrazzjoni wara li jkun ġie kkonsulta l-Kumitat tas-Sigurtà. Is-SSSR għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Manwal tas-Sigurtà.

*Artikolu 9*

**Osservanza**

1. Il-miżuri tas-sigurtà stabbiliti f'dawn ir-regoli u fil-Manwal tas-Sigurtà għandhom jiġu osservati mill-persuni kollha fl-Europol, kif ukoll minn kwalunkwe persuna oħra involuta f'attivitajiet relatati mal-Europol li tkun taħt obbligu partikolari ta' diskrezzjoni jew konfidenzjalità.

2. Id-Direttur, l-uffiċċji ta' kollegament u l-unitajiet nazzjonali tal-Europol għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw l-osservanza ta' dawn ir-regoli u tal-Manwal tas-Sigurtà f'konformità mal-paragrafu 1.

*KAPITOLU III*

**PRINĊIPJI ĠENERALI**

*Artikolu 10*

**Livell ta' Protezzjoni Bażiku, Livelli ta' Klassifikazzjoni u Pakketti tas-Sigurtà**

1. L-informazzjoni kollha pproċessata mill-Europol jew permezz tiegħu, bl-eċċezzjoni tal- informazzjoni li tkun indikata espressament jew li tintgħaraf biċ-ċar bħala informazzjoni pubblika, għandha tkun soġġetta għal livell ta' protezzjoni bażiku fl-Europol u fl-Istati Membri.

2. F'konformità mal-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-applikazzjoni tal-livell ta' protezzjoni bażiku msemmi fil-paragrafu 1, b'varjetà ta' miżuri skont il-leġislazzjoni u r-regolamenti nazzjonali, inkluż l-obbligu tad-diskrezzjoni u l-konfidenzjalità, l-aċċess limitat għall-informazzjoni għall-persunal awtorizzat, ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data fir-rigward tad-data personali u l-miżuri tekniċi u proċedurali ġenerali biex tiġi salvagwardjata s-sikurezza tal-informazzjoni, b'kont meħud tal-Artikolu 41(2) tad-Deċiżjoni Europol.

3. L-informazzjoni li tirrikjedi miżuri ta' sigurtà addizzjonali għandha tkun soġġetta għal livell ta' klassifikazzjoni tal-Europol, li għandu jkun indikat permezz ta' indikazzjoni speċifika. L-informazzjoni għandha tkun soġġetta għal livell ta' sigurtà biss meta dan ikun strettament meħtieġ u għaż-żmien meħtieġ biss.

4. Il-livelli ta' klassifikazzjoni tal-Europol li ġejjin għandhom jintużaw:

(a) "RESTREINT UE/EU RESTRICTED": din il-klassifikazzjoni għandha tiġi applikata għall-informazzjoni u l-materjal li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista' jkun ta' żvantaġġ għall-interessi tal-Europol, tal-UE jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar;

(b) "CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL": din il-klassifikazzjoni għandha tiġi applikata għall-informazzjoni u l-materjal li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista' jagħmel ħsara lill-interessi essenzjali tal-Europol, tal-UE jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar;

(c) "SECRET UE/EU SECRET": din il-klassifikazzjoni għandha tiġi applikata għall-informazzjoni u l-materjal li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista' jagħmel ħsara serja lill-interessi essenzjali tal-Europol, tal-UE jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar;

(d) "TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET": din il-klassifikazzjoni għandha tiġi applikata għall-informazzjoni u l-materjal li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista' jikkaġuna preġudizzju eċċezzjonalment gravi lill-interessi essenzjali tal-Europol, tal-UE jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar.

Tali informazzjoni u materjal ikklassifikati għandhom jinkludu marka addizzjonali ("EUROPOL") taħt il-marka ta' klassifikazzjoni biex tindika li dawn joriġinaw fl-Europol.

Kull livell ta' klassifikazzjoni tal-Europol għandu jkollu x'jaqsam ma' pakkett speċifiku tas-sigurtà li għandu jiġi applikat fl-Europol. Il-pakketti tas-sigurtà għandhom joffru livell differenti ta' protezzjoni, skont il-kontenut tal-informazzjoni, u jieħdu kont tal-effett detrimentali li l-aċċess, it-tixrid jew l-użu mhux awtorizzati tal-informazzjoni jista' jkollhom fuq l-interessi tal-Europol jew tal-Istati Membri.

Meta tinġabar l-informazzjoni kklassifikata f'livelli differenti, il-livell ta' klassifikazzjoni li għandu jiġi applikat għandu jkun mill-inqas għoli daqs dak applikabbli għall-informazzjoni protetta fl-ogħla livell. Fi kwalunkwe każ, grupp ta' informazzjoni jista' jingħata livell ogħla ta' protezzjoni minn dak ta' kull waħda mill-partijiet tiegħu.

It-traduzzjoni ta' dokument klassifikat għandha tingħata l-istess livell ta' klassifikazzjoni, u għandha tkun soġġetta għall-istess protezzjoni, bħad-dokument oriġinali.

5. Indikazzjoni ta' avvertenza tista' tintuża biex jiġu speċifikati kondizzjonijiet addizzjonali bħad-distribuzzjoni tal-informazzjoni hija limitata għall-kanali speċifiċi ta' skambju ta' informazzjoni, embargo u distribuzzjoni partikolari fuq bażi ta' ħtieġa għal informazzjoni. Tali indikazzjonijiet ta' avvertenza għandhom jiġu definiti fil-Manwal tas-Sigurtà.

6. Il-pakketti tas-sigurtà għandhom jikkonsistu minn diversi miżuri ta' natura fiżika, teknika, organizzattiva jew amministrattiva, kif stabbilit fil-Manwal tas-Sigurtà.

*Artikolu 11*

**Għażla tal-Livell ta' Klassifikazzjoni**

1. L-Istat Membru li jagħti informazzjoni lill-Europol għandu jkun responsabbli għall-għażla ta' kwalunkwe livell ta' klassifikazzjoni adegwat għal tali informazzjoni skont l-Artikolu 10. Fejn applikabbli, meta jagħti informazzjoni lill-Europol, l-Istat Membru għandu jindika l-informazzjoni b'livell ta' klassifikazzjoni Europol kif imsemmi fl-Artikolu 10(4).

2. Fl-għażla ta' livell ta' klassifikazzjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-klassifikazzjoni tal-informazzjoni skont ir-regolamenti nazzjonali tagħhom, il-ħtieġa tal-flessibbiltà operattiva meħtieġa sabiex l-Europol jiffunzjona b'mod adegwat u l-ħtieġa li l-klassifikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi għandha tkun l-eċċezzjoni u li, jekk din l-informazzjoni għandha tiġi kklassifikata, għandha tingħata l-iktar livell baxx possibbli.

3. Jekk l-Europol, abbażi ta' informazzjoni li diġà jkollu fil-pussess tiegħu, jasal għall-konklużjoni li l-għażla tal-livell ta' klassifikazzjoni teħtieġ li tinbidel (pereżempju billi jonqos jew jiżdied il-livell ta' klassifikazzjoni jew billi jiżdied il-livell ta' klassifikazzjoni għal dokument li qabel ikun soġġett għal-livell ta' protezzjoni bażiku), huwa għandu jinforma lill-Istat Membru kkonċernat u jfittex li jaqbel dwar livell ta' klassifikazzjoni adegwat. L-Europol m'għandhiex tispeċifika, tibdel, iżżid jew tnaqqas livell ta' klassifikazzjoni mingħajr tali ftehim.

4. Fejn l-informazzjoni ġġenerata mill-Europol tkun ibbażata, jew ikun fiha, informazzjoni mogħtija minn Stat Membru, l-Europol għandu jiddetermina, bi ftehim mal-Istat Membru kkonċernat, jekk il-livell ta' protezzjoni bażiku huwiex biżżejjed jew jekk tkunx meħtieġa l-applikazzjoni ta' livell ta' klassifikazzjoni tal-Europol.

5. Fejn tali informazzjoni tkun iġġenerata mill-Europol innifsu, u tali informazzjoni ma tkunx ibbażata fuq, u lanqas ma jkun fiha, informazzjoni mogħtija minn Stat Membru, l-Europol għandu jiddetermina kwalunkwe livell ta' klassifikazzjoni adegwat għal tali informazzjoni, bl-użu tal-kriterji stabbiliti mill-Kumitat tas-Sigurtà. Fejn meħtieġ, l-Europol għandu jindika l-informazzjoni kif meħtieġ.

6. L-Istati Membri u l-Europol għandhom, fejn tali informazzjoni tikkonċerna wkoll l-interessi essenzjali ta' Stat Membru ieħor, jikkonsultaw lil dak l-Istat Membru dwar jekk għandux jiġi applikat xi livell ta' klassifikazzjoni għal dik l-informazzjoni u jekk iva, liema livell ta' klassifikazzjoni għandu jiġi applikat.

*Artikolu 12*

**Tibdil tal-Livell ta' Klassifikazzjoni**

1. Stat Membru li jkun ta informazzjoni lill-Europol jista', fi kwalunkwe ħin, jirrikjedi li jiġi mibdul il-livell ta' klassifikazzjoni magħżul, inkluż billi jiġi mnaqqas jew miżjud livell ta' klassifikazzjoni. L-Europol għandu jkun obbligat ineħħi, jibdel jew iżid livell ta' klassifikazzjoni skont ix-xewqat tal-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu, hekk kif iċ-ċirkostanzi jippermettu, jitlob li l-livell ta' klassifikazzjoni in kwistjoni jitnaqqas jew jitneħħa totalment.

3. Stat Membru li jagħti informazzjoni lill-Europol jista' jispeċifika l-perijodu taż-żmien li għalih tapplika l-għażla tal-livell ta' klassifikazzjoni, u kwalunkwe emenda possibbli għal-livell ta' klassifikazzjoni wara tali perijodu.

4. Fejn il-livell ta' protezzjoni bażiku jew il-livell ta' klassifikazzjoni jkun ġie ddeterminat mill-Europol f'konformità mal-Artikolu 11(4), l-Europol għandu jibdel il-livell ta' protezzjoni bażiku jew il-livell ta' klassifikazzjoni biss bi qbil mal-Istati Membri kkonċernati.

5. Fejn il-livell ta' klassifikazzjoni tkun ġiet iddeterminata mill-Europol f'konformità mal-Artikolu 11(5), l-Europol jista' jibdel jew ineħħi l-livell ta' klassifikazzjoni fi kwalunkwe ħin li dan jitqies bħala meħtieġ.

6. Fejn l-informazzjoni, li l-livell ta' klassifikazzjoni tagħha jiġi mibdul f'konformità ma' dan l-Artikolu, tkun diġà ngħatat lil Stati Membri oħrajn, l-Europol għandu jinforma lir-riċevituri bil-bidla fil-livell ta' klassifikazzjoni.

*Artikolu 13*

**Proċessar, Aċċess u Approvazzjoni tas-Sigurtà**

1. L-aċċess għall-informazzjoni u l-pussess tagħha għandu jkun ristrett fl-organizzazzjoni Europol għal dawk il-persuni li, minħabba d-doveri jew l-obbligi tagħhom, jeħtieġu li jkunu familjari ma' tali informazzjoni jew jeħtieġ li jitrattawha. Il-persuni inkarigati mill-ipproċessar tal-informazzjoni għandhom ikunu kisbu approvazzjoni tas-sigurtà adatta u barra minn hekk għandhom jirċievu taħriġ speċjali.

2. Il-persuni kollha li jista' jkollhom aċċess għal informazzjoni soġġetta għal livell ta' klassifikazzjoni pproċessata mill-Europol għandhom jgħaddu minn approvazzjoni tas-sigurtà f'konformità mal-Artikolu 40(2) tad-Deċiżjoni Europol u l-Manwal tas-Sigurtà. Il-Koordinatur tas-Sigurtà għandu, abbażi tar-riżultat tal-proċedura tal-approvazzjoni tas-sigurtà, soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Manwal tas-Sigurtà, jawtorizza lil dawk il-persuni approvati fil-livell nazzjonali adegwat, li minħabba fid-doveri jew l-obbligi tagħhom, jeħtieġ ikunu familjari ma' informazzjoni soġġetta għal livell ta' klassifikazzjoni tal-Europol. L-awtorizzazzjoni hija soġġetta għal reviżjoni regolari mill-Koordinatur tas-Sigurtà. L-awtorizzazzjoni għandha tkun irtirata immedjatament mill-Koordinatur tas-Sigurtà abbażi ta' raġunijiet ġustifikabbli. Il-Koordinatur tas-Sigurtà għandu jkun responsabbli biex jiżgura l-implimentazzjoni tal-paragrafu 3.

3. Ebda persuna m'għandu jkollha aċċess għal informazzjoni soġġetta għal livell ta' klassifikazzjoni mingħajr ma tkun ingħatat l-approvazzjoni tas-sigurtà fil-livell adegwat. Madankollu, eċċezzjonalment, il-Koordinatur tas-Sigurtà jista', wara konsultazzjoni ta' Uffiċjal tas-Sigurtà,

(a) jagħti awtorizzazzjoni speċifika u limitata lill-persuni approvati sal-livell "CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL" biex ikollhom aċċess għal informazzjoni speċifika kklassifikata sal-livell "SECRET UE/EU SECRET", jekk, minħabba fid-doveri jew l-obbligi tagħhom f'każ speċifiku, ikunu jeħtieġu jsiru familjari ma' informazzjoni soġġetta għal livell ta' klassifikazzjoni Europol ogħla, jew

(b) jagħti awtorizzazzjoni temporanja għall-aċċess għal informazzjoni kklassifikata għal perijodu li ma jeċċedix is-sitt xhur, sakemm jasal l-eżitu tal-approvazzjoni tas-sigurtà msemmi fil-paragrafu 2, jekk dan ikun fl-interess tal-Europol, u wara li jinnotifika lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u bil-kondizzjoni li ma jkun hemm ebda reazzjoni min-naħa tagħhom fi żmien tliet xhur;. il-Koordinatur tas-Sigurtà għandu jinforma lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati mill-għoti ta' tali awtorizzazzjoni temporanja. L-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni temporanja m'għandux jagħti aċċess għal informazzjoni kklassifikata bħala "SECRET UE/EU SECRET" u ogħla.

4. Tali awtorizzazzjoni m'għandhiex tingħata fejn Stat Membru, meta jagħti l-informazzjoni kkonċernata, ikun speċifika li d-diskrezzjoni mogħtija lill-Koordinatur tas-Sigurtà taħt il-paragrafu 3, m'għandhiex tkun eżerċitata f'rabta ma' dik l-informazzjoni.

*Artikolu 14*

**Partijiet Terzi**

Meta jikkonkludi ftehmiet ta' konfidenzjalità ma' partijiet terzi, jew meta jikkonkludi ftehimiet f'konformità mal-Artikoli 22(4) u 23(7) tad-Deċiżjoni Europol, l-Europol għandu jieħu kont tal-prinċipji stabbiliti f'dawn ir-regoli u fil-Manwal tas-Sigurtà, li għandhom ikunu applikati kif meħtieġ għall-informazzjoni skambjata ma' tali partijiet terzi.

*KAPITOLU IV*

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 15*

**Reviżjoni tar-Regoli**

Kwalunkwe proposti għal emendi għal dawn ir-regoli għandhom ikunu kkunsidrati mill-Bord ta' Amministrazzjoni bil-ħsieb tal-adozzjoni tagħhom mill-Kunsill f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 40(1) tad-Deċiżjoni Europol.

*Artikolu 16*

**Dħul fis-Seħħ**

Dawn ir-regoli għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. ASK

*ANNESS*

**TABELLA TA' EKWIVALENZA TAL-LIVELLI TA' KLASSIFIKAZZJONI**

| Ekwivalenza tal-Livelli ta' Klassifikazzjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Europol [1] | TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET | SECRET UE/EU SECRET | CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL | RESTREINT UE/EU RESTRICTED |
| Belġju | Très Secret<br>Zeer Geheim | Secret<br>Geheim | Confidentiel<br>Vertrouwelijk | Diffusion restreinte<br>Beperkte verspreiding |
| Bulgarija | СТРОГО СЕКРЕТНО | СЕКРЕТНО | ПОВЕРИТЕЛНО | ЗА СЛУЖЕБНО ПОЛЗВАНЕ |
| Repubblika Ċeka | Přísně tajné | Tajné | Důvěrné | Vyhrazené |
| Danimarka | Yderst hemmeligt | Hemmeligt | Fortroligt | Til tjenestebrug |
| Ġermanja | Streng geheim | Geheim | VS — Vertraulich | VS — Nur für den Dienstgebrauch |
| Estonja | Täiesti Salajane | Salajane | Konfidentsiaalne | Piiratud |
| Irlanda | Top Secret | Secret | Confidential | Confidential |
| Greċja | Άκρως Απόρρητο | Απόρρητο | Εμπιστευτικό | Περιορισμένης Χρήσης |
| Spanja | Secreto | Reservado | Confidencial | Difusión Limitada |
| Franza | Très Secret Défense | Secret Défense | Confidentiel Défense | |
| Italja | Segretissimo | Segreto | Riservatissimo | Riservato |
| Ċipru | Άκρως Απόρρητο | Απόρρητο | Εμπιστευτικό | Περιορισμένης Χρήσης |
| Latvja | Sevišķi slepeni | Slepeni | Konfidenciāli | Dienesta vajadzībām |
| Litwanja | Visiškai slaptai | Slaptai | Konfidencialiai | Riboto naudojimo |
| Lussemburgu | Très secret | Secret | Confidentiel | Diffusion restreinte |
| Ungerija | Szigorúan titkos! | Titkos! | Bizalmas! | Korlátozott terjesztésű! |
| Malta | L-Ghola Segretezza | Sigriet | Kunfidenzjali | Ristrett |
| Pajjiżi l-Baxxi | BE Zeer geheim | STG Zeer geheim | STG Confidentieel | Vertrouwelijk |
| Awstrija | Streng geheim | Geheim | Vertraulich | Eingeschränkt |
| Polonja | Ściśle Tajne | Tajne | Poufne | Zastrzeżone |
| Portugall | Muito Secreto | Secreto | Confidencial | Reservado |
| Rumanija | Strict secret de importanţă deosebită | Strict secret | Secret | Secret de serviciu |
| Slovenja | Strogo tajno | Tajno | Zaupno | Interno |
| Slovakkja | Prísne tajné | Tajné | Dôverné | Vyhradené |
| Finlandja | Erittäin salainen | Salainen | Luottamuksellinen | Viranomaiskäyttö |
| Svezja | Kvalificerat hemlig | Hemlig | Hemlig | Hemlig |
| Renju Unit | Top Secret | Secret | Confidential | Restricted |

[1] Il-marka "Europol" għandha tiddaħħal taħt il-marka tal-klassifikazzjoni.

IV

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

# IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

## Nru 191/08/COL

## tas-17 ta' Marzu 2008

## dwar ix-xogħol bla ħlas marbut ma' attivitajiet ta' riċerka u żvilupp (In-Norveġja)

L-AWTORITA TA' SORVELJANZA tal-EFTA ([1]),

Wara li kkunsidrat l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]), b'mod partikolari l-Artikoli 61 sa 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim bejn l-Istati EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja ([3]), b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 1(2) u (3) tal-Ewwel Parti u Artikoli 4(4), 6 u 7(4) tat-Tieni Parti tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti,

Wara li kkunsidrat il-Linji Gwida tal-Awtorità dwar l-Għajnuna mill-Istat ([4]) dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim ŻEE, b'mod partikolari it-taqsima dwar ir-riċerka u l-iżvilupp u l-għajnuna għall-innovazzjoni,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 59/06/COL tal-Awtorità tat-8 ta' Marzu 2008 biex tibda proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 1(2) tal-Ewwel Parti u Artikolu 6 tat-Tieni Parti tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti,

Wara li talbet lil partijiet interessati jippreżentaw il-kummenti tagħhom skont dik id-dispożizzjoni ([5]),

Billi:

### I. FATTI

#### 1. *PROĊEDURA*

B'ittra bid-data tal-14 t'Ottubru 2005 mill-Missjoni Norveġiża għall-Unjoni Ewropea, li kienet tinkludi ittra mill-Ministeru Norveġiż għall-Kummerċ u l-Industrija, bid-data tal-5 t'Ottubru 2005, it-tnejn li huma rċevuti u rreġistrati mill-Awtorità fis-17 t'Ottubru 2005 (Okkorrenza Nru 346675), l-awtoritajiet Norveġiżi nnotifikaw, f'konformità mal-Artikolu 1(3) tal-Ewwel Parti tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, proposta għal skema ġdida għall-għajnuna mill-Istat għal għajnuna għal xogħol bla ħlas relatat mal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp. L-iskema proposta hija imsemmija "Skema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D".

B'ittra bid-data tat-8 ta' Marzu 2006 (Okkorrenza Nru 364666), u wara diversi skambji ta' korrispondenza ([6]), l-Awtorità infurmat lill-awtoritajiet Norveġiżi li kienet iddeċidiet li tagħti bidu għall-proċedura stipulata fl-Artikolu 6 tat-Tieni Parti ta' Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti fir-rigward tal-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D u stiednithom jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni.

([1]) Minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Awtorità".

([2]) Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ŻEE".

([3]) Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti".

([4]) Regoli Proċedurali u Sostantivi fil-Qasam tal-Għajnuna mill-Istat - Linji Gwida dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim ŻEE u Artikolu 1 tal-Ewwel Parti tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, adottati u maħruġa mill-Awtorità fid-19 ta' Jannar 1994, ippubblikati fil-ĠU L 231, 3.9.1994, p. 1, u fis-Supplement ŻEE Nru 32, 3.9.1994, p. 1. Il-Linji Gwida ġew emendati l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 154/07/COL tat-3 ta' Mejju 2007. Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat".

([5]) ĠU C 258, 26.10.2006, p. 28, u s-Supplement ŻEE Nru 53, 26.10.2006.

([6]) Għal informazzjoni iktar dettaljata dwar il-korrispondenza, irreferi għad-Deċiżjoni Nru 59/06/COL għall-bidu tal-proċedura formali ta' investigazzjoni, li jinsab ippubblikat fil-qosor fil-ĠU C 258, 26.10.2006, p. 28, u s-Supplement ŻEE Nru 53, 26.10.2006. Id-deċiżjoni shiħa hija ppublikata fuq il-websajt tal-Awtorità: www.eftasurv.int

B'ittra bid-data tad-19 t'April 2006 mill-Missjoni Norveġiża għall-Unjoni Ewropea, li tinkludi ittri mill-Ministeru tal-Amministrazzjoni tal-Gvern u r-Riforma u l-Ministeru għall-Kummerċ u l-Industrija, bid-dati tal-11 u 7 t'April rispettivament, l-awtoritajiet Norveġiżi ppreżentaw il-kummenti tagħhom. L-ittra ġiet irċevuta u rreġistrata mill-Awtorità fl-20 t'April 2006 (Okkorrenza Nru 370829).

Id-Deċiżjoni Nru 59/06/COL biex jingħata bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u s-Supplement taż-ŻEE tiegħu (7). L-Awtorità talbet lill-partijiet interessati jippreżentaw il-kummenti tagħhom. L-Awtorità ma rċeviet l-ebda kummenti mingħand partijiet interessati.

Fl-aħħarnett, f'ittra li ntbgħatet elettronikament fil-15 ta' Frar 2008 mill-Ministeru għall-Amministrazzjoni tal-Gvern u r-Riforma (Okkorrenza Nru 465311), l-awtoritajiet Norveġiżi kkonsolidaw l-informazzjoni li ntbgħatet bħala riżultat ta' kuntatt informali sew permezz tat-telefon kif ukoll permezz tal-posta elettronika matul l-2007 u Jannar 2008.

## 2. *DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA PROPOSTA*

### 2.1. L-GĦAN, IL-BAŻI LEGALI U L-OPERAZZJONI TAL-ISKEMA TA' XOGĦOL BLA ĦLAS GĦAR-R&D

*L-għan*

Mill-ħidma ta' tħejjija leġiżlattiva jidher li l-għan globali tal-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D huwa li jiġi stimolat iktar investiment fl-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp, b'mod partikolari minn kumpaniji żgħar bħal intraprendituri u impriżi ta' persuna waħda (8). B'mod iktar speċifiku, l-għan tal-iskema l-ġdida huwa li jiġu stimolati l-isforzi li saru minn individwi f'kumpaniji b'orjentament lejn ir-riċerka u l-iżvilupp, li, fil-fażi tal-bidu, huma spiss dipendenti fuq riżorsi ta' xogħol li ma jistgħux jitħallsu. Il-kumpaniji orjentati lejn ir-riċerka u l-iżvilupp huma meqjusa importanti mill-awtoritajiet Norveġiżi għall-iskop ta' ħolqien ta' valur derivat mir-riċerka kif ukoll għall-innovazzjoni.

Fuq livell iktar dettaljat, l-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li l-introduzzjoni tal-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għall-R&D kienet motivata mill-fatt li taħt "l-iskema Skattefunn" eżistenti (9), m'huwiex possibbli li tingħata għajnuna għal xogħol bla ħlas relatat mal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li jsiru minn imprendituri u impriżi b'persuna waħda minħabba l-fatt li l-Iskema Skattefunn hija skema ta' tnaqqis tat-taxxa (10). F'dan ir-rigward l-awtoritajiet spjegaw li taħt l-Iskema Skattefunn, l-għajnuna tingħata għal attivitajiet ta' riċerka u żvilupp fil-forma ta' tnaqqis tat-taxxa (jew kreditu tat-taxxa) li fiha ammont, ekwivalenti għal perċentwali tal-ispejjeż eliġibbli, jitnaqqas mill-ammont dovut fit-taxxa mill-kumpanija. Madankollu, l-awtoritajiet Norveġiżi kkunsidraw li t-tnaqqis ta' ammont li m'huwiex ibbażat fuq spejjeż eliġibbli *reali* iżda fuq xogħol bla ħlas, jiġifieri spejjeż li ma sarux fit-tifsira li ma tħallas l-ebda salarju u li m'huwiex rifless fil-kontijiet tan-negozju, mill-ammont dovut fit-taxxa ma jkunx konformi mal-leġiżlazzjoni ġenerali dwar it-taxxa. Abbażi ta' dan ġie meqjus li x-xogħol bla ħlas ma setgħax jikkwalifika bħala spiża eliġibbli taħt l-Iskema Skattefunn.

Fuq dan l-isfond l-awtoritajiet Norveġiżi pproponew li jwaqqfu l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D, li fiha għajnuna finanzjarja għandha tingħata għal xogħol bla ħlas relatat ma' attivitajiet ta' riċerka u żvilupp fil-forma ta' għotjiet li huma eżentati mit-taxxa. Għaldaqstant l-awtoritajiet Norveġiżi jikkunsidraw l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D bħala korrezzjoni jew suppliment għall-Iskema Skattefunn eżistenti.

Fin-notifika, l-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw ukoll li bosta kumpaniji għandhom proġetti li ġew approvati taħt l-Iskema Skattefunn imma li sussegwentement ma setgħux jibbenefikaw mit-tnaqqis tat-taxxa (jew kellhom iħallsu ammont ekwivalenti għat-tnaqqis tat-taxxa li diġà kienu rċevew) minħabba l-fatt li l-proġetti kienu jinvolvu xogħol bla ħlas. Għalhekk l-awtoritajiet Norveġiżi kienu ddeċidew li jintroduċu "Skema Komprensiva" sabiex jiġu kkumpensati kumpaniji għal telf finanzjarju kkawżat minħabba l-proġetti tagħhom ta' riċerka u żvilupp matul is-snin bejn l-2002-2004 bħala riżultat tal-fatt li x-xogħol bla ħlas ma setgħax ikun kopert mill-Iskema Skattefunn (11). Bid-Deċiżjoni tagħha li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D, l-Awtorità kienet tal-fehma li l-għajnuna mogħtija lill-impriżi taħt l-Iskema ta' Kumpens kienet tikkwalifika bħala għajnuna *de minimis* taħt "ir-Regolament *de minimis*" (12) L-Iskema ta' Kumpens ma kienetx parti mill-proċedura ta' investigazzjoni formali.

(7) Dettalji tal-pubblikazzjoni jinsabu fin-nota ta' qiegħ 6 hawn fuq.

(8) Taqsima 3.9 ta' St. prp. nr. 65 (2004-2005).

(9) L-Iskema Skattefunn ġiet approvata mill-Awtorità bid-Deċiżjoni tagħha Nru 171/02/COL tal-25 ta' Settembru 2002 u emendi għall-Iskema Skattefunn Scheme ġew approvati mill-Awtorità bid-Deċiżjoni tagħha Nru 16/03/COL tal-5 ta' Frar 2003.

(10) It-termini użati mill-awtoritajiet Norveġiżi għall-formoli tal-kumpaniji imsemmija huma "gründerselskaper" u "enkeltpersonforetak".

(11) Fit-2 ta' Lulju 2006 l-awtoritajiet Norveġiżi adottaw id-Digriet Irjali Nru 123 dwar l-implimentazzjoni tal-Iskema ta' Kumpens: "Forskrift om kompensasjon for ulønnet arbeidsinnsats i Skattefunn-godkjente forsknings- og utviklingsprosjekter for inntektsårene 2002, 2003 og 2004". Ara wkoll deskrizzjoni fit-taqsima 3.9 ta' St. prp. nr. 65 (2004-2005).

(12) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 69/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar għajnuna *de minimis* (ĠU L 10, 13.1.2001, p. 30) li ġie inkorporat fil-punt 1(e) tal-Aness XV tal-Ftehim taż-ŻEE.

*Bażi legali*

Fil-proposta oriġinali dwar il-baġit fiskali mill-Gvern Norveġiż għall-Parlament Norveġiż ([13]), li ġiet segwita minn Rakkomandazzjoni minn Kumitat Parlamentari għall-Parlament ([14]), il-Gvern ippropona li jiddedika total ta' NOK 70 miljun kemm għall-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D kif ukoll għall-Iskema ta' Kumpens ([15]). Sakemm ikun hemm approvazzjoni mill-Awtorità ma tħallsu l-ebda fondi taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D imma l-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li l-baġit annwali għall-iskema huwa mistenni li jkun l-iktar madwar NOK 50 miljun ([16]).

Flimkien mal-adozzjoni tal-baġit oriġinali għall-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D, il-Parlament Norveġiż fis-17 ta' Ġunju 2005 adotta proposta li temenda l-Att Norveġiż dwar it-Taxxa fuq il-ġid u d-dħul bl-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar it-trattament u limiti tat-taxxa fir-rigward ta' finanzjament li għandu jingħata taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D (minn hawn il quddiem imsemmija "Il-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D") ([17]).

Apparti l-adozzjoni tal-baġit u l-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D, il-Ministeru Norveġiż għall-Kummerċ u l-Industrija ppubblika abbozz ta' Linji Gwida dwar l-implimentazzjoni tal-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D (minn hawn il quddiem "il-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D") ([18]). L-abbozz tal-Linji Gwida jipprovdi li "Norges forskningsråd" (il-Kunsill Norveġiż għar-Riċerka) ser ikun l-entità responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-iskema.

*Il-ħidma tal-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D – proġetti eliġibbli*

Mil-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D jidher li l-proġetti eliġibbli għandhom jinvolvu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li jsiru minn individwi li m'huma qed jirċievu l-ebda paga jew kumpens ieħor għax-xogħol tagħhom. Individwi li jirċievu ħlas permezz ta' sorsi pubbliċi oħra m'humiex koperti ([19]).

Skond il-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D, proġetti eliġibbli huma:

(i) dawk li jinvolvu riċerka jew investigazzjoni kritika mmirata fuq l-akkwist ta' għarfien u ħiliet ġodda għall-iżvilupp ta' prodotti, proċess jew servizzi ġodda, jew għal titjib sinjifikanti fil-prodotti, proċessi jew servizzi eżistenti. Dawn jinkludu l-ħolqien ta' komponenti ta' sistemi kumplessi, li huwa neċessarju għal riċerka ta' dan it-tip, notevolment għal validazzjoni ġenerika ta' teknoloġija, bl-esklużjoni ta' prototipi kif koperti mill-għażla (ii); ([20]) u

(ii) dawk li għandhom l-għan li jipprovdu informazzjoni, għarfien jew esperjenza ġdida li huwa preżunt ta' użu għall-impriża f'rabta mal-iżvilupp ta' prodotti ġodda, servizzi jew metodi ta' produzzjoni aħjar. Barra minn hekk, attivitajiet li fihom riżultati minn riċerka industrijali jiġu trasferiti fi pjan, proġett jew disinn għal prodotti, servizzi jew proċessi ta' produzzjoni aħjar jew ġodda, kif ukoll l-iżvilupp tal-ewwel prototip jew proġett pilota li ma jistax jiġi sfruttat fuq pjan kummerċjali huma wkoll attivitajiet eliġibbli taħt l-iskema ([21]).

L-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li dawn id-definizzjonijiet ta' proġetti ta' riċerka u żvilupp eliġibbli huma identiċi għad-definizzjonijiet ta' proġetti ta' riċerka u żvilupp eliġibbli taħt l-Iskema Skattefunn eżistenti. Fil-fatt, fil-prattika, l-awtoritajiet Norveġiżi jirreferu għall-proġetti eliġibbli taħt l-Iskema għal Xogħol bla Ħlas għar-R&D bħala proġetti li jilħqu l-"kriterji Skattefunn" jew li ġew approvati taħt l-Iskema Skattefunn ([22]).

([13]) Taqsima 3.9 ta' St. prp. nr. 65 (2004-2005), Kapitolu 928, punt 71.

([14]) Taqsima 10.1.1.2 ta' Innst. S. nr. 240 (2004-2005), Kapitolu 928, punt 71.

([15]) Il-baġit ġie approvat mill-Parlament fis-17 ta' Ġunju 2005. Matul l-2006-2007 ngħataw NOK 35 taħt l-Iskema ta' Kumpens.

([16]) Din hija stima u għalhekk m'hija riflessa fl-ebda testi legali.

([17]) Lov 2005-06-17 nr 74: Lov om endringer i lov 26. mars 1999 nr. 14 om skatt av formue og inntekt (skatteloven). Il-proposta tal-Gvern lill-Parlament tinsab fit-taqsima 14.1 ta' Ot. prp. nr. 92 (2004-2005) u tirreferi għall-proposta oriġinali tal-baġit fil-St. prp. nr. 65 (2004-2005). Il-proposta kienet appoġġjata f'Rakkomandazzjoni mill-Kumitat Finanzjarju fil-Parlament, ara t-taqsima 15.1 tal-Innst. O. nr. 125 (2004-2005).

([18]) L-abbozz tal-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D hija istruzzjoni amministrativa ppubblikata abbażi tar-regolamenti interni dwar il-ġestjoni ta' finanzji fl-Istat intitolata "Reglement for økonomistryring i staten" u "Bestemmelser om økonomistyring i staten".

([19]) It-Taqsima 6 ta' Parti III.6.A fil-Formola ta' Notifika Standard u t-Taqsima 3 tal-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D.

([20]) In-notifika tirreferi għall-Iskema Skattefunn imma ssemmi b'mod speċifiku biss it-tip ta' proġett imniżżel taħt (ii) hawn taħt u għalhekk ma kienx ċar jekk tipi oħra ta' proġetti kienux madankollu inklużi fl-ambitu tal-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D. Madankollu, permezz ta' e-mail fit-12 ta' Marzu 2008 (Okkorrenza Nru 469276), l-awtoritajiet Norveġiżi kkonfermaw li t-tip ta' riċerka u żvilupp deskritt f'punt (i) t'hawn fuq huwa kopert mill-Iskema.

([21]) It-Taqsima 6 tal-Ewwel Parti fil-Formola ta' Notifika Standard u t-Taqsima 3 tal-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D. Madankollu, l-iżvilupp ta' prodott għall-iskop normali ta' negozju li m'għandhux il-karattru ta' riċerka m'huwiex kopert, pereżempju proġetti li għandhom karattru li jkompli jew li jinkludu modifikazzjoni ta' metodi mingħajr il-ħtieġa ta' żvilupp ta' tagħrif ġdid jew l-użu ta' għarfien eżistenti f'modi ġodda, jew li għandhom karattru oganizzazzjonali jew li fihom inkjesti, eċċ.

([22]) It-Taqsima 3 tal-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D u t-Taqsima IX tal-Liġi dwar it-Taxxa għall-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D.

Kif imsemmi hawn fuq, l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas R&D ser tiġi amministrata u implimentata mill-Kunsill Norveġiż għar-Riċerka. Din l-entità tal-aħħar hija wkoll il-korp ta' segretarjat u amministrazzjoni li jevalwa jekk proġetti humiex eliġibbli jew le taħt l-Iskema Skattefunn ([23]). L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li l-fatt li attivitajiet ta' riċerka u żvilupp huma definiti bl-istess mod taħt kemm l-Iskema Skattefunn kif ukoll l-Iskema ta' Xogħol bla ħlas għar-R&D, u li l-entità amministrativa, li tevalwa jekk il-proġetti jikkwalifikawx bħala eliġibbli, huwa l-istess taħt iż-żewġ skemi, ifisser li għall-iskopijiet ta' implimentazzjoni ż-żewġ skemi huma koordinati mill-qrib. F'dan ir-rigward l-intenzjoni hija li l-applikanti li japplikaw għal għajnuna għal attivitajiet eliġibbli ta' riċerka u żvilupp jeħtieġu biss jimlew formola ta' applikazzjoni waħda li fiha l-applikant ikollu l-għażla bejn għajnuna għal xogħol imħallas u/jew mingħajr ħlas relatat mal-attività relevanti ta' riċerka u żvilupp ([24]). Iktar minn hekk, l-għajnuna finanzjarja li għandha tingħata taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D ser tiġi kkunsidrata meta l-applikanti jitolbu wkoll għajnuna taħt l-Iskema Skattefunn u l-għajnuna globali ser tkun suġġetta għal-limitu massimu għal għajnuna taħt l-iskema tal-aħħar ([25]). Fil-fatt, skont l-awtoritajiet Norveġiżi l-unika differenza bejn iż-żewġ skemi hija t-tip ta' spejjeż eliġibbli (jiġifieri xogħol bi ħlas kontra xogħol bla ħlas) u l-mod li fih tingħata l-għajnuna (jiġifieri tnaqqis ta' taxxa kontra għajnuna ħielsa mit-taxxa).

Barra minn hekk, l-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li sabiex jikkwalifikaw bħala proġetti eliġibbli taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D il-proġetti ma jridux ikunu bdew qabel ma ssir l-applikazzjoni għal għajnuna ([26]).

2.2. DESTINATARJI

Fin-notifika, l-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D ser tkun miftuħa għal dawk kollha li jħallsu t-taxxi b'obbligu tat-taxxa fin-Norveġja, inkluż l-intrapriżi kollha, irrispettivament mid-daqs, settur u reġjun ([27]). Impriżi li jipparteċipaw b'mod konġunt f'proġett ta' kooperazzjoni jistgħu ukoll jibbenefikaw mill-Iskema ([28]).

L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li r-raġuni li l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D tinkludi kumpaniji ta' daqs medju u kbar hija biex din tibqa' konformi mal-kundizzjonijiet tal-Iskema Skattfunn (li hija miftuħa għall-impriżi kollha indipendentement mid-daqs). F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li "għalhekk ukoll m'hemmx diskriminazzjoni formali kontra kumpaniji ikbar fid-definizzjoni ta' benefiċjarji fl-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D" (enfażi miżjuda) ([29]).

Madankollu, l-awtoritajiet Norveġiżi huma ċari dwar il-fatt li, fil-prattika, l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D hija maħsuba biex tolqot biss imprendituri u impriżi ta' persuna waħda: "Anke jekk l-iskema tinkludi impriżi ta' kull daqs, in-natura stess tal-iskema (appoġġ għal xogħol bla ħlas) timplika li l-effett inċentiv ikun l-iktar sinjifikanti għal ditti imprenditorjali u impriżi ta' persuna waħda" ([30]). Bl-istess mod l-awtoritajiet iddikjaraw li l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D hija "… immirata l-iktar għal kumpaniji ġodda bbażati fuq it-teknoloġija li m'għandhomx il-kapaċità li jħallsu pagi lill-individwi li jwettqu attività ta' R&D" u "[minħabba li l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D ser tagħti appoġġ għal xogħol bla ħlas li jsir minn persunal R&D li ma jirċevix paga jew kumpens ieħor għax-xogħol, l-iskema m'hijiex ser tkun relevanti għal kumpaniji komuni ta' daqs medju u kbir" ([31]).

Abbażi ta' dan, l-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li "Kumpaniji bi dħul fis-sena jew total ta' bilanċ annwali ekwivalenti għad-definizzjoni ESA ta' kumpaniji ta' daqs medju fil-prattika mhux ser jirċievu għajnuna għal xogħol bla ħlas" ([32]). L-awtoritajiet żiedu li "Kumpaniji ta' daqs ikbar ġeneralment jużaw persunal impjegat u mħallas għar-R&D biex iwettqu l-attività R&D fi proġett Skattefunn" u "l-ispejjeż ta' ħlas ta' dawn l-impjegati jkunu eliġibbli għal rimbors tat-taxxa taħt l-Iskema Skattefunn, u għalhekk dan it-tip ta' kumpaniji la jkollhom bżonn u lanqas raġuni biex japplikaw għal sussidju mill-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas R&D" ([33]).

Fl-aħħarnett, l-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li minħabba li l-limitu massimu għal għajnuna għal proġett eliġibbli huwa l-istess sew jekk l-għajnuna tingħata esklussivament fil-forma ta' tnaqqis ta' taxxa taħt l-Iskema Skattefunn, kif ukoll permezz ta' kombinazzjoni ta' tnaqqis ta' taxxa u għotja taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas R&D, ma hemm l-ebda inċentiva għal kumpaniji ikbar biex jiksbu appoġġ miż-żewġ skemi.

B'riżultat ta' dan, permezz ta' ittra bid-data tal-15 ta' Frar 2008 (Okkorrenza Nru 465311), l-awtoritajiet Norveġiżi infurmaw lill-Awtorità li "l-iskema hija formalment ristretta għad-definizzjoni tal-Awtorità ta' kumpaniji żgħar u mikro".

([23]) It-Taqsima 3.9 ta' St. prp. nr. 65 (2004-2005), it-Taqsima 14.1 ta' Ot. prp. nr. 92 (2004-2005) u l-introduzzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas R&D. Għalkemm "Innovasjon Norge" li qabel kienet "Statens nærings- og distriktsutviklingsfond" hija wkoll involuta fl-amministrazzjoni tal-Iskema Skattefunn għandha rwol sekondarju biss.

([24]) It-Taqsima 7 tal-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D.

([25]) Ara 'l quddiem it-Taqsima 2.3 dwar "Spejjż eliġibbli u intensità tal-għajnuna".

([26]) E-mail bid-data tat-12 ta' Marzu 2008 mill-awtoritajiet Norveġiżi (Okkorrenza Nru 469275).

([27]) Ara wkoll it-Taqsima 3.9 ta' St. prp. nr. 65 (2004-2005) li tgħid li l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D hija indirizzata lil impriżi ta' persuna waħda, kumpaniji b'responsabbiltà limitata u tipi oħra ta' kumpaniji.

([28]) F'dan il-każ l-ispejjeż tal-proġett jingħataw lil parteċipanti b'mod proporzjonat għas-sehem ta' parteċipazzjoni tagħhom.

([29]) Ittra bid-data ta' 10 ta' Jannar 2008 mill-awtoritajiet Norveġiżi (Okkorrenza Nru 356994).

([30]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 29.

([31]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 29.

([32]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 29.

([33]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 29.

2.3. SPEJJEŻ ELIĠIBBLI U INTENSITÀ TAL-GĦAJNUNA

*Spejjeż eliġibbli*

L-awtoritajiet Norveġiżi nnotifikaw li skont l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D l-infiq eliġibbli jikkonsisti fi spejjeż ta' xogħol bla ħlas relatati ma' proġett eliġibbli ([34]). F'termini ta' identifikazzjoni tar-rata(i) fis-siegħa xierqa għax-xogħol bla ħlas, l-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li minħabba li l-kwalifiki formali ta' individwu m'humiex dejjem riflessi fil-ħila li jwettaq proġetti ta' riċerka u żvilupp huwa diffiċli li jiġu identifikati rati separati ekwivalenti għall-edukazzjoni, esperjenza u qasam relevanti. Għalhekk ġie deċiż li tintuża rata fis-siegħa komuni biex tiġi kkalkolata l-għajnuna taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D.

Ir-rata fis-siegħa proposta mill-awtoritajiet Norveġiżi hija bbażata fuq il-kalkolu ta' 1,6 % tal-paga nominali annwali industrijali għall-2005 (NOK 348 300) ([35]), li tirriżulta f'rata fis-siegħa ta' NOK 557,27 li, għas-sempliċità, tqarrbet għal NOK 500. Ir-rata fis-siegħa ta' NOK 500 tista' tkun suġġetta għal aġġustament mill-Ministeru għall-Kummerċ u l-Industrija abbażi ta' żvilupp ġenerali fil-pagi.

Il-metodoloġija ta' kalkolu tar-rata fis-siegħa (bħala 1,6 % tas-salarju nominali annwali) ġie żviluppat mill-Kunsill Norveġiż għar-Riċerka. F'dan ir-rigward l-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li r-rata fis-siegħa għax-xogħol tista', fil-fatt, tiġi stabbilita faċilment sempliċement b'referenza għas-salarju annwali medju (ibbażat fuq statistika) u l-medja annwali ta' sigħat ta' xogħol. Madankollu, sabiex tiġi ssimplifikata l-għotja ta' għajnuna għal attivitajiet ta' riċerka u żvilupp il-Kunsill Norveġiż għar-Riċerka ried imur lil'hinn. Għalhekk żviluppa metodoloġija li fiha r-rata fis-siegħa tinkludi mhux biss (i) l-ispejjeż ta' salarju pur, iżda wkoll (ii) "spejjeż operativi oħra" kkalkolati fuq bażi ta' impjegati u li tikkonsisti fi (a) spejjeż soċjali relatati mas-salarju (bħal pensjoni, sigurtà soċjali, eċċ); (b) spejjeż ta' tagħmir użat għal kull impjegat (pereżempju użu tat-telefon, kompjuter/tagħmir IT, fotokopjer, eċċ); (c) spejjeż ġenerali ta' spejjeż fissi ta' elettriku, tisħin, kiri tal-uffiċċju, kantin u persunal għas-servizzi u użu temporanju ta' staff ta' appoġġ; u (d) kiri/xiri ta' strumenti u provvisti għall-uffiċju.

Ir-rata fis-siegħa għal "xogħol bla ħlas" għalhekk ikopri mhux biss l-ispejjeż ta' salarju iżda wkoll "spejjeż operattivi oħra" fuq bażi ta' kull impjegat ([36]).

Sabiex tiġi stabbilita l-metodoloġija l-Kunsill Norveġiż għar-Riċerka għamel reviżjoni ta' kontijiet ta' għadd ta' kumpaniji Norveġiżi li wrew li, fil-medja, l-ispejjeż operativi annwali huma 1.8 darbiet għola mill-ispejjeż annwali ta' salarju (inklużi l-ispejjeż soċjali) ([37]). Wara li ġew ikkoreġuti l-ispejjeż annwali ta' salarju għall-fatt li kienu jinkludu spejjeż soċjali (ekwivalenti għal 40 % tas-salarju), il-medja tal-ispejjeż operativi kienet 2,52 darbiet ogħla mill-ispejjeż tas-salarju pur. Billi tiġi diviża din iċ-ċifra bil-medja annwali ta' sigħat ta' xogħol (1 500) ([38]), l-ispejjeż operativi, kkalkolati fuq bażi ta' kull siegħa, kienu ta' 1,68 % (imqarrba għal 1,6 %) darbiet tal-ispejjeż annwali tas-salarju pur. Bl-istess mod, il-metodoloġija hija li r-rata fis-siegħa għal xogħol bla ħlas (li tkopri kemm l-ispejjeż tas-salarju pur kif ukoll "spejjeż operativi oħra") huwa kkalkolat bħala 1,6 % tas-salarju annwali relevanti.

Il-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D jipprovdu li l-ispejjeż ta' xogħol eliġibbli huma suġġetti għal limitu stabbilit ta' NOK 2 miljun fis-sena għal kull impriża ([39]).

Fl-aħħarnett, fir-rigward ta' miżuri ta' kontroll, ix-xogħol bla ħlas u spejjeż oħra ta' proġett għandhom jiġu ċċertifikati minn kontabilist għal kull applikazzjoni ([40]). Filwaqt li evidenza ta' ħlas ta' "spejjeż operattivi oħra" hija vverifikata permezz ta' rċevuti, l-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li minħabba li m'hemmx evidenza rrapurtata ta' sigħat ta' xogħol bla ħlas, il-kumpaniji huma mitluba jniżżlu d-data, il-kariga, in-numru ta' sigħat u l-isem tal-individwu relevanti. Għal proġetti b'iktar minn individwu wieħed, ir-rekords għandhom ikunu ffirmati kemm mill-individwu li jkun wettaq ix-xogħol bla ħlas kif ukoll mill-individwu responsabbli mill-proġett. Barra minn hekk, in-numru ta' sigħat irrappurtati jista' jitnaqqas mill-Kunsill Norveġiż ta' Riċerka jekk jirriżulta matul il-proċedura li n-numru ta' sigħat iddikjarati huwa żbaljat.

*Intensità tal-għajnuna*

Il-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla ħlas għar-R&D jipprovdu li għotjiet li jingħataw taħt l-Iskema huma suġġetti għal limiti stipulati fit-Taqsima 16-40 tal-Att Norveġiż dwar Tassazzjoni fuq ġid u dħul ([41]). Din id-dispożizzjoni hija l-bażi għall-Iskema Skattefunn u tipprovdi li l-intensitajiet tal-għajnuna ta' mhux iktar minn 20 % fil-każ ta' intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs) huma aċċettabbli.

([34]) It-Taqsima 6 ta' Parti III.6.A tal-Formola ta' Notifika Standard.

([35]) Ara NOU: 2004:14 intitolat "Om grunnlaget for inntektsoppgjørene", li huwa rapport dwar reviżjoni tal-isfond għall-istabbiliment tal-livelli tas-salarji fl-istatistika pubblika maħruġ minn entità stabbilit mill-Gvern. Skond dan ir-rapport, il-paga medja industrijali annwali (għall-impjegati *full-time*) għall-2003 kienet ta' NOK 319 600. B'kunsiderazzjoni għaż-żieda fis-salarju annwali stmat għal 4,4 % bejn l-2004 u l-2005 (ekwivalenti għaż-żieda fis-salarju annwali bejn l-2002 u l-2003) is-salarju medju industrijali annwali għall-2005 ġie stmat bħala NOK 348 300. Ir-raġuni għal din l-istrateġija kienet li meta saret in-notifika fl-2005 din kienet l-aħjar *data* disponibbli. Bħala paragun, NOU: 2007:3 turi li s-salarju medju industrijali annwali għall-2006 kien ta' NOK 355 600.

([36]) Filwaqt li l*livell* ta' dawn "l-ispejjeż operattivi oħra" huwa kkalkolat fuq bażi ta' impjegat fis-siegħa, il-fatt li dawn l-ispejjeż jitħallsu verament jiġi vverifikat permezz ta' rċevuti, kif spjegat hawn taħt.

([37]) Ir-reviżjoni saret fl-1990 fuq il-bażi ta' għadd ta' kumpaniji ta' daqsijiet differenti.

([38]) Wara korrezzjonijiet għal mard, liv għall-maternità eċċ.

([39]) It-Taqsima 3 tal-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D. Mit-Taqsima 3.9 ta' St. prp. nr. 65 (2004-2005) jidher li l-limitu huwa bażikament 50 % tal-limitu massimu għall-ispejjeż (relatati ma' proġetti li jsiru mill-impriża nnifisha) taħt l-Iskema Stattefunn (NOK 4 miljun).

([40]) It-Taqsima 4 tal-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D.

([41]) It-Taqsima 3 tal-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D.

Fin-notifika, l-awtoritajiet Norveġiżi ppreżentaw informazzjoni dwar intensitajiet sħaħ tal-għajnuna ta' 27,8 % għall-SMEs ([42]). Għajnuna taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlar għar-R&D titħallas fil-forma ta' għotja ekwivalenti għal 20 % tal-ispejjeż eliġibbli ([43]). Madankollu, permezz tal-Liġi dwar it-Taxxa dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas, l-għotjiet huma eżentati mit-taxxa tal-kumpaniji, li bħalissa għandha rata ta' 28 %. Għotja eżentata mit-taxxa ta' 20 % tal-ispejjeż eliġibbli għalhekk hija ekwivalenti għal għotja taxxabbli ta' 27,8 % ta' dawk l-ispejjeż. Għalhekk l-intensità sħiħa tal-għajnuna hija 27,8 %.

L-għotjiet li jingħataw taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D huma meqjusa flimkien ma' għajnuna li tingħata taħt l-Iskema Skattefunn u għajnuna taħt din tal-ewwel hija inkluża meta jiġu kkalkolati l-limiti taħt din tal-aħħar. Taħt l-Iskema Skatteffunn, l-ammont totali għal għajnuna għall-SMEs ma jistax ikun iktar minn 20 % tal-ispejjeż eliġibbli li ma jistgħux ikunu iktar minn NOK 4 miljun għal kull impriża fis-sena. Fejn l-ammont totali tal-għajnuna finanzjarja taqbeż il-limiti stipulati taħt l-Iskema Skattefunn, it-tnaqqis tat-taxxa jitnaqqas bl-istess mod. L-awtoritajiet Norveġiżi kkjarifikaw li dawn il-limiti huma, madankollu, mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-ispejjeż attribwiti għal xogħol bla ħlas għandhom ikunu fil-limitu msemmi qabel ta' NOK 2 miljuni għal kull impriża fis-sena. Fl-aħħarnett, l-awtoritajiet spjegaw li f'każijiet fejn proġett jirċievi għotjiet taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D u għajnuna pubblika minn sorsi oħra, minbarra l-Iskema Skattefunn, li flimkien jaqbżu l-limitu totali għal għajnuna, isir tnaqqis fl-għajnuna mogħti taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D.

2.4. BAĠIT U TUL TA' ŻMIEN

Kif imsemmi hawn fuq, l-awtoritajiet Norveġiżi jipprevedu li l-baġit futur għall-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D ser ikun madwar massimu ta' NOK 50 miljun fuq bażi annwali.

L-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D ġiet innotifikata bħala mingħajr limitu ta' żmien. Madankollu, b'ittra bid-data tal-15 ta' Frar 2008 (Okkorrenza Nru 465311), l-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li l-tul ta' żmien massimu tal-Iskema ser ikun marbut mat-tul ta' żmien tal-Linji Gwida attwali ta' Għajnuna mill-Istat dwar Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni (minn hawn 'il quddiem "Il-Linji Gwida R&D&I"), li jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2013. L-awtoritajiet Norveġiżi huma konxji mill-fatt li żmien iktar fit-tul tal-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D teħtieġ notifika ġdida.

3. *RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA*

L-Awtorità fetħet l-ewwel proċedura ta' investigazzjoni formali abbażi tar-riżultat preliminari li l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D tinvolvi għajnuna mill-istat li tiddubita tistax tiġi kkunsidrata kumpatibbli mal-Ftehim ŻEE. Waħda mit-tħassib tal-Awtorità kienet jekk l-intensitajiet tal-għajnuna taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D tistax taqbeż dawk stipulati fil-Linji Gwida għall-Għajnuna mill-Istat ([44]). Fil-fatt, l-għotjiet li jistgħu jingħataw taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D huma eżentati mit-taxxa u tibdil fir-rata tat-taxxa jista' għalhekk jirriżulta f'intensità ta' għajnuna sħiħa iktar għolja. Barra minn hekk, minħabba li l-ispejjeż ta' "xogħol bla ħlas" m'humiex fil-fatt imħallsa, l-Awtorità tiddubita jekk jistgħux jikkwalifikaw bħala spejjeż eliġibbli skont dawn il-Linji Gwida. F'dan ir-rigward, l-Awtorità kkunsidrat il-fatt li taħt is-Seba' Programm Kwadru ta' Riċerka, għajnuna għal xogħol "bla ħlas" ma kienx permess. Fl-aħħarnet, l-Awtorità kienet imħassbha dwar l-effett inċentiv meħtieġ.

4. *KUMMENTI MILL-AWTORITAJIET NORVEĠIŻI*

L-awtoritajiet Norveġiżi kkjarifikaw li jekk tiżdied ir-rata tat-taxxa, titnaqqas l-għotja taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D, jekk meħtieġ, sabiex jiġi żgurat li l-intensità tal-għajnuna ma taqbiżx l-intensitajiet massimi ta' għajnuna stabbiliti skont il-Linji Gwida R&D&I. L-awtoritajiet Norveġiżi jibbażaw din id-dikjarazzjoni fuq l-aħħar paragrafu tat-Taqsima 3 tal-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D li, meta tiġi tradotta bil-Malti, tinqara "meta jiġi kkunsidrat il-finanzjament pubbliku totali tal-proġett, l-għotja [għal xogħol bla ħlas] hija meqjusa bl-istess mod tat-tnaqqis tat-taxxa. Jekk il-finanzjament pubbliku totali għall-proġett jaqbeż [il-limitu] għall-għajnuna permessa skont ir-regoli tal-ESA, it-tnaqqis tat-taxxa jonqos. Jekk l-għajnuna għal xogħol bla ħlas fiha nnifisha tirriżulta f'qabża tal-limitu għat-total permess, l-għotja għal xogħol bla ħlas tonqos" ([45]).

Fir-rigward tad-dikjarazzjoni li "[persuni fiżiċi ma jistgħux jitolbu spejjeż ta' xogħol relatati mal-involviment personali tagħhom fil-proġett", li tinsab fis-Sitt Programm Kwadru ta' Riċerka, l-awtoritajiet Norveġiżi rraġunaw li t-terminu "persuni fiżiċi" jirreferi għal persunal impjegat f'universitajiet/kulleġġi li jirċievi salarju mill-istituzzjoni ta' riċerka (kontra kumpanija ta' persuna waħda). Minħabba li dawn il-persuni m'humiex eliġibbli għal għajnuna taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D l-awtoritajiet Norveġiżi jikkunsidraw ir-referenza għas-Sitt Programm Kwadru ta' Riċerka bħala irrelevanti.

Fir-rigward tar-rata fis-siegħa proposta, l-awtoritajiet Norveġiżi indikaw li l-punt tat-tluq biex tiġi kkalkolata r-rata fis-siegħa ta'

([42]) It-Taqsima 7 ta' Parti III.6.A tal-Formola ta' Notifika Standard.

([43]) L-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li fid-dawl tal-fatt li l-limitu għal spejjeż ta' xogħol bla ħlas eliġibbli huwa NOK 2 miljuni, u minħabba li l-intensità tal-għajnuna huwa 20 % għall-SMEs, il-limitu tal-għoja f'ċifri assoluti jkun NOK 400 000 fuq bażi annwali. It-Taqsima 3 tal-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D u t-Taqsima 6 ta' Parti 1 fil-Formola ta' Notifika Standard.

([44]) Il-Linji Gwida ta' qabel dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp ġew mibdula minn linji gwida dwar ir-Riċerka u Żvilupp u Innovazzjoni mis-7 ta' Frar 2007. Kontemporanjament mad-deċiżjoni biex tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D kienu applikabbli l-linji gwida ta' qabel. Madankollu, minħabba li r-regoli sustantivi għall-evalwazzjoni tal-każ preżenti baqgħu fil-parti l-kbira l-istess, ma hemmx iktar kummenti dwar it-tibdil leġiżlativ f'li ġej.

([45]) Traduzzjoni mill-Awtorità.

NOK 500 huwa s-salarju nominali annwali tal-ħaddiem industrijali, li huwa ħafna inqas mis-salarju nominali annwali tal-persunal għar-riċerka u żvilupp. Minħabba li l-livell ta' edukazzjoni f'kumpaniji ta' persuna waħda u imprendituri ġeneralment huwa ekwivalenti għal-livell iktar għoli ta' edukazzjoni tal-persunal għar-riċerka u żvilupp, il-kalkolu tar-rata fis-siegħa għall-iskop tal-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D setgħet tkun ibbażata fuq l-ogħla salarju ta' inġinjiera ċivili. Għall-2005 dan kien ta' NOK 460 000 jew NOK 530 000 (skont jekk l-impjegati kellhomx ħames sew għaxar snin esperjenza) li jirriżulta f'rata fis-siegħa ta' NOK 772,80 jew NOK 890,40 ([46]). Abbażi ta' dan, l-awtoritajiet Norveġiżi rraġunaw li, bil-proposta ta' rata fis-siegħa kkalkolata fuq il-bażi tas-salarju nominali annwali ħafna iktar baxx għall-ħaddiema industrijali, għalhekk ir-rata fis-siegħa tibqa' waħda minima.

Fir-rigward tal-effett inċentiv, l-awtoritajiet Norveġiżi jirraġunaw li minħabba li l-flus kontanti huma problema ewlenija għall-fażi ta' bidu tal-impriżi ġodda, ser ikun preżenti awtomatikament effett inċentiv għall-grupp ewlieni mmirat tal-iskema, jiġifieri imprendituri żgħar u kumpaniji ta' persuna waħda.

## II. **EVALWAZZJONI**

### 1. *IL-PREŻENZA TAL-GĦAJNUNA MILL-ISTAT FIT-TIFSIRA TAL-ARTIKOLU 61(1) TAL-FTEHIM TAŻ-ŻEE*

L-Artikolu 61(1) ŻEE jistipula li:

> "Mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet kuntrarji f'dan il-Ftehim, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija mill-Istati Membri tal-KE, l-Istati tal-EFTA jew permezz ta' riżorsi tal-Istat li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi, safejn tolqot il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti, tkun inkompatibbli ma' dan il-Ftehim."

Sabiex jikkostitwixxu għajnuna Statali fil-medda tat-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE miżura għandha tissodisfa dawn l-erba' kriterji kumulativi: (i) il-miżura għandha tagħti lid-destinatarji vantaġġ ekonomiku li ma jirċevux normalment matul in-negozju; (ii) il-miżura għandha tingħata mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat; (iii) il-miżura għandha tkun selettiva billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti; u (iv) il-miżura toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti. F'dan li ġej huwa eżaminat jekk l-erba' kriterji kumulattivi humiex sodisfatti f'dan il-każ.

#### 1.1. VANTAĠĠ EKONOMIKU

Il-miżura għandha tagħti lid-destinatarji vantaġġ ekonomiku li ma jirċevux normalment matul in-negozju.

Taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D l-awtoritajiet Norveġiżi ser jagħtu appoġġ finanzjarju lil min iħallas it-taxxa, inklużi l-impriżi. L-impriżi li jirċievu dan it-tip ta' appoġġ għalhekk jirċievu vantaġġ ekonomiku, jiġifieri għotja, li kieku ma jirċevux matul l-andament normali tan-negozju.

Barra minn hekk, l-għotjiet huma eżentati mit-taxxa tal-kumpaniji. L-eżenzjoni tat-taxxa teħles lid-destinatarji minn ħlas li ssoltu jitħallas mill-baġits tagħhom, b'tali mod li l-eżenzjoni tirrappreżenta vantaġġ ekonomiku ieħor, minbarra l-għotja fiha nnifisha.

#### 1.2. PREŻENZA TA' RIŻORSI TAL-ISTAT

Il-miżura għandha tingħata mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat.

L-għotjiet li jingħataw taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D huma finanzjati mill-Ministeru għall-Kummerċ u l-Industrija u għalhekk huma ffinanzjati mill-Istat.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-eżenzjoni ta' għotjiet mit-taxxa tal-kumpaniji, eżenzjoni mit-taxxa tfisser li l-Istat tirrinunzja dħul mit-taxxa u telf ta' dħul mit-taxxa huwa ekwivalenti għal konsum tar-riżorsi tal-Istat fil-forma ta' nefqa fiskali ([47]).

#### 1.3. FAVORIMENT TA' ĊERTI IMPRIŻI JEW TAL-PRODUZZJONI TA' ĊERTI OĠĠETTI

Il-miżura għandha tkun selettiva billi tiffavorixxi "ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti".

Fin-notifika huwa ddikjarat li l-finanzjament taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D ser tkun disponibbli għall-impriżi kollha irrispettivament tad-daqs, settur u reġjun tagħhom.

Fid-Deċiżjoni Nru 16/03/COL tal-5 ta' Frar 2003, li tawtorizza l-estensjoni tal-Iskema Skattefunn lill-impriżi kollha, irrispettivament mid-daqs u s-settur tagħhom ([48]), l-Awtorità sabet li l-korp li jamministra u jimplimenta l-Iskema Skattefunn (il-Kunsill Norveġiż għar-Riċerka) kellu poteri diskrezzjonarji għall-iskopijiet ta' evalwazzjoni tal-karattru ta' riċerka tal-proġetti u l-effett inċentiv tal-miżura ta' għajnuna.

([46]) Sors: Statistika dwar is-salarji ppublikata fl-2007 mill-assoċjazzjoni Norveġiża għal individwi bi grad għoli fl-inġinjerija, "*TEKNA*".

([47]) Taqsima 3(3) tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar l-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-istat għal miżuri relatati mat-tassazzjoni fuq in-negozju.

([48]) Għalkemm mhux imsemmi speċifikament, il-finanzjament ingħata wkoll irrispettivament mir-reġjun.

Fid-dawl ta' dan kollu u minħabba l-fatt li l-kriterji biex tiġi ddeterminata l-eliġibbiltà ta' proġetti taħt l-Iskema Skattefunn u l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D huma l-istess u jiġu evalwati mill-istess entità amministrativa, jiġifieri l-Kunsill Norveġiż għar-Riċerka, l-Awtorità hija tal-opinjoni li din tal-aħħar tgawdi poteri diskrezzjonali wkoll għall-iskopijiet ta' implimentazzjoni tal-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D. F'dan ir-rigward l-Awtorità tfakkar li l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja kienet tal-fehma li l-poteri diskrezzjonali li jgawdu minnhom awtoritajiet pubbliċi, li jamministraw skema ta' appoġġ finanzjarju, jfisser li l-iskema hija, de facto, selettiva ([49]). B'riżultat ta' dan, l-Awtorità tikkonkludi li skema bħal din tkun, *de facto*, selettiva.

Fil-fatt, dikjarazzjonijiet mill-awtoritajiet Norveġiżi jgħidu li filwaqt li "… ma hemm l-ebda diskriminazzjoni formali kontra kumpaniji li huma ikbar fid-definizzjoni ta' benefiċjarji fl-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D" (enfażi miżjuda), "[kumpaniji bi dħul annwali jew total tal-karta tal-bilanċi annwali ekwivalenti għad-definizzjoni tal-ESA dwar kumpaniji ta' daqs medju fil-prattika mhux ser jirċievu appoġġ għal xogħol bla ħlas" jikkonfermaw li fil-prattika l-Kunsill Norveġiż għar-Riċerka kien ser juża l-poteri diskrezzjonali tiegħu biex jipprekludi kumpaniji ikbar minn għajnuna.

L-evalwazzjoni stipulata hawn fuq tkun daqstant valida għal eżenzjoni mit-taxxa tal-kumpaniji li jgawdu d-destinatarji ta' għotjiet taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D.

Għalhekk, matul il-kors tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-awtoritajiet Norveġiżi ddeċidew li jillimitaw formalment l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D għal kumpaniji mikro u żgħar skont id-definizzjoni mogħtija fil-Linji Gwida dwar Għajnuna mill-Istat dwar għajnuna għall-SMEs ([50]). Għalhekk l-iskema hija selettiva.

1.4. DISTORSJONI TA' KOMPETIZZJONI U EFFETT FUQ IL-KUMMERĊ BEJN PARTIJIET KONTRAENTI

Il-miżura għandha tgħawweġ il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti.

L-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D tapplika għas-setturi kollha tal-ekonomija stabbiliti fin-Norveġja. Fid-dawl ta' dan, għas-sena 2006, l-esportazzjonijiet għall-UE jirrappreżentaw madwar 82 % tal-esportazzjonijiet totali min-Norveġja, filwaqt li importazzjonijiet mill-UE jirrappreżentaw madwar 69 % tal-importazzjonijiet totali għan-Norveġja, hemm kummerċ konsiderevoli bejn in-Norveġja u l-UE. ([51])

F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Awtorità tqis li l-għoti ta' għajnuna u l-eżenzjoni tat-taxxa konnessa taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D għandha ssaħħaħ l-pożizzjoni relattiva tad-destinatarji meta mqabbla ma' impriżi li jinsabu f'pajjiżi oħra taż-ŻEE u li jikkompetu f'setturi jew negozji simili. Barra minn hekk, abbażi tal-esklużjoni formali ta' kumpaniji ikbar mill-Iskema, ser tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' kumpaniji żgħar u mikru li jirċievu għajnuna taħt l-Iskema. L-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D għalhekk għandha titqies bħala waħda li taffettwa l-kummerċ u toħloq distorsjoni jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni.

1.5. KONKLUŻJONI

Fid-dawl ta' dak kollu t'hawn fuq, l-Awtorità tikkonkludi li l-għotja ta' għajuna, inkluża l-eżenzjoni tat-taxxa, taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D hija għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

2. *ĦTIĠIJIET PROĊEDURALI*

Skond l-Artikolu 1(3) ta' Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, "l-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA għandha tkun informata, fi żmien suffiċjenti sabiex tkun tista' tissottometti l-kummenti tagħha, fir-rigward ta' kwalunkwe pjanijiet li tingħata għajnuna jew li l-għajnuna tiġi varjata. […] L-Istat Membru konċernat ma jistax idaħħal fis-seħħ il-miżuri proposti tiegħu qabel ma dik il-proċedura tkun wasslet għal deċiżjoni finali".

Permezz ta' ittra bid-data tal-14 t'Ottubru 2005, l-awtoritajiet Norveġiżi nnotifikaw l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D. Skond ix-xogħol leġiżlattiv ta' thejjija l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D tista' tidħol fis-seħħ biss wara li ssir notifika lill-Awtorità u tiġi approvata ([52]). Għalhekk, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet Norveġiżi dwar id-dħul fis-seħħ tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D u l-adozzjoni finali tal-abbozz tal-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D it-tnejn jiddependu mill-approvazzjoni minn qabel tal-iskema mill-Awtorità ([53]).

([49]) Ara l-Każ C-241/94 *Franza* v *Kummissjoni* [1996] ECR I-4551, paragrafi 23 u 24; Każ C-200/97 *Ecotrade* v *AFS* [1998] ECR I-7907, paragrafu 40; u Każ C-295/97 *Piaggio* v *Ifitalia* [1999] ECR I-3735, paragrafu 39.

([50]) Ittra bid-data tal-15 ta' Frar 2008 mill-awtoritajiet Norveġiżi (Okkorrenza Nru 465311). Skond it-Taqsima 2.2 tal-Linji Gwida dwar Għajnuna mill-Istat dwar għajnuna għal impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), intrapriża żgħira hija definita bħal intrapriża li timpjega inqas minn 5 persuna u li d-dħul annwali u/jew il-karta tal-bilanċ annwali ma taqbiżx EUR 10 miljun, u intrapriża mikro hija definita bħala intrapriża li timpjega inqas minn 10 persuni u li d-dħul annwali u/jew karta tal-bilanċ ma taqbiżx EUR 2 miljun. Strutturi ta' pussess jistgħu jeskludu l-kwalifika ta' kumpaniji żgħar u mikro kif stipulati fil-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar għajnuna għall-SME.

([51]) L-istatistika relevanti ġiet ippubblikata minn "*Statistisk Sentralbyrå*" u hija intitolata "*Utenrikshandel med varer, årsserier 2006*" (Tabella 17 "*Import etter handelsområder, verdensdeler og land*" għall-2001-2006 u Tabella 18 "*Eksport etter handelsområder, verdensdeler og land*" għall-2001-2006 L-istatistika hija disponibbli fuq: http://www.ssb.no/emner/09/05/nos_utenriks/

([52]) Taqsima 14.3 ta' Ot. prp. nr. 92 (2004-2005) li tirreferi għat-Taqsima 3.9 ta' St. prp. nr. 65 (2004-2005).

([53]) Taqsima 15.1 ta' Innst. O. nr. 125 (2004-2005) u t-Taqsima 14.3 ta' Ot. prp. nr. 92 (2004-2005) li tirreferi għat-Taqsima 3.9 ta' St. prp. nr. 65 (2004-2005).

F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Awtorità tqis li l-awtoritajiet Norveġiżi rrispettaw l-obbligi ta' notifika u waqfien skont l-Artikolu 1(3) ta' Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.

## 3. *KUMPATIBBILTÀ TAL-GĦAJNUNA*

Billi l-konklużjoni tal-Awtorità hija li l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D tinvolvi l-għajnuna mill-Istat, jekk l-iskema titqisx kumpatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE skont l-Artikolu 61(2) jew (3) tal-Ftehim taż-ŻEE għad trid tiġi eżaminata.

### 3.1. KUMPATIBBILTÀ MAL-ARTIKOLU 61(2) TAL-FTEHIM TAŻ-ŻEE

Ma japplikaw ebda mill-eċċezzjonijiet skont l-Artikolu 61(2) tal-Ftehim taż-ŻEE f'dan il-każ minħabba li l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D m'hijiex immirata lejn l-objettivi mniżżla f'dik id-dispożizzjoni.

### 3.2. KUMPATIBBILTÀ MAL-ARTIKOLU 61(3) TAL-FTEHIM TAŻ-ŻEE

Miżura ta' għajnuna mill-Istat titqies kumpatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE skont l-Artikolu 61(3)(a) tal-Ftehim taż-ŻEE meta tkun imfassla biex tippromwovi żvilupp ekonomiku fejn l-istandard tal-ħajja huwa baxx b'mod abnormali jew fejn hemm nuqqas gravi ta' impjieg. Madankollu, minħabba li ma huma definiti l-ebda żoni ta' dan it-tip fil-mappa ta' għajnuna reġjonali tan-Norveġja, din id-dispożizzjoni ma tapplikax ([54]).

Barra minn hekk, l-eċċezzjoni fl-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim taż-ŻEE ma tapplikax minħabba li l-għajnuna mill-Istat mogħtija taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D m'hijiex maħsuba biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġett importanti ta' interess Ewropew komuni kew biex tirrimedja problemi serji fl-ekonomija tan-Norveġja.

Madankollu, tista' tapplika l-eċċezzjoni stipulata fl-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE li tipprovdi li għajnuna mill-Istat tistaħ titqies kumpatibbli mas-suq komuni fejn tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti żoni ekonomiċi u ma taffettwax il-kondizzjonijiet kummerċjali b'mod negativ b'tali mod li jkun ta' ħsara għall-interess komuni.

([54]) Id-Deċiżjoni Nru 226/06/COL tad-19 ta' Lulju 2006 dwar il-mappa ta' żoni li jirċievu għajnuna u livelli livelli ta' għajnuna fin-Norveġja.

F'dan li ġej, l-Awtorità tqis il-kumpatibbiltà tal-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE skont l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE abbażi tal-Linji Gwida R&D&I.

#### *Għajnuna għar-R&D&I*

Skond il-Linji Gwida R&D&I, il-kumpatibbiltà tal-għajnuna skont l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE hija ġeneralment preżunt ladarba l-kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsima 5 ta' dawn il-Linji Gwida huma sodisfatti u l-għajnuna tikkostitwixxi inċentiv biex isir iktar impenn fir-riċerka u l-iżvilupp skont it-Taqsima 6 tal-Linji Gwida ([55]).

Fit-Taqsima 5 tal-Linji Gwida R&D&I hemm listi ta' tipi differenti ta' riċerka u żvilupp, bħal "*riċerka fundamentali*", "*riċerka industrijali*" u "*żvilupp esperimentali*" bl-indikazzjoni tal-intensitajiet ta' għajnuna applikabbli għal kull kategorija ta' riċerka.

Mit-Taqsima 2.2(f) tal-Linji Gwida R&D&I jidher li "*ir-riċerka industrijali*" tfisser "riċerka ppjanata jew investigazzjoni kritika mmirata fuq l-akkwist ta' għarfien u ħiliet ġodda għall-iżvilupp ta' prodotti, proċess jew servizzi ġodda, jew għal titjib sinjifikanti fil-prodotti, proċessi jew servizzi eżistenti. Dawn jinkludu l-ħolqien ta' komponenti ta' sistemi kumplessi, li huwa neċessarju għal riċerka ta' dan it-tip, notevolment għal validazzjoni ġenerika ta' teknoloġija, bl-esklużjoni ta' prototipi kif koperti mill-[iżvilupp esperimentali] *-punt (g)*". Is-subparagrafu (g) tal-istess Taqsima jipprevedi li "*żvilupp esperimentali*" huwa definit bħala "l-akkwist, it-tagħqid, l-iffurmar u l-użu tal-għarfien u l-ħiliet xjentifiċi, teknoloġiċi, kummerċjali u għarfien u ħiliet oħra rilevanti għal fini li jiġu prodotti pjanijiet u arranġamenti jew disinji għal prodotti, proċessi jew servizzi ġodda, mibdula jew imtejba. Dawn jistgħu jinkludu wkoll, pereżempju, attivitajiet oħra mmirati fid-definizzjoni kunċettwali, ippjanar u dokumentazzjoni ta' prodotti ġodda, proċessi u servizzi. L-attivitajiet jistgħu jinkludu l-produzzjoni ta' abbozzi, disinnji, pjanijiet u dokumentazzjoni oħra, sakemm huma maħsuba għall-użu kummerċjali. L-iżvilupp ta' prototipi għal użu kummerċjali u proġetti piloti huma wkoll inklużi fejn il-prototip huwa neċessarjament il-prodott kummerċjali aħħari u fejn ma jiswix wisq biex jiġi prodott jekk ikun ser jintuża biss għal skopijiet ta' dimostrazzjoni u validazzjoni. F'każ ta' użu kummerċjali sussegwentigħal dimostrazzjoni jew proġetti pilota, kwalunkwe dħul iġġenerat minn dan it-tip ta' użu għandu jitnaqqas mill-ispejjeż eliġibbli".

L-Awtorità tqis li d-deskrizzjonijiet ta' proġetti eliġibbli taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D, stipulata hawn fuq fir-Taqsima 2.1 ta' Parti I, huma konformi mad-deskrizzjonijiet li ngħataw ta' "*riċerka industrijali*" u "*żvilupp esperimentali*" fit-Taqsima 2.2 subparagrafi (f) u (g) tal-Linji Gwida R&D&I.

([55]) Paragrafi 29 u 30 tat-Taqsima 1.4 tal-Linji Gwida R&D&I.

(i) **Intensitjiet tal-għajnuna**

Skond it-Taqsima 5.1.2 tal-Linji Gwida R&D&I, l-intensità grossa tal-għajnuna permessa għar-riċerka industrijali u l-iżvilupp esperimnentali huma fissi għal 50 % u 25 % rispettivament, tal-ispejjeż eliġibbli. Barra minn hekk, skont it-Taqisma 5.1.3 fejn l-għajnuna tingħata lill-SMEs (kif definit fl-Anness tar-Regolament ġdid ta' eżenzjoni ta' kategorija dwar l-għajnuna lill-SMEs) jistgħu jingħataw 10 (għal daqs medju) jew 20 (żgħar) punti perċentwali ([56]). B'dan il-mod l-intensità tal-għajnuna permissibbli titla' għal 60 % (ta' daqs medju) jew 70 % (żgħar) tal-ispejjeż eliġibbli fil-każ ta' riċerka industrijali. Fil-każ ta' żvilupp esperimentali l-intensità massima tal-għajnuna hija 35 % (ta' daqs medju) jew 45 % (żgħar).

Filwaqt li l-awtoritajiet Norveġiżi nnotifikaw intensitajiet ta' għajnuna kemm għall-SMEs kif ukoll għal kumpaniji kbar taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D, huwa mfakkar li l-awtoritajiet Norveġiżi ddeċidew li jillimitaw l-iskema biex tkopri biss mikrokumpaniji u kumpaniji żgħar. Għalhekk l-intensità ta' għajnina għall-SMEs biss (20 %) huwa relevanti. L-għotja hija eżentata mit-taxxa bir-rata attwali ta' 28 %. Għalhekk l-intensità shiha tal-għajnuna hija 27,8 % ([57]). L-intensità massima ta' għajnuna għal kumpaniji mikro u żgħar taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D għalhekk hija f'livell aċċettabbli b'referenza għat-Taqsima 5 tal-Linji Gwida dwar Għajnuna mill-Istat dwar R&D&I.

Li kieku tiżdied ir-rata tat-taxxa tal-kumpaniji, l-intensità gross totali tal-għajnuna tiżdied proporzjonalment. Madankollu, f'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Norveġiżi kkjarifikaw li anke jekk tiżdied ir-rata tat-taxxa, il-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D jirrikjedu li l-għotjiet ma jaqbżux l-intensità ta' għajnuna li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat. Minħabba li l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D hija limitata għal kumpaniji mikro u żgħar il-limitu massimu relevanti huwa għalhekk ta' 70 % għar-riċerka industrijali u 45 % għall-iżvilupp esperimentali bbażat fuq il-Linji Gwida għar-R&D&I attwali. L-Awtorità taċċetta li jekk tiżdied ir-rata ta' taxxa tal-kumpaniji, l-intensità ta' għajnuna totali għal kumpaniji mikro u żgħar taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D tista' tiżdied sa dawn il-livelli massimi.

Bħala konklużjoni, l-Awtorità tapprova l-intensità tal-għajnuna applikabbli għal kumpaniji mikro u żgħar għal 27,8 % u tinnota li din tista', bħala riżultat ta' żieda fir-rata tat-taxxa tal-kumpanijia, tiżdied għal 70 % għar-riċerka industrijali u 45 % għall-iżvilupp esperimentali. L-awtoritajiet Norveġiżi infurmaw lill-Awtorità li l-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D ser tiġi formalment mibdula sabiex tirrifletti kemm il-limitu ġenerali għal kull kategorija ta' riċerka kif ukoll il-limitu massimu li fih l-għajnuna tista' tiżdied wara żieda fir-rata tat-taxxa ([58]).

(ii) **Spejjeż eliġibbli**

It-Taqsima 5.1.4 tal-Linji Gwida R&D&I tistipula lista ta' spejjeż li għandhom jitqiesu bħala eliġibbli għall-iskop ta' kalkolu tal-intensità tal-għajnuna. Dawn l-ispejjeż huma, fost oħrajn, (i) spejjeż tal-persunal li jkopru l-ispejjeż ta' riċerkaturi, tekniki u persunal ieħor impjegat biss għall-iskop tal-attività ta' riċerka; (ii) spejjed additzzjonali li jirriżultaw direttament mill-proġett ta' riċerka; u (iii) spejjeż operativi oħra, inkluż l-ispejjeż ta' materjal, provvisti u prodotti simili li jirriżultaw direttament mill-attività ta' riċerka ([59]).

*Programm Kwadru ta' Riċerka tal-Komunità - spejjeż ta' xogħol*

It-Taqsima 5.1.4 tal-Linji Gwida R&D&I ma telaborax dwar jelkk spejjeż ta' persunal jistgħux ikopru l-ispejjeż ta' xogħol bla ħlas. Madankollu, l-Awtorità tikkunsidra li gwida għall-interpretazzjoni tat-terminu li jintuża fil-Linji Gwida dwar Għajnuna mill-Istat tista' tinkiseb jekk jiġi eżaminat kif dan it-terminu jintuża fil-kuntest tal-Programm Kwadru ta' Riċerka tal-Komunità ([60]).

Kif iddikjarat fid-Deċiżjoni li tagħti bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali, għajnuna finanzjarja taħt is-Sitt Programm Qafas mill-Komunità għal spejjeż ta' xogħol bla ħlas ma setgħatx tinkiseb. Il-Parti B.II.22.3 ta' Anness II tal-Ftehim dwar il-Mudell Ġenerali, li jintuża għall-iskop ta' għotja ta' għajnuna taħt is-Sitt Programm Qafas, tiddikjara li "[persuni fiżiċi ma jistgħux jiċċarġjaw spejjeż ta' xogħol relatat mal-involviment personali tagħhom fil-proġett" u fil-Parti B.II.19.1(a) jidher li spejjeż eliġibbli "għandhom ikunu attwali, ekonomiċi u meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proġett". F'dan il-kuntest il-Kummissjoni Ewropea adottat l-opinjoni li jekk il-valur tal-ispejjeż ta' xogħol ma setgħux jiġu identifikati u rreġistrat fil-kotba tal-kumpanija, lanqas ma setgħu jitħallsu mill-Programm Kwadru. Konformi ma' dan, l-Awtorità, bid-Deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar l-Iskema ta Xogħol bla Ħlas għar-R&D, esprimiet dubji dwar jekk l-ispejjeż ta' xogħol bla ħlas jistgħux jikkwalifikaw bħala spejjeż eliġibbli fit-tifsira tal-Linji Gwida R&D&I.

([56]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE dwar għajnuna mill-Istat għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 10, 13.1.2001, p. 33), kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 364/2004 tal-25 ta' Frar 2004 (ĠU L 63, 28.2.2004, p. 22). Iż-żewġ Regolament iddaħħlu fil-punt 1(f) tal-Anness XV għal-Ftehim ŻEE. Id-definizzjonijiet li fihom tikkorrispondi għad-definizzjoni fil-Linji Gwida dwar Għajnuna mill-Istat dwar għajnuna għall-SMES (ARA T-Taqsima 1.3 fil-Parti II).

([57]) Għotja ta' 20 % ta' spejjeż ħielsa mit-taxxa hija ekwivalenti, b'rata ta' 28 %, għal 27,8 % tal-ispejjeż gross (28 % minn 27,8 = 7,8 li għandhom "jitħallsu" f'taxxi u 20 jitħallew għall-għoja).

([58]) Dikjarazzjoni fil-Linji Gwida dwar l-Iskema ta' Xoħgol bla Ħlas għar-R&D li l-intensitajiet massimi ta' għajnuna huma stipulati fil-Linji Gwida R&D&I hija insuffiċjenti.

([59]) Dawn jikkorrespondu mas-subparagrafi (a) spejjeż tal-persunal; (e) spejjeż addizzjonali u (f) u spejjeż operativi oħra tat-Taqsima 5.1.4 tal-Linji Gwida R&D&I.

([60]) Il-Programm Kwadru ta' Riċerka tal-Komunità huwa l-istrument ewlieni tal-Komunità għall-finanzjament ta' riċerka fl-Ewropa u hemm referenza għalih fil-Qafas tal-Komunità għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni (ĠU C 323, 30.12.2006, p. 1).

Madankollu, is-Seba' Programm Qafas issa ġie adottat u jipprovdi li, taħt ċerti kondizzjonijiet, tista' tingħata għajnuna għal spejjeż li m'humiex "attwali" ([61]). F'dan ir-rigward il-ftehim standard dwar l-għotjiet li jintuża mill-Kummissjoni Ewropea (il-Ftehim Mudell Ġenerali dwar għajnuna taħt is-Seba Programm Qafas) jiddikjara li, minkejja l-ħtiġijiet ġenerali li spejjeż eliġibbli għandhom ikunu attwali, "benefiċjarji jistgħu jagħżlu li jiddikjaraw il-medja ta' spejjeż tal-persunal jekk ibbażat fuq metodoloġija approvata mill-Kummissjoni u konsistenti mal-prinċipji ta' ġestjoni u l-prattiċi ta' kontabilità normali tal-benefiċjarju. Il-medja ta' spejjeż tal-persunal iċċarġjati skont dan il-ftehim dwar l-għotja minn benefiċjarju li jkun ipprovda ċertifikat dwar il-metodoloġija hija meqjusa bħala mhux sinjifikatament differenti minn spejjeż attwali tal-persunal" ([62]).

Fid-dokumenti ta' gwida relevanti, huwa spjegat li r-regola msemmija hawn fuq, jiġifieri "metodu ta' spejjeż medji ta' persunal ibbażat fuq metodoloġija ċċertifikata", tippermetti (i) persuni fiżiċi assimilati għal SME; u (ii) proprjetarji ta' SME li ma jirċevux salarju għax-xogħol tagħhom għall-SME, il-possibbiltà li japplikaw għal u jirċievu għajnuna għax-xogħol tagħhom relatat ma' proġetti R&D. Filwaqt li ma hemm l-ebda ħtieġa speċifika dwar liema metodoloġija għandha tintuża, huwa ċar mid-dokumenti ta' gwida li, fil-programm tal-Komunità, "metodoloġija ċertifikata" tfisser li awditur irid jiċċertifika l-metodoloġija li hija l-bażi għall-kalkolu tal-valur tax-xogħol jew "spejjeż ta' xogħol" (jiġifieri, effettivament, ir-rata fis-siegħa).

Fir-relazzjoni ma' metodoloġiji aċċettabbli, l-Awtorità l-ewwel tosserva li l-gwida relatata ma' persuni fiżiċi tirreferi għal metodoloġija għall-identifikazzjoni tar-rata fis-siegħa permezz ta' dħul (pereżempju dikjarazzjonijiet tat-taxxa) ([63]). Madankollu, partikolarment fid-dawl tal-gwida mill-Kummissjoni Ewropea fil-każ ta' proprjetarji ta' SMEs li ma jirċevux salarju u li ma jistgħux juru traċċa tal-ispejjeż ta' xogħol tagħhom fil-kontijiet tal-kumpanija, li juru li l-ispejjeż jistgħu jiġu kkalkolati bl-użu ta' stimi, l-Awtorità tqis li r-referenza għal metodoloġija bbażata fuq dħul m'hijiex suffiċjenti biex teskludi awtomatikament l-użu ta' metodoloġiji alternattivi. L-għan taħt is-Seba' Programm Qafas hu li jippermetti li jiġi kkalkolat il-valur tal-isforz tax-xogħol li jsir fir-rigward tal-proġett R&D. Ma hemm l-ebda ħtieġa espliċita li l-benefiċjarju potenzjali jirċievi dħul relatat ma din l-attività. Abbażi ta' dan l-Awtorità hija tal-fehma li, kemm għal (i) u (ii) t'hawn fuq, il-preżenza ta' dħul m'hijiex fiha nnifisha kondizzjoni għal eliġibbiltà għal għajnuna u li metodoloġiji oħra għad-determinazzjoni ta' rata fis-siegħa tista' tkun aċċettabbli.

F'dak li jirrigwarda l-metodoloġija proposta mill-awtoritajiet Norveġiżi, l-Awtorità tosserva li, bħala punt preliminari, l-istrateġija ta' kalkolu ta' 1.6 % tas-salarju annwali nominali tidentifika rata fis-siegħa li tinkludi mhux biss element ta' spiża ta' xogħol iżda wkoll element ta' "spejjeż operativi oħra". Għalhekk, għalkemm l-iskop ta' din l-analiżi hija biex jiġi verifikat jekk l-ispejjeż ta' xogħol humiex eliġibbli, huwa wkoll neċessarju, sabiex issir il-konklużjoni finali dwar jekk il-metodoloġija hijiex aċċettabbli, li jiġi vverifikat jekk l-element relatat ma' "spejjeż operativi oħra" jikkwalifikax bħala spiża eliġibbli taħt il-Linji Gwida R&D&I. Dawn iż-żewġ elementi huma għalhekk indirizzati separatament hawn taħt.

*Spejjeż ta' Xogħol "bla ħlas"*

Fir-rigward tal-ispejjeż attribwibbli għal xogħol bla ħlas, dan l-element ta' metodoloġija huwa sempliċement definit b'referenza għall-istatistika tal-pagi. Fil-fatt, il-metodoloġija proposta timplika li l-element ta' spiża ta' xogħol huwa ekwivalenti għal dak li kieku kien ikun ir-riżultat jekk ir-rata fis-siegħa kien ikun identifikat billi jiġu diviżi s-sigħat medji annwali bis-salarju nominali annwali tal-ħaddiem industrijali, kif jidher fl-istatistika għall-2005. L-element ta' spiża ta' xogħol għal salarju ta' ħaddiem industrijali huwa ekwivalenti għal rata fis-siegħa ta' NOK 23,220 (348 300/1 500).

L-Awtorità tqis li rata fis-siegħa definita b'referenza għal statistika uffiċjali ta' pagi (għall-2005) tiżgura li l-element ta' spiża ta' xogħol ma jkunx imkabbar. Barra minn hekk, il-fatt li r-rata fis-siegħa hija determinata b'referenza għall-paga annwali tal-ħaddiem industrija (kontra l-paga ħafna iktar għolja ta' pereżempju, inġinjier ċivili) tfisser li l-element ta' spiża ta' xogħol jinżamm f'livell relattivament baxx ([64]). Fl-aħħarnett, il-fatt li s-sigħat ta' xogħol bla ħlas irrappurtati għandhom ikunu ffirmati mill-maniġer tal-proġett u ċċertifikat minn kontabilist għal kull applikazzjoni għal għotja jiżgura preżenza ta' verifika li hija konformi ma' - jew saħansitra iktar stretta minn - iċ-ċertifikazzjoni ta' awditjar imsemmija fil-Ftehim Mudell Ġenerali taħt is-Seba' Programm Qafas ([65]). Fl-aħħarnett, l-Awtorità tinnota li, b'żieda ma' dan, il-kontroll isir ukoll mill-Kunsill Norveġiż għar-Riċerka, li jivverifika li ċ-ċifri dikjarati m'humiex żbaljati.

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Awtorità tikkonkludi li l-identifikazzjoni tal-element ta' spiża ta' xogħol bla ħlas fil-metodoloġija għad-determinazzjoni tar-rata fis-siegħa huwa aċċettabbli. L-ispejjeż ta' xogħol bla ħlas, meta jiġu kkunsidrati waħedhom, għalhekk jikkwalifikaw bħala spejjeż eliġibbli ta' persunal fit-tifsira tal-Linji Gwida R&D&I.

([61]) Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-Riċerka, żvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

([62]) Il-Parti B.II.14.1(g) tal-Anness II tal-Ftehim Mudell Ġenerali dwar għajnuna taħt is-Seba' Programm Qafas. It-test tal-Ftehim huwa disponibbli fuq il-websajt tad-DĠ Riċerka: http://ec.europa.eu/research/index.cfm

([63]) Skond l-Artikolu II.12.3 "Spejjeż mhux eliġibbli", p. 42 tal-"Gwida għal Kwistjonijiet Finanzjarji relatati ma' Azzjonijiet Indiretti FP7" (imħejji għall-interpretazzjoni tal-Ftehim Mudel Ġenerali taħt l-FP7), dawn l-individwli jistgħu jagħżlu li "jiddikjaraw spejjeż medji ta' persunal ibbażati fuq metodoloġija ċċertifikata approvata mill-Kummissjoni u bbażata fuq id-dħul tagħhom (pereżempju dikjarazzjonijiet tat-taxxa) kif rikonoxxut mil-liġi nazzjonali (ġeneralment il-liġi dwar it-taxxa)".

([64]) Il-paga annwali ta' ħaddiem industrijali ta' NOK 348 300, meta mqabbla ma' paga ta' inġinjier ċivili ta' NOK 460 000 (jew NOK 530 000), tirriżulta f'rata fis-siegħa ta' NOK 500, meta mqabbla ma' NOK 772,80 (jew NOK 890,40) jekk ibbażata fuq il-metodoloġija. L-element ta' spiża ta' xogħol huwa ekwivalenti għal NOK 232,20 għall-ħaddiema industrijali meta mqabbel ma' NOK 333,33 jew NOK 353,33 għall-inġinjiera ċivili.

([65]) Fil-fatt kontroll ta' kull każ individwali huwa simili għal, jew anke iktar strett minn verifika ta' darba tal-metodoloġija.

*"Spejjeż operativi oħra"*

L-Awtorità tqis li d-deskrizzjoni ta' "spejjeż operativi oħra" taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D (stipulata fit-Taqsima 2.3 ta' Parti I) hija ekwivalenti għal spejjeż eliġibbli fil-forma ta' "*spejjeż addizzjonali*" u/jew "*spejjeż operativi oħra*" fis-subparagrafi (e) u (f) tat-Taqsima 5.1.4 tal-Linji Gwida R&D&I. Il-livell tal-ispejjeż operativi jiġi kkalkolat awtomatikament fuq bażi ta' rata fis-siegħa għal kull impjegat relatat mas-salarju tal-ħaddiem industrijali - minflok ma hu bbażat fuq il-livell tal-ispiża ddikjarat fl-irċevuti ([66]). Madankollu, jekk l-element ta' spiża operativa taħt il-metodoloġija ġie kkalkolat fuq bażi tar-reviżjoni tal-kumpanija mill-Kunsill Norveġiż għar-Riċerka. Dan jiżgura li l-livell tal-ispejjeż operativi huwa realistiku. Barra minn hekk, is-sehem tal-ispejjeż operativi huwa kkalkolat fuq il-bażi tas-salarju baxx tal-ħaddiem industrijali u l-element ta' spejjeż operativi jibqa' f'massimu stabbilit fuq rata fis-siegħa. Abbażi ta' dan, u meta jitqies li l-ispejjeż attwali ta' spejjeż operativi jiġu vverifikati permezz ta' riċevuti bħala parti minn kontroll ta' verifika, l-Awtorità tikkunsidra li l-metodoloġija proposta hija mod aċċettabbli ta' identifikazzjoni tal-livell ta' "spejjeż operativi oħra" u għalhejj jikkwalifikaw bħala spejjeż eliġibbli taħt il-Linji Gwida R&D&I.

*Konklużjonijiet dwar metodoloġija*

Bħala konklużjoni, l-Awtorità tikkunsidra li, skont il-bidla fil-prinċipju taħt is-Seba' Programm Qafas, l-ispejjeż ta' xogħol bla ħlas jistgħu jikkwalifikaw bħala spejjeż eliġibbli, skont jekk il-metodoloġija li tintgħażel għall-identifikazzjoni tar-rata fis-siegħa. Minn dak li ntqal qabel, l-Awtorità tikkunsidra li taħt il-metodoloġija proposta mill-awtoritajiet Norveġiżi, il-mod li bih jiġi stabbilit kemm il-livell tal-element ta' spiża ta' xogħol kif ukoll l-element ta' spiża operativa, huwa aċċettabbli. Għalhekk, il-metodoloġija hija approvata u l-ispejjeż jikkwalifikaw bħala eliġibbli skont il-Linji Gwida R&D&I. Din il-konklużjoni hija wkoll konformi mal-pożizzjoni li ttieħdet mill-Awtorità fl-2002 fid-Deċiżjoni tagħha dwar l-Iskema Skattefunn, fil-kuntest li l-Awtorità approvat metodoloġija identika għad-determinazzjoi tal-(livell ta') spejjeż eliġibbli ([67]).

Għalkemm il-metodoloġija proposta timplika li rata fis-siegħa waħda biss tapplika anke jekk il-benefiċjarji potenzjali taħt l-iskema jistgħu jvarjaw fid-daqs, huwa mfakkar li l-awtoritajiet Norveġiżi ddeċidew li jillimitaw l-iskema għal kumpaniji mikro u żgħar u li l-benefiċjarji potenzjali għalhekk jirrappreżentaw grupp pjuttost uniformi. Għalhekk l-Awtorità tapprova l-użu ta' rata waħda komuni.

### (iii) **Effett inċentiv**

Skond it-Taqsima 6 tal-Linji Gwida R&D&I effett inċentiv huwa awtomatikament meqjus preżenti fejn il-proġett R&D&I li jirċievi għajnuna jkun għadu ma bediex qabel l-applikazzjoni għal għajnuna, il-benefiċjarju tal-għajnuna huwa SME u l-għajnuna hija inqas minn EUR 7,5 miljun għal kull proġett għal kull SME ([68]).

Skond dak li ntqal hawn fuq, l-awtoritajiet Norveġiżi llimitaw l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D għal kumpaniji żgħar u mikro. Barra minn hekk, fid-dawl tal-fatt li l-ispejjeż eliġibbli taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D huma suġġetti għal limitu stabbilit ta' spejjeż eliġibbli ta' NOK 2 miljun għal kull impriża u li l-intensità tal-għajnuna applikabbli hija 27,8 % tal-valur massimu ta' għajnuna mogtħija għal kull impriża f'sena jkun NOK 556 000 (madwar EUR 70 500), li huwa ħafna inqas mil-limitu massimu msemmi qabel. Anke jekk tiġi kkunsidrata intensità massima ta' għajnuna ta' 45 % (li tista' tkun ikkawżata minn żieda fir-rata tat-taxxa). l-ammont massimu ta' għajnuna huwa NOK 900 000 (madwar EUR 114 000) li xorta huwa ħafna inqas mil-limitu massimu stabbilit fil-Linji Gwida R&D&I ([69]).

Fl-aħħarnett, l-awtoritajiet Norveġiżi kkonfermaw li għajnuna taħt l-Iskema ma jingħatax jekk il-proġetti ta' riċerka jkunu bdew qabel ma ssir l-applikazzjoni għal għajnuna.

Abbażi ta' dan, l-Awtorità tqis li l-għotjiet li jistgħu jingħataw taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D&I għalhekk għandhom effett inċentiv skont it-Taqsima 6 tal-Linji Gwida R&D&I.

### (iv) **Tul ta' żmien**

L-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D ġiet innotifikata mill-awtoritajiet Norveġiżi bħala waħda b'tul ta' żmien indefinit. Madankollu, l-awtoritajiet Norveġiżi qablu li jillimitaw formalment it-tul ta' żmien tal-Iskema sal-31 ta' Diċembru 2013, li hija wkoll id-data ta' skadenza tal-Linji Gwida R&D&I attwali. Abbażi ta' dan, l-Awtorità tikkunsidra t-tul ta' żmien tal-iskema aċċettabbli.

## 3.3. KONKLUŻJONI DWAR IL-KUMPATIBBILTÀ TAL-ISKEMA MAL-FTEHIM ŻEE

Kif jidher minn dak kollu li ntqal l-Awtorità tikkunsidra li kemm il-proġetti kif ukoll l-elementi ta' spejjeż taħt l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D jikkwalifikaw bħala eliġibbli skont il-Linji Gwida R&D&I. Minħabba li l-Iskema hija limitata għal kumpaniji żgħar u mikro, l-intensitajiet tal-għajnuna huma konformi ma' dawn il-Linji Gwida, effett inċentiv huwa ppruvat u t-tul ta' żmien tal-iskema ġie limitat b'mod konformi mal-Linji Gwida, l-Awtorità hija tal-fehma li l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D hija kumpatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE.

([66]) L-element tal-ispejjeż operativi jirrappreżenta NOK 267.80, li hija d-differenza bejn ir-rata fis-siegħa flimkien mal-element ta' spiża tax-xogħol. NOK 500 – NOK 232,20 = NOK 267,80.

([67]) Id-Deċiżjoni Nru 171/02/COL tal-25 ta' Settembru 2002, kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 16/03/COL tal-5 ta' Frar 2003.

([68]) Paragrafi 122-124 tal-Linji Gwida R&D&I.

([69]) Fil-fatt limitazzjoni għal kull impriż hija stretta minn limitazzjoni għal kull proġett. Madankollu, anke li keiku impriża kellha tirċievi finanzjament taħt l-Iskema għall-istess proġett sal-limitu massimu fuq bażi annwali għat-tul kollu tal-Iskema, il-limitu ta' EUR 7,5 xorta ma jintlaħaqx.

4. *DEĊIŻJONI*

Abbażi ta' din l-evalwazzjoni l-Awtorità tqis li l-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D hija kumpatibbli mal-Ftehim ŻEE suġġett għal dawn il-kondizzjonijiet.

(a) L-ambitu tal-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D huwa limitat għal kumpaniji mikro u żgħar skont id-definizzjoni fil-Linji Gwida dwar Għajnuna mill-Istat dwar għajnuna għall-SMEs.

(b) L-intensità totali tal-għajnuna għall-kumpaniji mikro u żgħar hija ta' 27.8 % li tista' tiżdied bħala riżultat ta' żieda possibbli fir-rata tat-taxxa tal-kumpaniji (f'dan il-każ il-limiti applikabbli jkunu ta' mhux iktar minn 45 % għall-iżvilupp esperimentali u 70 % għar-riċerka industrijali); u

(c) It-tul ta' żmien tal-Iskema m'hijiex iktar mit-31 ta' Diċembru 2013, id-data li fiha jiskadu l-Linji Gwida attwali.

L-awtoritajiet Norveġiżi huma mfakkra li huma obbligati jipprovdu rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Iskema kif stipulat fl-Artikolu 21 ta' Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti flimkien mal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 195/04/COL tal-14 ta' Lulju 2004.

L-awtoritajiet Norveġiżi ddikjaraw li r-rata fis-siegħa applikabbli fl-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D tista' tinbidel skont żviluppi fis-salarji. F'dan ir-rigward, l-Awtorità tfakkar lill-awtoritajiet Norveġiżi dwar l-obbligu tagħhom li jinnotifikaw, skont l-Artikolu 1 ta' Parti I tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, dwar kwalunkwe tibdil li jikkwalifika bħala emendi fit-tifsira tal-Artikolu 1 ta' Parti II tal-Protocol 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti ([70]),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D li l-awtoritajiet Norveġiżi bi ħsiebhom jimplimentaw tikkostitwixxi għajnuna statali fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE, imma tista' tiġi ddikjarata kumpatibbli mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE abbażi tal-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE u l-Linji Gwida R&D&I u suġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 li ġej.

*Artikolu 2*

L-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D hija limitata għal kumpaniji mikro u żgħar kif definit fil-Linji Gwida tal-Istat dwar għajnuna għal impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-intensità massima tal-għajnuna hija 27,8 %, li tista' tiżdied jekk tiżdied ir-rata tat-taxxa tal-kumpaniji (f'dan il-każ il-limiti massimi applikabbli jkunu ta' 45 % għall-iżvilupp esperimentali u 70 % għar-riċerka industrijali). It-tul ta' żmien tal-Iskema ta' Xogħol bla Ħlas għar-R&D hija limitata għall-31 ta' Diċembru 2013.

*Artikolu 3*

L-awtoritajiet Norveġiżi għandhom jinfurmaw lill-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA, fi żmien xagħrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, dwar il-miżuri li jittieħdu biex ikunu konfomi magħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Norveġja.

*Artikolu 5*

Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2008.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA*

| Per SANDERUD | Kurt JAEGER |
|---|---|
| *Il-President* | *Membru tal-Kulleġġ* |

---

([70]) Sakemm it-tibdil jikkwalifika għal notifika skont il-proċedura ssimplifikata skont id-Deċiżjoni Nru 195/04/COL tal-14 ta' Lulju 2004 dwar id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 27 ta' Part II tal-Protocol 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti (ĠU L 139, 25.5.2006, p. 37).

V

*(Atti adottati mill-1 ta' Diċembru 2009 taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat Euratom)*

# ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM HIJA OBBLIGATORJA

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1235/2009

## tas-16 ta' Diċembru 2009

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-17 ta' Diċembru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 54,6 |
| | MA | 78,2 |
| | TN | 111,3 |
| | TR | 73,2 |
| | ZZ | 79,3 |
| 0707 00 05 | EG | 155,5 |
| | MA | 59,4 |
| | TR | 89,2 |
| | ZZ | 101,4 |
| 0709 90 70 | MA | 45,7 |
| | TR | 104,6 |
| | ZZ | 75,2 |
| 0709 90 80 | EG | 175,4 |
| | ZZ | 175,4 |
| 0805 10 20 | MA | 58,2 |
| | TR | 70,0 |
| | ZA | 57,0 |
| | ZZ | 61,7 |
| 0805 20 10 | MA | 77,7 |
| | TR | 58,0 |
| | ZZ | 67,9 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | HR | 38,5 |
| | IL | 65,1 |
| | TR | 71,4 |
| | ZZ | 58,3 |
| 0805 50 10 | TR | 68,6 |
| | ZZ | 68,6 |
| 0808 10 80 | CA | 76,2 |
| | CN | 98,3 |
| | MK | 24,5 |
| | US | 90,8 |
| | ZZ | 72,5 |
| 0808 20 50 | CN | 41,5 |
| | TR | 97,0 |
| | US | 151,3 |
| | ZZ | 96,6 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1236/2009**

**tal-10 ta' Diċembru 2009**

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 552/97, Nru 1933/2006 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 u Nru 964/2007 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat għall-Preferenzi Ġeneralizzati,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/938/KE tad-9 ta' Diċembru 2008 [2] kif emendata mid-Deċiżjoni 2009/454/KE [3], stabbiliet il-lista ta' pajjiżi benefiċjarji li jikkwalifikaw għall-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba, stipulati fir-Regolament (KE) Nru 732/2008 mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011.

(2) Il-Kolonna E tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 732/2008 għandha tinkludi tagħrif dwar il-pajjiżi benefiċjarji mill-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 732/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 732/2008 jinbidel bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

José Manuel BARROSO

*Il-President*

[1] ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1.
[2] ĠU L 334, 12.12.2008, p. 90.
[3] ĠU L 149, 12.6.2009, p. 78.

*ANNESS*

*"ANNESS I*

**Pajjiżi u territorji benefiċjarji** (1) **tal-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati**

*Kolonna A:* kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura ta' pajjiżi u territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Komunità

*Kolonna B:* isem il-pajjiż jew territorju

*Kolonna C:* settur(i) li fir-rigward tagħhom tneħħew il-preferenzi tariffarji, għall-pajjiż benefiċjarju kkonċernat (Artikolu 13)

*Kolonna D:* pajjiż inkluż fl-arranġamenti speċjali għall-pajjiżi l-inqas żviluppati (Artikolu 11)

*Kolonna E:* pajjiż inkluż fl-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba (Artikolu 7)

| A | B | C | D | E |
|---|---|---|---|---|
| AE | L-Emirati Għarab Magħquda | | | |
| AF | L-Afganistan | | X | |
| AG | Antigwa u Barbuda | | | |
| AI | Angwilla | | | |
| AM | L-Armenja | | | X |
| AN | L-Antilli Olandiżi | | | |
| AO | L-Angola | | X | |
| AQ | Antartika | | | |
| AR | L-Arġentina | | | |
| AS | Is-Samoa Amerikana | | | |
| AW | Aruba | | | |
| AZ | L-Ażerbajġan | | | X |
| BB | Il-Barbados | | | |
| BD | Il-Bangladesh | | X | |
| BF | Burkina Faso | | X | |
| BH | Il-Baħrejn | | | |
| BI | Il-Burundi | | X | |
| BJ | Benin | | X | |
| BM | Il-Bermuda | | | |
| BN | Il-Brunei Darussalam | | | |
| BO | Il-Bolivja | | | X |

(1) Din il-lista tinkludi pajjiżi li setgħu kienu temporanjament sospiżi mis-SĠP tal-Komunità jew li setgħu ma kkonformawx mar-rekwiżiti għal kooperazzjoni amministrattiva (prekondizzjoni biex prodotti jingħataw il-benefiċċju tal-preferenzi tariffarji). Il-Kummissjoni jew l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ikkonċernat ser jipprovdu lista aġġornata.

| A | B | C | | D | E |
|---|---|---|---|---|---|
| BR | Il-Brażil | S-IV | Ikel ippreparat; xorb, spirti u ħall; tabakk u sostituti manifatturati tat-tabakk | | |
| | | S-IX | Injam u oġġetti tal-injam; faħam tal-injam; sufra u oġġetti tas-sufra; fabbrikati tat-tiben, tal-esparto jew ta' materjali għall-immaljar oħrajn; xogħol ta' basktijiet u xogħol tal-wiker | | |
| BS | Il-Baħamas | | | | |
| BT | Il-Bhutan | | | X | |
| BV | Il-Gżira ta' Bouvet | | | | |
| BW | Il-Botswana | | | | |
| BY | Il-Belarus | | | | |
| BZ | Il-Beliże | | | | |
| CC | Gżejjer Kokos (jew Gżejjer Keeling) | | | | |
| CD | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo | | | X | |
| CF | Ir-Repubblika Afrikana Ċentrali | | | X | |
| CG | Il-Kongo | | | | |
| CI | Il-Kosta tal-Avorju | | | | |
| CK | Il-Gżejjer Cook | | | | |
| CM | Il-Kamerun | | | | |
| CN | Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina | S-VI | Prodotti tal-industrija kimika jew dawk relatati magħha | | |
| | | S-VII | Plastik u oġġetti magħmulin minnu; gomma u oġġetti magħmulin minnha | | |
| | | S-VIII | Ġlud mhux maħdumin, ġilda, ferijiet u oġġetti magħmulin minnhom; oġġetti tas-sarraġ u xedd; oġġetti għas-safar; basktijiet tal-idejn u kontenituri simili; oġġetti tal-musrana ta' annimali (ħlief musrana tad-dudu tal-ħarir) | | |
| | | S-IX | Injam u oġġetti tal-injam; faħam tal-injam; sufra u oġġetti tas-sufra; fabbrikati tat-tiben, tal-esparto jew ta' materjali għall-immaljar oħrajn; insiġ ta' qfuf u xogħol tal-wiker | | |
| | | S-XI(a) | Tessuti; S-XI(b) Artikli tat-tessuti | | |
| | | S-XII | Xedd tas-saqajn, ilbies għar-ras, umbrelel, umbrelel tax-xemx, bsaten, bsaten siġġu, swat, frosti u bċejjeċ tagħhom; rix ippreparat u oġġetti magħmulin minnu; fjuri artifiċjali; oġġetti minn xagħar uman | | |
| | | S-XIII | Oġġetti tal-ġebel, ġibs, siment, asbestos, majka jew materjali simili; prodotti taċ-ċeramika; ħġieġ u oġġetti tal-ħġieġ | | |

| A | B | C | D | E |
|---|---|---|---|---|
| | | S-XIV Perli naturali jew koltivati, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż, metalli prezzjużi, metalli miksijin b'metall prezzjuż u oġġetti tagħhom; ġojjelli artifiċjali; munita | | |
| | | S-XV Metalli ta' valur baxx u oġġetti ta' metalli ta' valur baxx | | |
| | | S-XVI Makkinarju u għodod mekkaniċi; tagħmir elettriku; partijiet minnhom; strumenti li jirreġistraw u jirriproduċu l-ħoss, strumenti li jirreġistraw u jirriproduċu stampa u ħoss tat-televiżjoni, u bċejjeċ u aċċessorji ta' dawn l-oġġetti | | |
| | | S-XVII Vetturi, biċċiet tal-ajru, bastimenti u tagħmir tat-trasport assoċjat | | |
| | | S-XVIII Strumenti u apparat ottiċi, fotografiċi, ċinematografiċi, ta' kejl, ta' verifika, ta' preċiżjoni, mediċi jew kirurġiċi; arloġġi u arloġġi tal-idejn; strumenti mużikali; bċejjeċ u aċċessorji tagħhom | | |
| | | S-XX Diversi oġġetti manifatturati | | |
| CO | Il-Kolombja | | | X |
| CR | Kosta Rika | | | X |
| CU | Kuba | | | |
| CV | Il-Kap Verde | | X | |
| CX | Il-Gżira Christmas | | | |
| DJ | Djibouti | | X | |
| DM | Dominika | | | |
| DO | Ir-Repubblika Dominikana | | | |
| DZ | L-Alġerija | | | |
| EC | L-Ekwador | | | X |
| EG | L-Eġittu | | | |
| ER | L-Eritrea | | X | |
| ET | L-Etjopja | | X | |
| FJ | Il-Fiġi | | | |
| FK | Il-Gżejjer Falkland | | | |
| FM | L-Istati Federali tal-Mikroneżja | | | |
| GA | Il-Gabon | | | |
| GD | Grenada | | | |
| GE | Il-Ġeorġja | | | X |
| GH | Il-Gana | | | |
| GI | Ġibiltà | | | |
| GL | Greenland | | | |
| GM | Il-Gambja | | X | |

| A | B | C | | D | E |
|---|---|---|---|---|---|
| GN | Guinea | | | X | |
| GQ | Il-Guinea Ekwatorjali | | | X | |
| GS | Il-Ġeorġja t'Isfel u l-Gżejjer Sandwich t'Isfel | | | | |
| GT | Il-Gwatemala | | | | X |
| GU | Il-Gwam | | | | |
| GW | Guinea-Bissau | | | X | |
| GY | Gujana | | | | |
| HM | Il-Gżira Heard u l-Gżejjer McDonald | | | | |
| HN | Il-Ħonduras | | | | X |
| HT | Haiti | | | X | |
| ID | L-Indoneżja | S-III | Xaħam u żjut veġetali u tal-annimali u l-prodotti mifruqin tagħhom; xaħmijiet li jittieklu mħejjija; xamgħat ta' annimali jew ħxejjex | | |
| IN | L-Indja | S-XI(a) | Tessuti | | |
| IO | It-Territorju Britanniku tal-Oċean Indjan | | | | |
| IQ | L-Iraq | | | | |
| IR | L-Iran | | | | |
| JM | Il-Ġamajka | | | | |
| JO | Il-Ġordan | | | | |
| KE | Il-Kenja | | | | |
| KG | Il-Kirgistan | | | | |
| KH | Il-Kambodja | | | X | |
| KI | Kiribati | | | X | |
| KM | Il-Komoros | | | X | |
| KN | St Kitts u Nevis | | | | |
| KW | Il-Kuwajt | | | | |
| KY | Il-Gżejjer Cayman | | | | |
| KZ | Il-Każakstan | | | | |
| LA | Ir-Repubblika Popolari Demokratika tal-Laos | | | X | |
| LB | Il-Libanu | | | | |
| LC | St Luċija | | | | |
| LK | Sri Lanka | | | | X |
| LR | Il-Liberja | | | X | |

| A | B | C | D | E |
|---|---|---|---|---|
| LS | Il-Lesoto | | X | |
| LY | Il-Ġamaħarija Għarbija Libjana | | | |
| MA | Il-Marokk | | | |
| MG | Il-Madagaskar | | X | |
| MH | Il-Gżejjer Marshall | | | |
| ML | Il-Mali | | X | |
| MM | Il-Mjanmar | | X | |
| MN | Il-Mongolja | | | X |
| MO | Il-Makaw | | | |
| MP | Il-Gżejjer Marjana ta' Fuq | | | |
| MR | Il-Mawritanja | | X | |
| MS | Il-Montserrat | | | |
| MU | Il-Mawrizju | | | |
| MV | Il-Maldivi | | X | |
| MW | Il-Malawi | | X | |
| MX | Il-Messiku | | | |
| MY | Il-Malażja | S-III Xaħam u żjut veġetali u tal-annimali u l-prodotti mifruqin tagħhom; xaħmijiet li jittieklu mħejjija; xamgħat ta' annimali jew ħxejjex | | |
| MZ | Il-Możambik | | X | |
| NA | In-Namibja | | | |
| NC | Il-Kaledonja l-Ġdida | | | |
| NE | In-Niġer | | X | |
| NF | Il-Gżira ta' Norfolk | | | |
| NG | In-Niġerja | | | |
| NI | In-Nikaragwa | | | X |
| NP | In-Nepal | | X | |
| NR | Nauru | | | |
| NU | Niue | | | |
| OM | L-Oman | | | |
| PA | Panama | | | |
| PE | Il-Perù | | | X |
| PF | Il-Polineżja Franċiża | | | |
| PG | Papua New Guinea | | | |

| A | B | C | D | E |
|---|---|---|---|---|
| PH | Il-Filippini | | | |
| PK | Il-Pakistan | | | |
| PM | St Pierre u Miquelon | | | |
| PN | Pitcairn | | | |
| PW | Palau | | | |
| PY | Il-Paragwaj | | | X |
| QA | Il-Qatar | | | |
| RU | Il-Federazzjoni Russa | | | |
| RW | Ir-Rwanda | | X | |
| SA | L-Arabja Sawdija | | | |
| SB | Il-Gżejjer Solomon | | X | |
| SC | Is-Seychelles | | | |
| SD | Is-Sudan | | X | |
| SH | Santa Helena | | | |
| SL | Sierra Leone | | X | |
| SN | Is-Senegal | | X | |
| SO | Is-Somalja | | X | |
| SR | Is-Surinam | | | |
| ST | São Tomé u Príncipe | | X | |
| SV | El Salvador | | | X |
| SY | Ir-Repubblika Gharbija Sirjana | | | |
| SZ | Is-Swaziland | | | |
| TC | Il-Gżejjer Turks u Caicos | | | |
| TD | Iċ-Ċad | | X | |
| TF | It-Territorji Franċiż tan-Nofsinhar | | | |
| TG | It-Togo | | X | |
| TH | It-Tajlandja | S-XIV Perli naturali jew koltivati, ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż, metalli prezzjużi, metalli miksijin b'metall prezzjuż u oġġetti tagħhom; ġojjelli artifiċjali; munita | | |
| TJ | It-Taġikistan | | | |
| TK | Tokelau | | | |
| TL | Timor-Leste | | X | |
| TM | It-Turkmenistan | | | |
| TN | It-Tuneżija | | | |

| A | B | C | | D | E |
|---|---|---|---|---|---|
| TO | Tonga | | | | |
| TT | Trinidad u Tobago | | | | |
| TV | Tuvalu | | | X | |
| TZ | It-Tanzanija | | | X | |
| UA | L-Ukrajna | | | | |
| UG | L-Uganda | | | X | |
| UM | Il-Gżejjer Minuri tal-periferija tal-Istati Uniti | | | | |
| UY | L-Urugwaj | | | | |
| UZ | L-Użbekistan | | | | |
| VC | St Vincent u l-Grenadines | | | | |
| VE | Il-Venezwela | | | | |
| VG | Il-Gżejjer Virgin Brittaniċi | | | | |
| VI | Gżejjer Virgin tal-Istati Uniti tal-Amerika) | | | | |
| VN | Il-Vjetnam | S-XII | Xedd tas-saqajn, ilbies għar-ras, umbrelel, umbrelel tax-xemx, bsaten, bsaten siġġu, swat, frosti u bċejjeċ tagħhom; rix ippreparat u oġġetti magħmulin minnu; fjuri artifiċjali; oġġetti minn xagħar uman | | |
| VU | Vanwatu | | | X | |
| WF | Wallis u Futuna | | | | |
| WS | Is-Samoa | | | X | |
| YE | Il-Jemen | | | X | |
| YT | Mayotte | | | | |
| ZA | L-Afrika t'Isfel | | | | |
| ZM | Iż-Żambja | | | X | |
| ZW | Iż-Żimbabwe" | | | | |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1237/2009

## tal-11 ta' Diċembru 2009

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Marrone di Caprese Michelangelo (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2), u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2), tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni mressqa mill-Italja għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Marrone di Caprese Michelangelo" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tkun irreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan hija rreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjon*

José Manuel BARROSO

*Il-President*

---

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU C 112, 16.5.2009, p. 17.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat

**Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, ipproċessati jew mhumiex**

L-ITALJA

Marrone di Caprese Michelangelo (DPO)

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1238/2009**

**tal-11 ta' Diċembru 2009**

**li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pomodorino del Piennolo del Vesuvio (DPO)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara li kkunsidrat it-trattat dwar il-funzjoni tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(2), tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba mressqa mill-Italja għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Pomodorino del Piennolo del Vesuvio" kienet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tkun irreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan hija rreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

José Manuel BARROSO

*Il-President*

---

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

[2] ĠU C 111 15.5.2009, p. 21.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, ipproċessati jew mhumiex**

L-ITALJA

Pomodorino del Piennolo del Vesuvio (DPO)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1239/2009

## tal-15 ta' Diċembru 2009

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Crudo di Cuneo (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2), u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2), tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni mressqa mill-Italja għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Crudo di Cuneo" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tkun irreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan hija rreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

José Manuel BARROSO

*Il-President*

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

([2]) ĠU C 112, 16.5.2009, p. 12.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat

**Klassi 1.2 Prodotti magħmulin mil-laħam (imsajrin, immelħin, affumikati, eċċ.)**

L-ITALJA

Crudo di Cuneo (DPO)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1240/2009

## tas-16 ta' Diċembru 2009

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 428/2008 li jistabbilixxi ċ-ċentri tal-intervent għaċ-ċereali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu, b'rabta mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Estonja u r-Rumanija ppreżentaw talbiet għall-emendi ta' ċerti ċentri tal-intervent li jidhru fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 428/2008 ([2]) biex titjieb il-lokalizzazzjoni ta' dawn iċ-ċentri jew biex il-kundizzjonijiet mitluba jiġu ssodisfati aħjar. It-talbiet tagħhom għandhom jintlaqgħu.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 428/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(3) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-organizzazzjoni komuni għas-swieq agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2009

*Għall-Kummissjoni*
José Manuel BARROSO
*Il-President*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 129, 17.5.2008, p. 8.

*ANNESS*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) it-tabella bit-titolu "ESTONJA" għandha tinbidel bit-tabella li ġejja:

| Ċentri tal-intervent | Qamħ komuni | Xgħir | Qamħirrum | Sorgu |
|---|---|---|---|---|
| "L-ESTONJA | | | | |
| Tartu | + | + | - | - |
| Viljandi | + | + | - | - |
| Tamsalu | + | + | - | - |
| Keila | + | + | - | -" |

(2) it-tabella bl-isem "RUMANIJA" għandha tiġi modifikata kif ġej:

(a) Il-linja li tikkorrispondi għaċ-ċentru ta' "Brăila" għandha tinbidel bit-test li jsegwi:

| Ċentri tal-intervent | Qamħ komuni | Xgħir | Qamħirrum | Sorgu |
|---|---|---|---|---|
| "Brăila | + | + | + | -" |

(b) Il-linja li jmiss għandha tiġi miżjuda wara dik li tikkorrispondi għaċ-ċentru ta' "Brăila"

| Ċentri tal-intervent | Qamħ komuni | Xgħir | Qamħirrum | Sorgu |
|---|---|---|---|---|
| "Ianca | - | + | - | -" |

(c) Il-linja li tikkorrispondi għaċ-ċentru ta' "Roman" għandha tinbidel bit-test li ġej:

| Ċentri tal-intervent | Qamħ komuni | Xgħir | Qamħirrum | Sorgu |
|---|---|---|---|---|
| "Roman | + | + | - | -" |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1241/2009

## tas-16 ta' Diċembru 2009

## li jissokta u jaġġorna l-ambitu tas-sorveljanza minn qabel ta' importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw minn ċerti pajjiżi terzi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009 [1] tas-26 ta' Frar 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 625/2009 [2] tas-7 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

(1) Bir-Regolament (KE) Nru 76/2002 [3], il-Kummissjoni introduċiet sorveljanza tal-Komunità minn qabel ta' importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw minn pajjiżi terzi.

(2) L-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni mhijiex disponibbli fil-perjodi stabbiliti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1917/2000 [4].

(3) Għalkemm is-sitwazzjoni nbidlet minn mindu ġiet introdotta s-sorveljanza fl-2002, l-iżviluppi fis-suq dinji tal-azzar għadhom jeħtieġu sistema ta' informazzjoni rapida u affidabbli dwar l-importazzjonijiet tal-Komunità fil-ġejjieni.

(4) Ġew eżaminati x-xejriet tal-importazzjonijiet tal-prodotti attwalment taħt sorveljanza kif ukoll prodotti ċatti u tubi kbar issaldjati tal-azzar li ma jissaddadx, li attwalment mhumiex fis-sistema ta' sorveljanza. Tqies li hu meħtieġ l-eżami tax-xejriet għal dawn il-prodotti addizzjonali minħabba l-fatt li jirrappreżentaw il-prodotti li l-aktar għandhom valur miżjud fis-suq.

(5) F'dawn l-aħħar snin, l-importazzjonijiet lejn l-UE ta' dawn il-prodotti tal-azzar żdiedu sostanzjalment (b'40 %) f'termini assoluti bejn l-2005 u l-2008. Anki jekk l-importazzjonijiet bdew jonqsu minn tmiem l-2008 'l hawn, l-importazzjonijiet sempliċement segwew it-tnaqqis fid-domanda u, f'termini relattivi għall-konsum, baqgħu sinifikanti.

(6) Il-kapaċitajiet fil-produzzjoni tal-azzar madwar id-dinja kibru fl-2006-2008 u huma mistennija li jkomplu jikbru sal-2010. Hu mistenni tkabbir ta' kapaċità b'żewġ ċifri fis-sentejn li ġejjin, f'varjetà ta' reġjuni u b'mod speċjali fiċ-Ċina, l-Indja, l-Brażil u l-Lvant Nofsani. Iċ-Ċina, l-aktar pajjiż importanti f'dak li huwa żieda ta' kapaċità, tirrappreżenta llum madwar 40 % tal-kapaċità tal-industrija tal-azzar mhux maħdum u madwar tliet darbiet aktar mill-konsum tal-azzar fl-UE fis-sena.

(7) Minħabba l-fatt li l-UE hija suq importanti għall-azzar f'dak li għandu x'jaqsam ma' daqs u ma' prezz, speċjalment fil-kuntest ta' munita b'saħħitha, x'aktarx li ladarba s-suq jirkupra u d-domanda fis-suq tal-Unjoni titjieb, iż-żejjed kollu fil-kapaċità tal-azzar jkun jista' jintbagħat lura lill-UE. B'paragun ma' dan, l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi dan l-aħħar naqas b'limitu li jvarja billi pajjiżi f'bosta żoni ġeografiċi (bħall-Amerika ta' Fuq u ta' Isfel, l-Ażja, il-Lvant Nofsani) ħadu miżuri biex jipproteġu jew jappoġġjaw l-industrija tal-azzar tagħhom. Dawn il-miżuri ħadu forom differenti, inklużi żidiet fit-tariffi, l-obbligu ta' liċenzji, preferenza għax-xiri lokali, u jikkonċernaw swieq b'sehem sinifikanti mill-konsum globali.

(8) Il-produzzjoni tal-azzar mhux maħdum u tal-prodotti ċatti tal-azzar li ma jsaddadx fl-UE laħqet l-ogħla livell fl-2007 u l-2006 rispettivament, u mbagħad bdiet tonqos fl-2008. Fl-ewwel semestru tal-2009 kien hemm tnaqqis ta' 43,2 % meta mqabbel mal-ewwel semestru tal-2008 kuntrarju għal tnaqqis fil-produzzjoni dinjija tal-azzar ta' 22,4 % matul l-istess perjodu. Il-kriżi kellha impatt fuq l-akbar pajjiżi kollha li jipproduċu l-azzar fl-UE, u b'reazzjoni għal dan il-produtturi tal-azzar naqqsu n-numru ta' jiem ta' produzzjoni, biex b'hekk żiedu l-kapaċità mhux utilizzata.

(9) Il-produtturi kollha naqqsu l-impjiegi b'mod sinifikanti. F'Ġunju 2009 madwar 40 % tal-forza tax-xogħol fis-settur tal-azzar tal-UE kienu affettwati mill-kriżi ekonomika fil-forma ta' sensja permanenti jew temporanja u konċessjonijiet għax-xogħol fuq żmien qasir.

(10) Fuq il-bażi ta' xejriet reċenti fl-importazzjonijiet tal-prodotti tal-azzar, tal-qagħda vulnerabbli attwali tal-industrija tal-UE, tad-domanda dgħajfa kontinwa fis-suq tal-UE u tal-probabbiltà li ż-żejjed fil-kapaċità kemm bħalissa kif ukoll fil-ġejjieni jintbagħat lura lill-UE jekk id-domanda tirkupra, jista' għaldaqstant jitqies li teżisti theddida ta' ħsara għall-produtturi tal-Unjoni skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 260/2009.

(1) ĠU L 84, 31.3.2009, p. 1.
(2) ĠU L 185, 17.7.2009, p. 1.
(3) ĠU L 16, 18.1.2002, p. 3.
(4) ĠU L 229, 9.9.2000, p. 14.

(11) Għalhekk, l-interessi tal-Unjoni jeħtieġu li l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar għandhom ikomplu jkunu suġġetti għal sorveljanza minn qabel biex tkun ipprovduta informazzjoni dwar l-istatistika avvanzata li tippermetti analiżi rapida tax-xejriet fl-importazzjonijiet. Dejta kummerċjali rapida u antiċipata hija meħtieġa biex tittratta mal-vulnerabbiltà tas-suq Ewropew tal-azzar meta dan jiffaċċja bidliet għall-għarrieda fis-swieq dinjija tal-azzar. Dan huwa b'mod partikolari importanti fil-qagħda tal-kriżi preżenti mmarkata b'inċertezzi fir-rigward ta' jekk id-domanda terġax tirkupra strutturalment u jekk l-industrija tal-UE tistax fil-fatt tibbenefika minn dan.

(12) Barra minn hekk, fid-dawl tal-iżviluppi fis-suq tal-prodotti ċatti tal-azzar li ma jissaddadx u ta' tubi kbar issaldjati u l-qagħda tal-industriji interessati, u minħabba li sistemi simili ta' monitoraġġ tal-importazzjonijiet tal-azzar jinkludu dawn il-prodotti, huwa xieraq li l-ambitu ta' din is-sistema jinkludi l-prodotti mniżżla fl-Anness I.

(13) Meta jitqiesu l-iżviluppi msemmija hawn fuq, u waqt li jiġi kkunsidrat li pajjiżi oħra ewlenin li jipproduċu l-azzar bħall-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerika ddeċidew dan l-aħħar li jestendu s-sistemi simili ta' monitoraġġ tagħhom tal-importazzjonijiet tal-azzar (estiżi sal-31 ta' Awwissu 2011 u l-21 ta' Marzu 2013, rispettivament), huwa xieraq li din is-sistema għandha tkompli sal-31 ta' Diċembru 2012.

(14) Biex jitnaqqas kemm jista' jkun it-tfixkil żejjed u ma jitħarbtux l-attivitajiet tal-kumpaniji qrib il-fruntieri, il-piż nett tal-importazzjonijiet li huma esklużi mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jibqa' ta' 2 500 kilogramma,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 76/2002 huwa emendat kif ġej:

1. L-ambitu tas-sorveljanza minn qabel għandu jiġi estiż għall-prodotti mniżżla fl-Anness I.

2. Fl-Artikolu 6 jitħassar "il-31 ta' Diċembru 2009" u minflok jinkiteb "il-31 ta' Diċembru 2012".

3. Il-Lista tal-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti għandha tinbidel bil-lista fl-Anness II.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, is-16 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

José Manuel BARROSO

*Il-President*

*ANNESS I*

**Lista ta' prodotti li għandhom jiżdiedu mal-lista tal-prodotti soġġetti għal sorveljanza minn qabel**

| | | |
|---|---|---|
| 7219 11 00 | 7219 24 00 | 7220 11 00 |
| 7219 12 10 | 7219 31 00 | 7220 12 00 |
| 7219 12 90 | 7219 32 10 | 7220 20 21 |
| 7219 13 10 | 7219 32 90 | 7220 20 29 |
| 7219 13 90 | 7219 33 10 | 7220 20 41 |
| 7219 14 10 | 7219 33 90 | 7220 20 49 |
| 7219 14 90 | 7219 34 10 | 7220 20 81 |
| 7219 21 10 | 7219 34 90 | 7220 20 89 |
| 7219 21 90 | 7219 35 10 | 7220 90 20 |
| 7219 22 10 | 7219 35 90 | 7220 90 80 |
| 7219 22 90 | 7219 90 20 | 7228 50 20 |
| 7219 23 00 | 7219 90 80 | L-intestatura sħiħa tan-NM 7305 |

*ANNESS II*

**LISTA DE LAS AUTORIDADES NACIONALES COMPETENTES**

**СПИСЪК НА КОМПЕТЕНТНИТЕ НАЦИОНАЛНИ ОРГАНИ**

**SEZNAM PŘÍSLUŠNÝCH VNITROSTÁTNÍCH ORGÁNŮ**

**LISTE OVER KOMPETENTE NATIONALE MYNDIGHEDER**

**LISTE DER ZUSTÄNDIGEN BEHÖRDEN DER MITGLIEDSTAATEN**

**PÄDEVATE RIIKLIKE ASUTUSTE NIMEKIRI**

**ΔΙΕΥΘΥΝΣΕΙΣ ΤΩΝ ΑΡΧΩΝ ΕΚΔΟΣΗΣ ΑΔΕΙΩΝ ΤΩΝ ΚΡΑΤΩΝ ΜΕΛΩΝ**

**LIST OF THE COMPETENT NATIONAL AUTHORITIES**

**LISTE DES AUTORITÉS NATIONALES COMPÉTENTES**

**ELENCO DELLE COMPETENTI AUTORITÀ NAZIONALI**

**VALSTU KOMPETENTO IESTAŽU SARAKSTS**

**ATSAKINGŲ NACIONALINIŲ INSTITUCIJŲ SĄRAŠAS**

**AZ ILLETÉKES NEMZETI HATÓSÁGOK LISTÁJA**

**LISTA TAL-AWTORITAJIET KOMPETENTI NAZZJONALI**

**LIJST VAN BEVOEGDE NATIONALE INSTANTIES**

**LISTA WŁAŚCIWYCH ORGANÓW KRAJOWYCH**

**LISTA DAS AUTORIDADES NACIONAIS COMPETENTES**

**LISTA AUTORITĂȚILOR NAȚIONALE COMPETENTE**

**ZOZNAM PRÍSLUŠNÝCH ŠTÁTNYCH ORGÁNOV**

**SEZNAM PRISTOJNIH NACIONALNIH ORGANOV**

**LUETTELO TOIMIVALTAISISTA KANSALLISISTA VIRANOMAISISTA**

**FÖRTECKNING ÖVER BEHÖRIGA NATIONELLA MYNDIGHETER**

BELGIQUE/BELGIË

Service public fédéral de l'économie, des PME, des classes moyennes et de l'énergie
Direction générale du potentiel économique
Service des licences
Rue de Louvain 44
1000 Bruxelles
BELGIQUE
Tél. +32 25486469
Fax +32 22775063

Federale Overheidsdienst Economie, Kmo, Middenstand & Energie
Algemene Directie Economisch Potentieel
Dienst Vergunningen
Leuvenseweg 44
1000 Brussel
BELGIË
Tel. +32 25486469
Fax +32 22775063

БЪЛГАРИЯ

Министерство на икономиката, енергетиката и туризма
Дирекция дирекция „Регистриране, лицензиране и контрол"
ул. „Славянска" № 8
1052 София
Тел. +359 29407008 / +359 29407673 / +359 29407800
Факс +359 29815041 /+359 29804710 / +359 29883654

ČESKÁ REPUBLIKA

Ministerstvo průmyslu a obchodu
Licenční správa
Na Františku 32
110 15 Praha 1
ČESKÁ REPUBLIKA
Tel. +420 224907111
Fax +420 224212133

DANMARK

Erhvervs- og Byggestyrelsen
Økonomi- og Erhvervsministeriet
Langelinie Allé 17
2100 København Ø
Tlf. +45 35466030
Fax +45 35466029
Fax +45 35466001

DEUTSCHLAND

Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle, (BAFA)
Frankfurter Straße 29-35
65760 Eschborn 1
DEUTSCHLAND
Tel. +49 61969080
Fax +49 6196908800

EESTI

Majandus- ja Kommunikatsiooniministeerium
Harju 11
15072 Tallinn
Tel. +372 6256400
Faks +372 6313660

FRANCE

Ministère de l'économie, de l'Industrie et de l'emploi
Direction générale de la compétitivité, de l'industrie et des services
Sous-direction «industries de santé, de la chimie et des nouveaux matériaux»
Bureau «matérieaux du futur et nouveaux procédés»
Le Bervil
12 rue Villiot
75572 Paris Cedex 12
FRANCE
Tél. +33 153449026
Fax +33 153449172

ITALIA

Ministero delle Attività produttive
Direzione generale per la politica commerciale e per la gestione del regime degli scambi
Viale America 341
00144 Roma RM
ITALIA
Tel. +39 0659647517 / +39 0659932471 / +39 0659932245 / +39 0659932260
Fax +39 0659932235 / +39 0659932636

ΚΥΠΡΟΣ/KYPROS

Υπουργείο Εμπορίου, Βιομηχανίας και Τουρισμού
Υπηρεσία Εμπορίου
Μονάδα Έκδοσης Αδειών Εισαγωγής/Εξαγωγής
Οδός Ανδρέα Αραούζου Αρ. 6
1421 Λευκωσία
ΚΥΠΡΟΣ/KYPROS
Τηλ. +357 22867100
Φαξ +357 22375120

IRELAND

Department of Enterprise, Trade and Employment
Import/Export Licensing, Block C
Earlsfort Centre
Hatch Street
Dublin 2
IRELAND
Tel. +353 16312121
Fax +353 16312562

ΕΛΛΑΣ

Υπουργείο Οικονομίας, Ανταγωνιστικότητας & Ναυτιλίας
Γενική Διεύθυνση Διεθνούς Οικονομικής Πολιτικής
Διεύθυνση Καθεστώτων Εισαγωγών-Εξαγωγών, Εμπορικής Άμυνας
Κορνάρου 1
105 63 Αθήνα
ΕΛΛΑΣ
Τηλ. +30 2103286021/22
Φαξ +30 2103286094

ESPAÑA

Ministerio de Industria, Turismo y Comercio
Secretaría General de Comercio Exterior
Subdirección General de Comercio Exterior de Productos Industriales
Paseo de la Castellana 162
28046 Madrid
ESPAÑA
Tel. +34 913493817 / +34 9134937488
Fax +34 913493831

LATVIJA

Latvijas Republikas Ekonomikas ministrija
Brīvības iela 55
Rīga, LV-1519
Tel. +371 670132 99/00 / +371 67013248
Fakss +371 67280882

LIETUVA

Lietuvos Respublikos ūkio ministerija
Prekybos departamentas
Gedimino pr. 38/2
LT-01104 Vilnius
Tel. +370 52628750 / +370 52619488
Faks. +370 52623974

LUXEMBOURG

Ministère de l'économie et du commerce extérieu
Office des licences
BP 113
2011 Luxembourg
LUXEMBOURG
Tél. +352 4782371
Fax +352 466138

MAGYARORSZÁG

Magyar Kereskedelmi Engedélyezési Hivatal
Budapest
Margit krt. 85.
1024
MAGYARORSZÁG
Tel. +36 13367303
Fax +36 13367302
E-mail: mkeh@mkeh.gov.hu

MALTA

Diviżjoni għall-Kummerċ
Servizzi Kummerċjali
Lascaris
Valletta
CMR 02
Tel. +356 21237112
Fax +356 25690299

NEDERLAND

Belastingdienst/Douane centrale dienst voor in- en uitvoer
Postbus 30003, Engelse Kamp 2
9700 RD Groningen
NEDERLAND
Tel. +31 505232600
Fax +31 505232210

ROMÂNIA

Ministerul Întreprinderilor Mici și Mijlocii, Comerțului și Mediului de Afaceri
Direcția Generală Politici Comerciale
Str. Ion Câmpineanu, nr. 16, sector 1
010036 București
Tel. +40 213150081
Fax +40 213150454
e-mail: clc@dce.gov.ro

SLOVENIJA

Ministrstvo za finance
Carinska uprava Republike Slovenije
Carinski urad Jesenice
Spodnji plavž 6C
SI-4270 Jesenice
SLOVENIJA
Tel. +386 42974470
Faks +386 42974472

SLOVENSKO

Ministerstvo hospodárstva
Mierová 19
827 15 Bratislava 212
Slovenská republika
Tel. +421 248542021 / +421 248547119
Fax +421 248543116

ÖSTERREICH

Bundesministerium für Wirtschaft, Familie und Jugend
Außenwirtschaftsadministration
Abteilung C2/2
Stubenring 1
1011 Wien
Tel. +43 171100-0
Fax +43 171100/83 86

POLSKA

Ministerstwo Gospodarki
Plac Trzech Krzyży 3/5
00-507 Warszawa
POLSKA
Tel. +48 226935553
Fax +48 226934021

PORTUGAL

Ministério das Finanças e da Administração Pública
Direcção-Geral das Alfândegas e dos Impostos Especiais sobre o Consumo
Rua da Alfândega, n.º 5, r/c
1149-006 Lisboa
PORTUGAL
Tel. +35 1218814263
Fax +35 1218813990

SUOMI/FINLAND

Tullihallitus
PL 512
FI-00101 Helsinki
P. +358 96141
F. +358 204922852

Tullstyrelsen
PB 512
FI-00101 Helsingfors
Fax +358 204922852

SVERIGE

Kommerskollegium
Box 6803
SE-113 86 Stockholm
Tfn +46 86904800
Fax +46 8306759

UNITED KINGDOM

Department for Business, Innovation and Skills Import Licensing Branch
Queensway House — West Precinct
Billingham
TS23 2NF
UNITED KINGDOM
Tel. +44 1642364333 / +44 1642364334
Fax +44 1642364269
E-mail: enquiries.ilb@bis.gsi.gov.uk

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1242/2009

## tas-16 ta' Diċembru 2009

## li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' skannjar tal-merkanzija li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku") [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat ta' Konsulenza,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

#### 1.1. Ftuħ

(1) Fit-18 ta' Marzu 2009, il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' avviż li ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2] ("avviż ta' ftuħ"), il-ftuħ ta' proċediment antidumping li jirrigwarda l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' ċerti sistemi ta' skannjar tal-merkanzija li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ").

(2) Il-proċediment antidumping inbeda wara lment imressaq fit-2 ta' Frar 2009 mill-produttur Komunitarju Smiths Detection Group Limited ('il-kwerelant), li jirrappreżenta proporzjon ewlieni, f'dan il-każ ta' aktar minn 80 % tal-produzzjoni Komunitarja totali ta' ċerti sistemi ta' skannjar tal-merkanzija. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping tal-prodott imsemmi u ta' dannu materjali li tirriżulta minnu, li tqieset biżżejjed biex tiġġustifika l-ftuħ ta' proċediment.

#### 1.2. Il-partijiet ikkonċernati mill-proċediment

(3) Il-Kummissjoni uffiċjalment informat lill-kwerelant, produtturi oħrajn magħrufa fil-Komunità, l-uniku produttur esportatur magħruf fir-RPĊ, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur ikkonċernat, u produtturi fl-Istati Uniti tal-Amerika, li tqies kienu bħala pajjiż analogu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkuntattjat lill-utenti Komunitarji kollha magħrufa tal-prodott ikkonċernat/simili. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' ftuħ. Il-partijiet interessati kollha li talbu dan u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta.

(4) Sabiex l-uniku produttur esportatur magħruf fir-RPĊ ikun jista' jressaq talba għal trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES") jew trattament individwali ("TI"), jekk xtaq jagħmel dan, il-Kummissjoni bagħtet formoli ta' talbiet lill-produttur esportatur magħruf li huwa kkonċernat u lill-awtoritajiet tar-RPĊ. L-uniku produttur esportatur magħruf fir-RPĊ ma talabx TES skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku iżda talab TI.

(5) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet kollha magħrufa li huma kkonċernati u lill-partijiet l-oħrajn kollha li talbu dan fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' ftuħ.

(6) Risposti għall-kwestjonarji waslu mingħand l-uniku produttur esportatur Ċiniż magħruf, mingħand żewġ produtturi Komunitarji, minn produttur fl-Istati Uniti li kienu maħsuba bħala pajjiż analogu u mingħand disa' utenti Komunitarji.

(7) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li dehrilha li kienet meħtieġa għall-iskop tat-TES/TI u għal determinazzjoni provviżorja tad-dumping, tad-dannu riżultanti u tal-interess Komunitarju. Żjarat ta' verifika saru fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

a) Produtturi Komunitarji

Smiths Heimann SAS, Vitry (Franza) u Smiths Heimann GmbH, Wiesbaden (il-Ġermanja), żewġ kumpaniji relatati ma' Smiths Detection Group Limited

b) Produttur esportatur fir-RPĊ

Nuctech Company Limited, Beijing, ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

(8) Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġi stabbilit valur normali għall-produttur esportatur fir-RPĊ li ma talabx TES, saret żjara ta' verifika sabiex jiġi stabbilit valur normali fuq il-bażi ta' dejta minn pajjiż analogu, l-Istati Uniti f'dan il-każ, fil-bini tal-kumpanija li ġejja:

Rapiscan Systems Inc., Torrance, CA, l-Istati Uniti tal-Amerka

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.
[2] ĠU C 63, 18.3.2009, p. 20.

### 1.3. **Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu kkunsidrat**

(9) L-investigazzjoni ta' dumping u dannu kienet tkopri l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2007 sal-31 ta' Diċembru 2008 (il-"perjodu ta' investigazzjoni" jew "PI"). L-eżami ta' tendenzi rilevanti għall-evalwazzjoni ta' dannu kien ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2004 sal-aħħar tal-PI ("il-perjodu kkunsidrat"). Fir-rigward tat-tul tal-PI huwa nnutat li l-perjodu ta' 18-il xahar intgħażel minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tas-suq tal-prodott ikkonċernat/tal-prodott simili, jiġifieri l-eżistenza ta' proċessi ta' akkwist pubbliku/ta' sejħiet għall-offerti li jinvolvu perjodi ta' żmien twal biex titwettaq tranżazzjoni u l-għadd relattivament żgħir ta' tranżazzjonijiet.

## 2. **PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

### 2.1. **Prodott ikkonċernat**

(10) Il-prodott ikkonċernat huwa sistemi għall-iskannjar tal-merkanzija, ibbażati fuq l-użu ta' teknoloġija tan-newtroni jew ibbażati fuq l-użu ta' raġġi X b'sors ta' raġġi X ta' 250 KeV jew aktar jew ibbażati fuq l-użu ta' radjazzjonijiet alfa, beta jew gamma, li fil-preżent jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 9022 19 00, ex 9022 29 00, ex 9027 80 17 u ex 9030 10 00 u vetturi bil-mutur mgħammra b'sistemi bħal dawn li fil-preżent jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8705 90 90 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-prodott ikkonċernat").

(11) Dawk l-iskaners jikkostitwixxu sistemi ta' skrining b'teknoloġija avvanzata għall-monitoraġġ tal-merkanzija. Dawn jgħinu sabiex itejbu s-sikurezza u s-sigurtà billi jindunaw b'konsenji, *inter alia*, ta' splussivi, armi, materjal radjuattiv, narkotiċi, kuntrabandu u prodotti ffalsifikati. Huma għodda essenzjali għall-amministrazzjonijiet tad-dwana u għall-awtoritajiet tal-portijiet, kif ukoll għal ċerti kumpaniji tal-merkanzija bl-ajru u atturi privati oħrajn speċjalizzati fi kwistjonijiet ta' sigurtà u ta' sikurezza, sabiex jidentifikaw oġġetti suspettużi f'tagħbijiet magħluqa li jkunu qegħdin jivvjaġġaw bil-baħar, fuq l-art, bl-ajru jew bil-ferrovija.

(12) Il-prodott ikkonċernat jeżisti f'konfigurazzjonijiet differenti skont l-oġġett li għandu jiġi skannjat u skont jekk għandhomx ikunu mobbli jew statiċi. Il-konfigurazzjonijiet ewlenin huma dawn li ġejjin: sistemi stazzjonarji (li jkunu installati b'mod permanenti f'sit apposta), sistemi li jistgħu jitqiegħdu f'post ieħor (li jkunu sistemi ta' skannjar ħfief li jimxu fuq binarji u li jistgħu jitqiegħdu f'post ieħor), sistemi fuq binarji, sistemi mobbli (li jkollhom skaners inkorporati f'vettura b'mutur), sistemi li minnhom jingħadda l-oġġett u sistemi ta' portal. Fl-istess konfigurazzjoni, is-sistemi ta' skannjar tal-merkanzija għandhom l-istess karatteristiċi ġenerali fiżiċi, teknoloġiċi u ta' prestazzjoni, iservu eżattament għall-istess skopijiet f'termini ta' użu, jinbiegħu esklużivament lill-utenti finali u jiġu prodotti bl-użu tal-istess tip ta' tagħmir.

(13) L-uniku produttur esportatur Ċiniż li kkoopera talab li l-ambitu tal-prodott ikkonċernat għandu jitnaqqas b'mod radikali u għandu jinkludi biss ċerta parti tas-sistemi ta' skannjar tal-merkanzija bir-raġġi X, jiġifieri sistemi ta' skannjar tal-merkanzija mhux mobbli bbażati fuq l-użu ta' raġġi X (b'sors ta' raġġi X ta' aktar minn 450 KeV), minbarra sistemi ta' skannjar tal-merkanzija li fihom Enerġija Doppja Minsuġa (*Interlaced Dual-Energy* - IDE), teknoloġiji ta' binokulari stereoskopiku (BS) u ta' skannjar mgħaġġel. Kien sottomess li ċerti teknoloġiji mhumiex xjentifikament jew teknikament adattati għall-iskaners tal-merkanzija. Kien argumentat li, f'ċerti każijiet, it-teknoloġiji, l-użu aħħari u l-perċezzjoni tal-konsumaturi huma differenti. Il-kumpanija sostniet li t-teknoloġiji ta' radjazzjoni alfa jew beta ma jistgħux jintużaw xjentifikament jew teknikament fl-iskaners tal-merkanzija. Hija argumentat ukoll li l-iskaners tal-merkanzija b'teknoloġija tan-newtroni u gamma mhumiex prodotti fil-Komunità. Barra minn hekk, hija ssottomettiet li ċerti skaners huma differenti (jiġifieri skaners tal-merkanzija mobbli, skaners tal-merkanzija b'teknoloġija ta' skannjar mgħaġġel, skaners tal-merkanzija b'teknoloġija IDE u skaners tal-merkanzija li fihom teknoloġija BS, skaners tal-merkanzija b'ċertu livell ta' enerġija) u għaldaqstant ma jistgħux ikunu ttrattati bħall-prodott ikkonċernat. Fl-aħħar nett ġie asserit li ċerti tipi tal-prodott huma differenti u li xi wħud mit-tipi tal-prodott mhumiex prodotti fir-RPĊ jew fil-Komunità.

(14) L-investigazzjoni wriet li t-teknoloġiji kollha koperti mill-ambitu tal-prodott jistgħu jintużaw fi skaners tal-merkanzija u li t-tipi kollha tal-prodott iservu l-istess skop li huwa l-iskannjar tal-merkanzija bl-użu tal-istess karatteristika prinċipali ewlenija, jiġifieri l-emissjoni ta' radjazzjoni kkonċentrata fl-iskannjar tal-merkanzija. Din hija r-raġuni għalfejn bidliet fis-sors jew fil-livell ta' enerġija u kif ukoll il-fatt li ċerti teknoloġiji huma aktar adattati għal tipi speċifiċi ta' oġġetti li għandhom ikunu skannjati (eż. oġġetti organiċi) ma jistgħux jiġġustifikaw l-esklużjoni ta' ċertu tip ta' merkanzija. Fl-istess waqt it-tipi kollha tal-prodott, irrispettivament mit-teknoloġiji, iservu biex jissodisfaw l-istess għan waħdieni tal-utent tal-prodott, li ma huwa xejn għajr l-iskannjar tal-merkanzija. Barra minn hekk, is-sejħiet għal offerti fl-Unjoni Ewropea tipikament ma jeskludu ebda tip ta' teknoloġija, irrispettivament minn fejn jiġi magħmul il-prodott korrispondenti. Jidher ukoll li t-teknoloġiji b'radjazzjoni alfa u beta jistgħu jintużaw għall-iskannjar ta' ċertu tip ta' merkanzija. Fir-rigward ta' tipi ta' prodott mhux magħmulin fl-Unjoni Ewropea, huwa nnutat li dan mhuwiex rilevanti. Jirriżulta mill-prattika kostanti tal-Istituzzjonijiet li d-definizzjoni tal-ambitu tal-prodott hija bbażata fuq jekk id-diversi tipi għandhomx l-istess karatteristiċi bażiċi fiżiċi u tekniċi u essenzjalment l-istess użu finali. Li wieħed jillimita l-ambitu tal-prodott biss għal eżattament l-istess tipi tal-prodott magħmul mill-industrija Komunitarja jagħmel id-definizzjoni tal-prodott u kwalunkwe miżura antidumping inutli. Rigward l-istqarrija li ċerti skaners tal-merkanzija bir-raġġi X għandhom ikunu esklużi biss fuq il-bażi li huma kkombinati ma' ċerti tipi ta' teknoloġiji, għandu jiġi nnutat li l-eżistenza ta' kwalunkwe karatteristika jew funzjoni addizzjonali ta' skanner tal-merkanzija bir-raġġi X ma tpoġġix fid-dubju l-fatt li dan il-prodott jintuża fl-istess mod bħat-tipi l-oħrajn kollha tal-prodott ikkonċernat u għandu l-istess karatteristiċi bażiċi fiżiċi u tekniċi. Fir-rigward tad-distinzjoni bejn sistemi ta' skannjar tal-merkanzija mobbli u mhux

mobbli, għandu jkun innutat li t-tnejn iservu l-istess għan, jużaw l-istess teknoloġija ewlenija u, fit-tnejn, it-teknoloġija ta' skannjar hija integrata fi struttura akbar, kemm jekk tkun trakk kif ukoll installazzjoni permanenti. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-livelli ta' enerġija, għandu jkun innutat li kemm livelli baxxi ta' enerġija kif ukoll livelli għoljin jintużaw fl-iskannjar tal-merkanzija u li għaldaqstant, it-tipi kollha tal-prodott għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi, sakemm il-livell ta' enerġija jkun fil-limiti ddefiniti fl-avviż ta' ftuħ. Jidher għalhekk illoġiku li wieħed jeskludi skaners tal-merkanzija b'ċertu livell ta' enerġija b'mod speċjali meta wieħed jikkunsidra li s-sejħiet għall-offerti normalment ma jispeċifikawx il-livell ta' enerġija u huwa f'idejn il-fornitur tal-iskaners tal-merkanzija biex jiddetermina l-livell xieraq fl-offerta tiegħu. B'konsegwenza ta' dan, it-tipi kollha eżistenti huma kkunsidrati bħala prodott wieħed għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni.

(15) Ġie sottomess ukoll li billi l-komponent ewlieni tal-prodott ikkonċernat (jiġifieri l-aċċeleratur) mhuwiex prodott mill-kwerelant, ma għandux jiġi kkunsidrat bħala produttur. F'dan ir-rigward, huwa nnotat li skaners tal-merkanzija u aċċeleraturi huma prodotti differenti. Il-produzzjoni tal-aċċeleraturi hija tip ieħor ta' negozju minħabba li l-aċċeleraturi jintużaw f'diversi setturi u applikazzjonijiet. L-iskannjar tal-merkanzija huwa biss applikazzjoni waħda għall-aċċeleraturi. Fid-dinja kollha, il-produtturi tal- iskaners tal-merkanzija normalment ma jipproduċux aċċeleraturi. Safejn taf il-Kummissjoni, Nuctech biss hija integrata vertikalment u tipproduċi wkoll il-prodott *upstream*.

### 2.2. **Prodott simili**

(16) Il-prodott ikkonċernat fir-RPĊ, dak magħmul u mibjugħ fis-suq intern tal-Istati Uniti, li serva bħala l-pajjiż analogu, kif ukoll il-prodott magħmul u mibjugħ fil-Komunità mill-industrija tal-Komunità instabu identiċi f'termini ta' karatteristiċi globali ġenerali fiżiċi u tekniċi. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda differenza fl-użu bejn dawk il-prodotti. Dan huwa kkonfermat mill-fatt li l-prodotti ġeneralment jikkompetu fi proċessi ta' sejħiet għall-offerti pubbliċi, fejn ikollhom jikkonformaw mal-istess rekwiżiti standard. Dawn is-sejħiet għall-offerti jiġu ppubblikati mill-awtoritajiet governattivi (normalment l-awtoritajiet tad-dwana li huma x-xerrejja/l-utenti tal-prodott). Is-sejħiet għall-offerti jinkludu speċifikazzjonijiet dettaljati tal-prodott li għandu jkun ikkonsenjat, xi kultant flimkien ma' rekwiżiti konkreti fir-rigward tal-installazzjoni, appoġġ relatat mas-servizz u rekwiżiti ta' manutenzjoni. Skont id-definizzjoni kull offerta magħmula minn produttur fi proċess ta' sejħa għall-offerti normalment timplika li l-prodotti li jkunu qegħdin jikkompetu jkollhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u l-istess użu. Barra minn hekk, minħabba n-natura trasparenti tas-suq f'dak li jirrigwarda d-daqs (volum żgħir ta' tranżazzjonijiet) u n-numru ta' parteċipanti (numru żgħir ta' parteċipanti), u r-rekwiżiti stretti stabbiliti fis-sejħa għall-offerti, il-possibbiltà li jkun hemm differenzi bejn il-prodotti tonqos b'mod konsiderevoli.

(17) Għaldaqstant huwa provviżorjament konkluż li t-tipi kollha ta' sistemi ta' skannjar tal-merkanzija huma l-istess fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## 3. **DUMPING**

### 3.1. **Metodoloġija ġenerali**

(18) Il-metodoloġija ġenerali stabbilita hawn taħt ġiet applikata għall-uniku produttur esportatur li kkoopera fir-RPĊ.

### 3.2. **Trattament ta' ekonomija tas-suq (TES)**

(19) Skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, f'investigazzjonijiet antidumping li jirrigwardaw l-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ, il-valur normali għandu jkun determinat skont il-paragrafi minn 1 sa 6 tal-imsemmi Artikolu għal dawk il-produtturi esportaturi li wrew li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku.

(20) Madankollu, kif spjegat fil-premessa (4) hawn fuq, l-uniku produttur esportatur li kkoopera fir-RPĊ talab biss Trattament Individwali ("TI"). Dawn il-kriterji għaldaqstant ma ġewx investigati.

### 3.3. **Trattament Individwali (TI)**

(21) Bħala regola ġenerali, skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, jiġi stabbilit dazju għall-pajjiż kollu, jekk ikun hemm ħtieġa, għall-pajjiżi li jaqgħu taħt dak l-Artikolu, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-kumpaniji jistgħu juru li jissodisfaw il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku. Fil-qosor, u għal referenza aktar faċli biss, dawn il-kriterji huma stabbiliti hawn taħt:

— fil-każ ta' ditti kompletament jew parzjalment f'idejn barranin jew *impriżi konġunti*, l-esportaturi huma liberi li jibagħtu lura lejn pajjiżhom kapital u profitti;

— il-prezzjijiet u l-kwantitajiet ta' esportazzjoni, u l-kundizzjonijiet u t-termini tal-bejgħ huma ddeterminati b'mod liberu;

— il-parti l-kbira tal-ishma jappartjenu lil persuni privati. L-uffiċjali tal-Istat li jidhru fuq il-Bord tad-Diretturi jew li għandhom pożizzjonijiet ta' maniġment ewlenin għandhom jew ikunu f'minoranza jew għandu jintwera li l-kumpanija hija madankollu indipendenti biżżejjed minn indħil mill-Istat;

— il-konverżjonijiet tar-rata tal-kambju jsiru skont ir-rati tas-suq; u

— l-indħil mill-Istat mhuwiex tali li jippermetti evażjoni tal-miżuri jekk l-esportaturi individwali jingħataw rati ta' dazju differenti.

(22) L-uniku produttur esportatur li kkoopera fir-RPĊ talab TI u pprovda l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-evalwazzjoni tat-talba tiegħu fil-limiti tal-iskadenzi mogħtija.

(23) Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli u vverifikata waqt iż-żjara ta' verifika, instab li hemm probabbiltà qawwija tal-eżistenza ta' indħil mill-Istat fl-attivitajiet ta' kummerċ ta' din il-kumpanija rigward il-prodott ikkonċernat. L-uniku produttur esportatur li kkoopera fir-RPĊ ma kienx f'pożizzjoni li juri li huwa biżżejjed indipendenti mill-indħil tal-Istat minħabba li l-azzjonist li għandu l-kontroll tiegħu huwa sussidjarju ta' università pubblika Ċiniża. Barra minn hekk, kull tibdil fl-istruttura tal-ishma tal-kumpanija jeħtieġ li jiġi approvat minn qabel mill-awtoritajiet statali minħabba li l-assi tal-Istat intużaw fil-kapital azzjonarju tal-kumpanija. Il-Kummissjoni nnutat ukoll l-eżistenza ta' kuntratt marbut ma' ftehim intergovernattiv bejn ir-RPĊ u pajjiż terz ieħor. Din hija indikazzjoni ulterjuri ta' xi forma ta' indħil mill-Istat fir-rigward tal-attivitajiet ta' negozju tal-kumpanija u aktar speċifikament l-abbiltà li tiddetermina b'mod liberu l-prezzijiet u l-kwantitajiet ta' esportazzjoni, u l-kundizzjonijiet u t-termini tal-bejgħ.

(24) F'dan ir-rigward huwa mfakkar li l-kumpanija Ċiniża inkwistjoni hija l-uniku produttur esportatur fir-RPĊ tal-prodott ikkonċernat. Għaldaqstant, kull dazju individwali stabbilit ikun ukoll id-dazju għall-pajjiż kollu minħabba li d-dazju antidumping għandu jkun impost fuq bażi mhux diskriminatorja fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-uniku sors li jipproduċi l-prodott ikkonċernat fir-RPĊ, li nstab li kien l-oġġett ta' dumping u li qed jikkawża dannu.

(25) B'kunsiderazzjoni ta' dan, kif ukoll tal-fatt li ma jistgħux jinkisbu statistiċi eżatti ta' importazzjoni/esportazzjoni għall-prodott ikkonċernat permezz tas-Sistema Armonizzata u n-Nomenklatura Magħquda, huwa stabbilit provviżorjament li l-uniku produttur esportatur li kkoopera ma setgħax jingħata TI kif stabbilit fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.

### 3.4. **Valur normali**

#### 3.4.1. *Pajjiż analogu*

(26) Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, f'każ ta' importazzjonijiet minn pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq u sal-punt li l-TES ma setax jingħata lill-pajjiżi speċifikati fl-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, il-valur normali għandu jkun stabbilit fuq il-bażi tal-prezz jew il-valur preżunt f'pajjiż analogu.

(27) Fl-avviż ta' ftuħ l-Kummissjoni indikat l-intenzjoni tagħha li tuża l-Istati Uniti tal-Amerika bħala pajjiż analogu xieraq bl-għan li jiġi stabbilit il-valur normali għar-RPĊ u stiednet lill-partijiet interessati sabiex jikkumentaw dwar dan.

(28) Waslu kummenti mingħand l-uniku produttur esportatur li kkoopera fir-RPĊ li esprima xettiċiżmu rigward l-użu tal-Istati Uniti bħala pajjiż analogu xieraq. L-argument ewlieni li sar kontra l-użu ta' dan il-pajjiż analogu kien li s-suq ta' akkwisti tal-gvern fl-Istati Uniti huwa ferm protett bl-enfażi fuq "Ixtri prodotti Amerikani", li jwassal għal prezzijiet artifiċjali fis-suq tal-Istati Uniti.

(29) Il-Kummissjoni fittxet il-kooperazzjoni mill-produtturi fl-Istati Uniti. Ittri u kwestjonarji rilevanti ntbagħtu lil ħames kumpaniji magħrufa msemmija fl-ilment. Minn dawn il-kumpaniji kollha, produttur wieħed biss issottometta fl-iskadenza stipulata l-informazzjoni kollha meħtieġa għad-determinazzjoni tal-valur normali u finalment qabel li jikkoopera mal-investigazzjoni.

(30) Il-Kummissjoni bagħtet noti ta' tfakkir lill-kumpaniji Amerikani li kienu ġew ikkuntattjati fil-bidu. Hija staqsiet ukoll lill-kwerelant u lill-uniku produttur esportatur li kkoopera fir-RPĊ għal kummenti rigward l-għażla ta' pajjiż terz b'ekonomija tas-suq.

(31) L-uniku produttur esportatur li kkoopera fir-RPĊ issottometta li kumpanija waħda stabbilita fl-Istati Uniti u relatata mal-kwerelant mhijiex qiegħda tikkoopera mal-investigazzjoni fil-pajjiż analogu previst. Ġie argumentat li minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tas-sussidjarja fil-pajjiż analogu,il-kwerelant għandu jkun ikkwalifikat bħala li ma kkooperax u l-proċediment għandu jieqaf. Il-kwerelant iddikjara li l-kumpanija relatata fl-Istati Uniti ma kinitx tikkwalifika bħala produttur fis-sens tar-regoli tal-KE tal-antidumping u għaldaqstant ma semmihiex fl-ilment.

(32) L-argumenti mressqa mill-produttur esportatur li kkoopera mhumiex konvinċenti. L-eżistenza ta' rabtiet sempliċi ta' proprjetà bejn il-produtturi Komunitarji u produtturi f'pajjiż analogu possibbli ma jistgħux jitqiesu li huma fattur konvinċenti fl-għażla tal-pajjiż analogu. Dak li huwa importanti huwa jekk il-produzzjoni u l-bejgħ f'pajjiż li huwa previst bħala pajjiż analogu possibbli, jistax jitqies bħala rappreżentattiv għall-esportazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat sabiex jiġi stabbilit il-valur normali. Ma hemm l-ebda dmir għal kwalunkwe produttur f'pajjiż analogu li jikkoopera mal-investigazzjoni dwar l-antidumping tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, ma ġiet sottomessa l-ebda informazzjoni speċifika li tissuġġerixxi li n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-kumpanija relatata mal-kwerelant u li tinsab fl-Istati Uniti kien se jinfluwenza b'mod mhux xieraq l-eżitu ta' din l-investigazzjoni. Dan huwa saħansitra aktar ovvju minħabba li produttur wieħed fl-Istati Uniti mhux relatat ikkoopera mal-investigazzjoni.

(33) L-investigazzjoni stabbilixxiet li l-Istati Uniti huma l-uniku suq ieħor minbarra r-RPĊ u l-Komunità fejn il-prodott ikkonċernat/prodott simili jiġi manifatturat. Intwera wkoll li l-Istati Uniti għandhom suq kompetittiv għall-prodott simili. Il-prodott simili jinbiegħ kemm lil klijenti privati kif ukoll lil korpi pubbliċi.

(34) Il-bejgħ kollu lill-Gvern Amerikan huwa kopert mir-"Regolament Federali tal-Akkwist" li jirreferi għall-"Att dwar ix-Xiri ta' Prodotti Amerikani" rigward l-akkwist ta' provvisti minn barra. Permezz ta' dan l-Att, il-Gvern Amerikan jagħti preferenza lil prodotti interni fix-xiri tiegħu sakemm il-pajjiż esportatur ma jkunx iffirma l-Ftehim tal-Kummerċ multilaterali tad-WTO dwar l-Akkwisti tal-Gvern. L-Att dwar Ix-xiri ta' Prodotti Amerikani fih eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali ta' akkwist domestiku f'każ ta' interess pubbliku u nuqqas ta' disponibbiltà. L-uniku produttur esportatur li kkoopera fir-RPĊ sostna li r-Regolament Federali dwar l-Akkwisti u l-Att dwar Ix-xiri ta' Prodotti Amerikani joħolqu distorsjoni fix-xiri ta' materja prima, iżidu l-ispejjeż tax-xiri b'mod partikolari għal kumpaniji bbażati barra, u jipprevjenu kompetizzjoni effettiva fis-suq Amerikan.

(35) Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, instab li l-uniku produttur esportatur Ċiniż li kkoopera kien ipparteċipa fl-imgħoddi fi proċedura waħda ta' sejħa pubblika għall-offerti fl-Istati Uniti. L-investigazzjoni ma wriet l-ebda raġuni li twassal għall-konklużjoni li produtturi barranin, li huma firmatarji għall-Ftehim tal-Kummerċ multilaterali tad-WTO dwar l-Akkwisti tal-Gvern, ma jistgħux jipparteċipaw fi proċeduri ta' sejħiet pubbliċi għall-offerti fl-Istati Uniti taħt l-istess kundizzjonijiet. Għaldaqstant, l-argument li l-Istati Uniti ma setgħux jintużaw bħala pajjiż analogu minħabba r-Regolament Federali tal-Akkwisti ma jistax jiġi aċċettat.

(36) L-investigazzjoni wriet ukoll li l-volum ta' produzzjoni tal-produttur Amerikan li kkoopera jirrappreżenta konsiderevolment aktar minn 5 % tal-volum tal-esportazzjonijiet Ċiniżi tal-prodott ikkonċernat lill-Komunità. Rigward il-kwalità, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-istandards tal-prodott simili fl-Istati Uniti, ma nstabux differenzi globali kbar meta mqabbla mal-prodotti Ċiniżi. Għaldaqstant, is-suq Amerikan kien ikkunsidrat rappreżentattiv biżżejjed għad-determinazzjoni tal-valur normali għar-RPĊ.

(37) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq ġie konkluż provviżorjament li l-Istati Uniti jirrappreżentaw pajjiż analogu xieraq skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

3.4.2. *Determinazzjoni tal-valur normali*

(38) Wara l-għażla tal-Istati Uniti bħala pajjiż analogu, il-valur normali ġie kkalkolat fuq il-bażi tad-dejta vverifikata fil-bini tal-uniku produttur Amerikan li kkoopera.

(39) Il-bejgħ domestiku tal-produttur Amerikan tal-prodott simili nstab li kien rappreżentattiv meta mqabbel mal-prodott ikkonċernat esportat lejn il-Komunità mill-uniku produttur esportatur fir-RPĊ li kkoopera.

(40) Sar ukoll eżami dwar jekk il-bejgħ domestiku jistax jitqies li sar fl-andament normali tal-kummerċ, billi ġie stabbilit il-proporzjon ta' bejgħ profittabbli lil klijenti indipendenti. Il-verifika li saret għand il-produttur Amerikan uriet li l-volum ta' bejgħ tiegħu, mibjugħ bi prezz nett tal-bejgħ ugwali għal jew ogħla mill-prezz tal-unità, kien jirrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali ta' bejgħ. Għaldaqstant, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku proprju għal kull tip ta' prodott, ikkalkulat bħala medja ppeżata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu tat-tip tal-prodott magħmul waqt l-PI, irrispettivament minn jekk dan il-bejgħ kienx profittabbli jew le.

(41) Huwa nnutat li l-produttur Amerikan li kkoopera pproduċa u biegħ fis-suq Amerikan biss tip wieħed tal-prodott simili waqt il-perjodu ta' investigazzjoni.

(42) Għat-tipi ta' prodott ikkonċernat li għalih ma seta' jiġi kkalkulat l-ebda valur normali fuq il-bażi tad-dejta disponibbli fil-pajjiż analogu, il-valur normali ġie stabbilit fuq il-bażi ta' informazzjoni verifikata mill-industrija Komunitarja għall-istess tip ta' prodotti. Dan sar f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku li jistipula li l-ispejjeż u l-prezzijiet tal-industrija Komunitarja jistgħu jintużaw bħal kwalunkwe bażi raġonevoli oħra meta jiġi ddeterminat il-valur normali fil-każ ta' importazzjonijiet minn pajjiżi li m'għandhomx ekonomija tas-suq.

3.5. **Prezz ta' esportazzjoni**

(43) L-uniku produttur esportatur fir-RPĊ li kkoopera għamel bejgħ ta' esportazzjoni lill-Komunità biss lil awtoritajiet pubbliċi wara l-għoti ta' kuntratti pubbliċi.

(44) L-investigazzjoni żvelat li l-kontabilità tal-kumpanija kienet defiċjenti b'mod li d-dettalji eżatti tal-bejgħ u tal-prezzijiet ta' esportazzjoni ma setgħux jiġu stabbiliti b'ċertezza għal għadd ta' tranżazzjonijiet. Il-kuntratti pubbliċi kienu jinkludu xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq il-post, u spejjeż ta' installazzjoni u ta' servizz fil-Komunità li mhux dejjem setgħu jiġu intraċċati lura fil-kontabilità tal-kumpanija għalkemm dawn normalment għandhom ikunu disponibbli. Barra minn hekk, xi spejjeż relatati mal-esportazzjoni ma kinux riflessi eżatt fil-kontabilità tal-kumpanija biex b'hekk tqajmu dubji dwar il-kompletezza tagħhom. Għaldaqstant, ċerti aġġustamenti meħtieġa għall-prezzijiet ta' esportazzjoni għall-fini ta' tqabbil ġust mal-valur normali ma setgħux jiġu stabbiliti bil-grad mixtieq ta' preċiżjoni.

(45) Il-kumpanija ġiet infurmata dwar in-nuqqasijiet imsemmija qabel u l-possibbiltà li jiġi applikat l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku sabiex jiġi stabbilit il-prezz ta' esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat. Il-kumpanija ntalbet tikkummenta dwar dan iżda l-kummenti li waslu kienu ta' natura ġenerali li ma kkontestawx il-problemi stabbiliti.

(46) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq il-prezzijiet ta' esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat ġew stabbiliti skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku fuq il-bażi tal-prezzijiet imħallsa għall-prodott ikkonċernat.

### 3.6. Tqabbil

(47) It-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni sar fuq bażi *ex* fabbrika.

(48) Bl-għan li jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni, saru l-konċessjonijiet xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-possibbiltà ta' tqabbil tal-prezz skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Fil-każ tal-produttur esportatur investigat fir-RPĊ, saru aġġustamenti għad-differenzi fl-ispejjeż ta' trasport u ta' assigurazzjoni, spejjeż ta' ppakkjar, spejjeż ta' kreditu, spejjeż ta' awtorizzazzjonijiet u garanziji, kummissjonijiet, xogħlijiet ċivili u installazzjoni fuq il-post, u spejjeż ta' servizz fejn applikabbli u ġġustifikati. F'dan ir-rigward, kif imsemmi taħt il-premessa (45), intużaw il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku għall-istabbiliment tal-ispejjeż tas-servizzi.

### 3.7. Marġini ta' dumping

(49) Skont l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku, il-marġini ta' dumping għall-uniku produttur esportatur fir-RPĊ ġie stabbilit fuq il-bażi ta' tqabbil ta' valur normali medju mwieżen skont it-tip ta' prodott bi prezz ta' esportazzjoni medju mwieżen skont it-tip ta' prodott kif stabbilit hawn fuq.

(50) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli mill-kwerelant u l-produttur esportatur Ċiniż li kkoopera, ma hemmx produtturi oħrajn magħrufa tal-prodott ikkonċernat fir-RPĊ. Għaldaqstant, il-marġini ta' dumping mal-pajjiż kollu li għandu jkun stabbilit għar-RPĊ għandu jkun ugwali għall-marġini ta' dumping stabbilit għall-uniku produttur esportatur li kkoopera fir-RPĊ.

(51) Il-marġini ta' dumping provviżorju għar-RPĊ, espress bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Komunità, dazju mhux imħallas, huwa ta' 36,6 %.

## 4. ĦSARA

### 4.1. Produzzjoni tal-Komunità

(52) L-investigazzjoni stabbilixxiet li l-prodott simili huwa mmanifatturat fil-Komunità minn żewġ produtturi tal-Komunità b'siti ta' manifattura fi Franza, fil-Ġermanja u fir-Renju Unit.

(53) Il-prodott tal-kumpaniji ta' hawn fuq jirrappreżenta l-produzzjoni totali tal-Komunità.

(54) Huwa mfakkar li f'dan il-każ hemm biss żewġ produtturi tal-Komunità u produttur esportatur wieħed biss li jirrappreżentaw is-sehem ewlieni tas-suq Komunitarju. Għaldaqstant, ma jistgħux jingħataw ċifri eżatti sabiex tiġi protetta l-informazzjoni proprjetarja tan-negozju. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-indikaturi huma mogħtija f'forom jew f'meded ta' indiċi.

### 4.2. Definizzjoni tal-industrija Komunitarja

(55) L-ilment tressaq f'isem produttur wieħed Komunitarju li jirrappreżenta aktar minn 80 % tal-produzzjoni totali magħrufa tal-prodott simili fil-Komunità.

(56) Il-produttur Komunitarju l-ieħor ikkoopera fil-bidu mal-investigazzjoni billi ssottometta risposta għall-kwestjonarju iżda aktar tard ma kompliex jipparteċipa b'mod attiv fl-investigazzjoni.

### 4.3. Konsum fil-Komunità

(57) Huwa mfakkar li mhemmx statistiċi tal-Eurostat dwar l-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat. Il-partijiet kollha interessati kienu mitluba li jipprovdu informazzjoni dwar il-konsum fl-Unjoni Ewropea. L-informazzjoni ġiet ivverifikata u mqabbla fejn kien possibbli mal-informazzjoni kollha disponibbli mingħand produtturi tal-prodott ikkonċernat fiċ-Ċina u fl-Istati Uniti, ma' utenti tal-KE kif ukoll mal-informazzjoni dwar kuntratti u offerti mitlufa mill-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju. Il-konsum Komunitarju b'hekk ġie stabbilit fuq il-bażi tal-volum ta' bejgħ fil-Komunità tal-prodott simili magħmul mill-industrija Komunitarja, il-volum ta' bejgħ fil-Komunità tal-prodott simili magħmul mill-produttur Komunitarju l-ieħor magħruf u l-volum ta' importazzjoni tal-prodott ikkonċernat minn pajjiżi terzi. Id-data tal-iffirmar ta' kuntratti ta' bejgħ li rriżultaw minn proċedimenti ta' sejħiet għall-offerti ntużat bħala d-data li permezz tagħha ġie ddeterminat jekk kinux qegħdin isiru tranżazzjonijiet f'perjodu speċifiku ta' żmien.

Fuq din il-bażi, il-konsum fil-Komunità żviluppa kif ġej:

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| *Indiċi: 2004=100* | *100* | *59* | *112* | *118* | *200* |

*Sors:* Risposti għall-kwestjonarji u sottomissjonijiet sussegwenti

(58) Il-konsum tal-prodott ikkonċernat u tal-prodott simili fil-Komunità rdoppja waqt il-perjodu kkunsidrat minħabba żieda fit-tħassib dwar is-sigurtà, u dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-kriminalità. Ix-xiri ta' ftit unitajiet ġie ffinanzjat mill-UE fil-qafas ta' sensiela ta' inizjattivi ta' kontra l-frodi jew ta' ħarsien tal-fruntieri.

### 4.4. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

4.4.1. *Il-volum, il-prezz u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat*

(59) Il-volum tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat żdied b'mod sinifikanti tul il-perjodu kollu kkunsidrat. L-importazzjonijiet fil-PI żdiedu b'mod sinifikanti mill-2004 'il quddiem.

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Volum tal-importazzjonijiet | 100 | 100 | 500 | 600 | 1 500 |

*Indiċi: 2004=100*

*Sors*: Risposti għall-kwestjonarju u sottomissjonijiet sussegwenti

(60) Il-prezz medju tal-importazzjoni jvarja b'mod konsiderevoli minn importazzjoni għall-oħra minħabba li l-konfigurazzjoni tas-sistema għandha impatt kbir fuq il-prezz medju tal-unità. Għalhekk, l-iżvilupp ta' prezzijiet medji tal-unità mhuwiex sinifikanti bħala tali.

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Prezz medju tal-importazzjoni | 100 | 100 | 800 | 530 | 670 |

*Indiċi: 2004=100*

*Sors*: Risposti għall-kwestjonarju u sottomissjonijiet sussegwenti

(61) Is-sehem fis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, żdied b'aktar minn erba' darbiet fil-perjodu kkunsidrat. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat ukoll li l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, tul il-perjodu kkunsidrat, jikkostitwixxu l-maġġoranza kbira tal-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea.

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Sehem mis-suq tar-RPĊ | 0–10 % | 0–10 % | 20–30 % | 30–40 % | 40–50 % |
| *Indiċi: 2004=100* | *100* | *100* | *260* | *300* | *440* |

*Sors*: Risposti għall-kwestjonarju u sottomissjonijiet sussegwenti

4.4.2. *It-twaqqigħ fil-prezz*

(62) Sabiex jiġi analizzat it-twaqqigħ fil-prezz, il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-produttur esportatur li kkoopera ġew imqabbla mal-prezzijiet tal-offerta tal-industrija Komunitarja matul il-PI, fuq il-bażi ta' konfigurazzjonijiet komparabbli tal-prodott. Dan it-tqabbil sar għat-tranżazzjonijiet kollha fejn kemm l-industrija Komunitarja kif ukoll il-produttur esportatur ippreżentaw offerta u fejn dawn l-offerti saru bl-istess termini u ġew aċċettati mill-awtorità li tiddeċiedi. Il-prezzijiet tal-industrija Komunitarja ġew aġġustati f'livell *ex*-works nett, u pparagunati mal-prezzijiet CIF tal-importazzjoni fuq il-fruntiera tal-Unjoni Ewropeaflimkien mad-dazji applikabbli.

(63) Fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-produttur esportatur li kkoopera, il-marġini medju peżat li nstab ta' twaqqigħ fil-prezz, imfisser bħala perċentwali tal-prezzijiet tal-industrija Komunitarja, huwa bejn 20 u 25 %.

### 4.5. **Is-sitwazzjoni tal-industrija Komunitarja**

4.5.1. *Kummenti preliminari*

(64) B'mod konformi mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi u l-indiċijiet ekonomiċi kollha li jinfluwenzaw l-istat tal-industrija Komunitarja.

(65) Ta' min jinnota li dan it-tip ta' negozju huwa "ffukat l-aktar fuq l-għerf u l-għarfien" pjuttost milli "jagħmel ħafna użu mill-magni" u huwa bbażat fuq il-produzzjoni skont l-ordni. Dan għandu jiġi kkunsidrat meta wieħed jinterpreta numru ta' indikaturi tad-dannu u jistabbilixxi l-importanza tagħhom għall-iskopijiet ta' analiżi tad-dannu. L-indikaturi msemmija jinkludu informazzjoni dwar il-prezzijiet medji, il-profitt fuq l-assi, l-indikaturi tal-ħażniet, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità. Fir-rigward tal-prezzijiet medji, l-informazzjoni mhijiex ikkunsidrata bħala sinifikanti minħabba l-volumi baxxi u d-differenzi fid-diversi tipi ta' sistemi ta' skannjar minn sena għall-oħra. Dwar il-profitt fuq l-assi u l-indikaturi tal-ħażniet, l-informazzjoni pprovduta ma tagħtix stampa eżatta minħabba li tal-ewwel huwa bbażat fuq assi li diġà ġew deprezzati filwaqt li tal-aħħar huma riflessjoni ta' suq ibbażat fuq bejgħ skont l-ordni. Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità huma wkoll indikaturi li għandhom biss rilevanza limitata minħabba li l-prodotti ġeneralment isiru meta jiġu assigurati l-kuntratti wara l-proċess tas-sejħiet għall-offerti.

4.5.2. *L-indikaturi tad-dannu*

*Il-produzzjoni, il-kapaċità u l-użu tal-kapaċità*

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Produzzjoni | 100 | 75 | 89 | 163 | 166 |
| Kapaċità | 100 | 82 | 83 | 168 | 222 |
| Użu tal-kapaċità | 100 | 92 | 107 | 97 | 75 |

*Indiċi: 2004=100*

*Sors*: Risposti għall-kwestjonarju

(66) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum tal-produzzjoni tal-industrija Komunitarja żdied b'66 %. Din ix-xejra pożittiva hija dovuta prinċipalment għall-bejgħ tajjeb tal-esportazzjoni tal-prodott simili. L-industrija Komunitarja żiedet b'aktar mid-doppju l-kapaċità tal-produzzjoni tagħha matul l-istess perjodu għall-istess raġuni. Matul il-perjodu kkunsidrat, l-użu tal-kapaċità tal-industrija Komunitarja naqas b'25 %.

*Il-ħażniet*

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Ħażniet | 100 | 164 | 127 | 118 | 118 |

*Indiċi: 2004=100*

*Sors*: Risposti għall-kwestjonarju

(67) Il-livell ta' ħażniet tal-industrija Komunitarja varja 'l fuq u 'l isfel matul il-perjodu kollu kkunsidrat. Madankollu, il-produzzjoni għas-suq tal-prodott simili ssir b'ordni u l-ħażniet tan-negozju dejjem jinżammu fil-livell minimu possibbli.

*Il-volum tal-bejgħ, il-prezz tal-bejgħ u s-sehem mis-suq*

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Volum ta' bejgħ Komunitarju | 100 | 67 | 93 | 80 | 53 |
| Sehem mis-suq | 80–90 % | 90–100 % | 70–80 % | 60–70 % | 20–30 % |
| Indiċi tas-sehem mis-suq | 100 | 113 | 84 | 68 | 27 |
| Prezz tal-bejgħ | 100 | 87 | 107 | 87 | 116 |

*Indiċi: 2004=100*

*Sors*: Risposti għall-kwestjonarju u sottomissjonijiet sussegwenti

(68) Il-bejgħ tal-industrija Komunitarja naqas matul il-perjodu kkunsidrat u fil-PI kien kważi n-nofs tal-volum oriġinali tiegħu. L-industrija Komunitarja tilfet 73 % tas-sehem tagħha mis-suq bejn l-2004 u t-tmiem tal-PI.

(69) Il-prezz medju tal-bejgħ tal-produzzjoni tal-industrija Komunitarja nnifisha jiddependi fuq il-konfigurazzjoni tal-iskaner mibjugħ u n-numru ta' unitajiet mibjugħa għal kull kuntratt f'kull perjodu. Għaldaqstant, it-tqabbil taċ-ċifri matul il-perjodu kkunsidrat ma għandu l-ebda siwi.

*Il-profittabilità*

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Marġinu ta' profitt qabel it-taxxa | 100 | 85 | 90 | 7 | – 50 |

*Indiċi: 2004=100*

*Sors*: Risposti għall-kwestjonarju

(70) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija Komunitarja bdiet tagħmel it-telf. Is-sitwazzjoni kienet partikolarment ħażina matul il-PI. Huwa evidenti li l-livelli ta' profittabilità osservati fl-2007 u matul il-PI poġġew f'dubju s-sopravvivenza tal-industrija Komunitarja.

*L-investimenti, il-profitt fuq l-investiment, il-likwidità u l-ħila ta' tkabbir tal-kapital*

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Investimenti | 100 | 164 | 100 | 354 | 105 |
| Profitt fuq l-investiment | 110–120 % | 85–95 % | 210–220 % | 215–225 % | 60–70 % |
| Likwidità | 100 | 124 | 257 | 196 | – 106 |

*Indiċi: 2004=100*

*Sors*: Risposti għall-kwestjonarju

(71) L-investimenti baqgħu baxxi tul il-perjodu kkunsidrat. Parti kbira mill-investimenti kienet iddedikata għall-manutenzjoni tal-bini operattiv tal-industrija Komunitarja. Il-livell akbar ta' investiment osservat fl-2007 jirrigwarda privattiva ġdida sabiex tittejjeb il-prestazzjoni tal-prodott ikkonċernat. Ta' min ifakkar li dan in-negozju huwa ffukat ħafna fuq l-għarfien.

(72) Ir-redditu fuq l-investiment, imfisser f'termini tal-profitti netti tal-industrija Komunitarja u l-valur nett tal-kontabilità tal-investimenti tagħha juri tnaqqis matul il-perjodu kkunsidrat, iżda mhuwiex indikatur tajjeb tad-dannu għaliex jirrifletti prinċipalment assi li diġà kienu ġew deprezzati.

(73) Il-qagħda tal-likwidità tal-industrija Komunitarja marret ħafna għall-agħar matul il-perjodu kkunsidrat.

*Ix-xogħol, il-produttività u l-pagi*

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Xogħol | 100 | 110 | 113 | 131 | 137 |
| Prezz medju tax-xogħol għal kull ħaddiem | 100 | 98 | 99 | 101 | 156 |
| Produttività għal kull ħaddiem | 100 | 68 | 79 | 124 | 121 |

*Indiċi: 2004=100*

*Sors*: Risposti għall-kwestjonarju

(74) In-numru ta' impjegati tal-industrija Komunitarja involuti fil-prodott simili żdied matul il-perjodu kkunsidrat minħabba l-prestazzjoni tajba tal-esportazzjoni tal-kwerelant. Il-prezz medju tax-xogħol għal kull ħaddiem żdied sabiex kien jirrifletti l-livell ta' paga ta' ħaddiema iżjed ikkwalifikati.

(75) Il-produttività, espressa f'termini ta' produzzjoni għal kull ħaddiem, żdiedet b'21 % tul il-perjodu kkunsidrat. Dan huwa riflessjoni taż-żieda fl-attività għas-swieq mhux tal-UE.

#### 4.5.3. *Il-kobor tad-dumping*

(76) Minħabba l-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat, l-impatt tal-marġinu attwali ta' dumping fuq is-suq Komunitarju ma jistax jitqies li huwa negliġibbli.

### 4.6. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(77) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-preżenza ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping bi prezzijiet baxxi mir-RPĊ żdiedet b'mod konsiderevoli. F'termini ta' volum, l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat laħqu livelli għoljin ħafna sal-aħħar tal-perjodu kkunsidrat. Is-sehem mis-suq tal-prodott ikkonċernat fil-Komunità matul l-istess perjodu żdied b'440 %.

(78) L-analiżi tal-indikaturi ekonomiċi tal-industrija Komunitarja żvelat li hemm dannu f'termini ta' tnaqqis fil-volum tal-bejgħ (– 47 %), fil-prezz tal-bejgħ u fis-sehem mis-suq (– 73 %). Dan kellu impatt negattiv dirett ulterjuri fuq il-qagħda finanzjarja tal-industrija Komunitarja. Il-indikaturi finanzjarji jikkonfermaw li l-ġejjieni tal-industrija Komunitarja huwa f'riskju u li l-preżenza ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat timpediha milli żżid il-volumi u/jew il-prezzijiet tal-bejgħ għal livelli li bihom tista' tirkupra s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha.

(79) Id-dannu ġie vvalutat għall-industrija Komunitarja sħiħa (indikaturi makro-ekonomiċi). Fuq din il-bażi, ma ġewx identifikati differenzi sinifikanti bejn il-kwerelant u l-bqija tal-industrija Komunitarja.

(80) Fid-dawl ta' dan, ġie provviżorjament stabbilit li proporzjon importanti tal-industrija Komunitarja ġarrab dannu fit-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

## 5. IL-KAWŻALITÀ

### 5.1. **Introduzzjoni**

(81) B'mod konformi mal-Artikoli 3(6) u (7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ ikkawżawx dannu lill-industrija Komunità f'livell suffiċjenti sabiex jitqies bħala dannu materjali. Ġew eżaminati wkoll fatturi magħrufa apparti mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, li setgħu fl-istess ħin għamlu ħsara lill-industrija Komunitarja, sabiex ikun żgurat li d-dannu possibbli kkawżat minn dawn il-fatturi l-oħra ma jiġix attribwit lill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

### 5.2. **L-effetti tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping**

(82) L-ewwel nett, huwa mfakkar li l-investigazzjoni żvelat li s-sistemi ta' skannjar tal-merkanzija importati mill-pajjiż ikkonċernat jikkompetu direttament mal-prodotti magħmula u mibjugħa mill-industrija Komunitarja, mhux l-anqas għaliex jikkompetu fil-proċeduri tat-tfigħ tal-offerti.

(83) Iż-żieda sinifikanti fil-volum tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat wasslet għal deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija Komunitarja. Dan id-deterjorament kien jinkludi, fost l-oħrajn, tnaqqis fil-bejgħ u l-livelli tal-prezzijiet tal-produzzjoni Komunitarja mibjugħa fil-Komunità matul l-istess perjodu.

(84) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping matul il-perjodu kkunsidrat żdied b'440 %, filwaqt li s-sehem mis-suq tal-industrija Komunitarja naqas b'iżjed minn żewġ terzi. Dawn il-bidliet negattivi għall-industrija Komunitarja seħħew kontra l-isfond ta' konsum Komunitarju li bejn wieħed u ieħor irdoppja bejn l-2004 u l-PI.

(85) L-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija Komunitarja u għalhekk bir-raġun jista' jiġi konkluż li huma kienu responsabbli għat-trażżin tal-prezzijiet li wassal biex is-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija Komunitarja tmur għall-agħar.

(86) Minħabba l-koinċidenza li ġiet stabbilita b'mod ċar fiż-żmien bejn, fuq naħa waħda, iż-żieda fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping bi prezzijiet li waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija Komunitarja u, min-naħa l-oħra, it-telf fil-bejgħ u l-volum tal-produzzjoni, it-tnaqqis fl-ishma tas-suq u d-depressjoni tal-prezzijiet tal-industrija Komunitarja, ġie konkluż b'mod proviżorju li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping kellhom rwol determinanti fil-qagħda ħażina tal-industrija Komunitarja.

### 5.3. **L-effetti ta' fatturi oħra**

#### 5.3.1. *Il-prestazzjoni fl-esportazzjoni tal-industrija Komunitarja*

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Bejgħ esportat tal-produzzjoni Komunitarja | 100 | 83 | 42 | 96 | 108 |
| Prezz tal-bejgħ għall-esportazzjoni | 100 | 76 | 56 | 35 | 65 |

*Indiċi: 2004=100*

*Sors*: Risposti għall-kwestjonarju

(87) Il-volum tal-esportazzjoni tal-industrija Komunitarja żdied matul il-perjodu kkunsidrat. L-esportazzjonijiet kienu jirrappreżentaw il-maġġoranza l-kbira (bejn 90 u 95 %) tal-volum totali ta' produzzjoni Komunitarja fil-PI. Matul il-PI, l-industrija Komunitarja biegħet il-prodott ikkonċernat kemm lil klijenti mhux relatati kif ukoll lil klijenti relatati. Il-bejgħ mill-industrija Komunitarja li ma sarx fl-UE jikkonsisti minn tipi ta' prodotti identiċi għal dawk mibjugħa fl-UE. L-esportazzjonijiet tal-industrija Komunitarja ġeneralment kienu jħallu profitt matul il-perjodu kkunsidrat għalkemm il-profittabilità tagħhom turi xejra 'l isfel. Il-prezzijiet tal-esportazzjoni niżlu iżda xorta baqgħu ogħla mill-prezzijiet fil-Komunità. Il-prestazzjoni qawwija fl-esportazzjoni tissuġġerixxi li din it-tip ta' industrija hija vijabbli u kompetittiva.

(88) Għalhekk, il-prestazzjoni fl-esportazzjoni tal-industrija Komunitarja għenha sabiex issostni n-negozju tagħha u ma kkontribwiex għad-dannu materjali mġarrab.

5.3.2. *Kompetizzjoni bejn il-produtturi Komunitarji*

(89) It-tieni produttur fil-Komunità huwa relatat ma' produttur Amerikan stabbilit tal-prodott ikkonċernat. Dan il-produttur ma mmanifatturax il-prodott ikkonċernat fil-bidu tal-perjodu kkonċernat. Huwa daħal biss fis-suq fl-2007 u rebaħ żewġ kuntratti matul il-PI. F'dan ir-rigward għandu jiġi nnotat li l-kuntratti mogħtija huma relatati ma' sejħa għall-offerti li fiha pparteċipa biss dan il-produttur u mal-għoti ta' kuntratt li kien ir-riżultat ta' kontestazzjoni legali. Barra minn hekk, l-indikaturi tad-dannu relatat tat-tieni produttur fil-Komunità jsegwu mudell simili għal dak tal-kwerelant. Għalhekk, kwalunkwe dannu kkawżat lill-kwerelant li huwa osservat b'mod ċar fid-deterjorament tal-indikaturi tad-dannu matul il-perjodu kkunsidrat, ma setax jiġi attribwit lil dan l-attur ġdid fis-suq Komunitarju.

5.3.3. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(90) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi kienu kważi ineżistenti matul il-PI, l-istess bħal matul il-perjodu kkunsidrat. Din hija l-konklużjoni li toħroġ mis-sottomissjonijiet tal-partijiet interessati, ladarba l-istatistiċi rilevanti tal-Eurostat mhumiex dettaljati biżżejjed biex juru biss il-prodott ikkonċernat jew stima ġusta. L-informazzjoni rilevanti turi li kien hemm biss xi importazzjonijiet sporadiċi mill-Istati Uniti li ma setgħux jikkawżaw dannu lill-industrija Komunitarja minħabba n-numru insinifikanti tagħhom.

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Volum ta' importazzjonijiet | 100 | 0 | 0 | 0 | 100 |

*Indiċi: 2004=100*

*Sors*: Sottomissjonijiet tal-partijiet interessati

5.3.4. *L-industrija Komunitarja ma ppreżentatx offerta għall-proċessi kollha ta' tfigħ tal-offerti li saru matul il-PI*

(91) Huwa mfakkar li s-suq Komunitarju huwa fornut prinċipalment b'sejħiet għall-offerti. Minħabba n-natura trasparenti tas-suq, ġie osservat li xi dokumenti relatati massejħa għall-offerti huma r-riżultat ta' proċess ta' skambju ta' fehmiet bejn l-awtorità aġġudikanti u l-produtturi qabel il-pubblikazzjoni tal-offerta bħala tali. Għalhekk, f'dawn il-każijiet, it-termini tas-sejħa għall-offerti jistgħu jidhru li jiskoraġġixxu atturi oħra milli jipparteċipaw fil-proċeduri tat-tfigħ tal-offerti. L-investigazzjoni kkonfermat li la l-industrija Komunitarja u lanqas l-uniku produttur esportatur Ċiniż li kkoopera ma ppreżentaw offerta f'kull proċess ta' tfigħ tal-offerti. L-industrija Komunitarja ppreżentat offerti biss meta hija setgħet tissottometti offerta kummerċjali raġonevoli. Ma nstab l-ebda fattur konvinċenti sabiex jissuġġerixxi li d-dannu ċar osservat matul il-perjodu kkunsidrat kien jirriżulta mill-fatt li l-industrija Komunitarja ma pparteċipatx f'offerti li ma kinux meqjusa opzjonijiet kummerċjali raġonevoli.

5.3.5. *L-impatt ta' fatturi mhux relatati mal-prezz tal-prodott ikkonċernat*

(92) L-investigazzjoni wriet li l-offerti jistgħu ma jkoprux biss il-prodott ikkonċernat iżda wkoll elementi oħra bħall-manutenzjoni, servizzi jew xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Barra minn hekk, il-prezz mhuwiex dejjem l-uniku kriterju għall-aġġudikazzjoni. L-awtoritajiet ta' aġġudikazzjoni jistgħu jintroduċu kriterji oħra, apparti mill-prezz, bħal pereżempju kriterji relatati ma' kapaċitajiet tekniċi żejda tal-prodott jew elementi addizzjonali mhux relatati mal-prodott. Madankollu, anki jekk il-kriterji tal-aġġudikazzjoni jinkludu dawn l-elementi, l-investigazzjoni wriet li l-punti relatati mal-prezz jammontaw għal parti sinifikanti tal-punti li jistgħu jingħataw. L-investigazzjoni wriet ukoll li l-ebda awtorità ta' aġġudikazzjoni ma eskludiet offerta abbażi li din ma kinitx tinkludi xi elementi żejda. Fi kliem ieħor, ir-rekwiżiti essenzjali dejjem kienu sodisfatti. L-elementi addizzjonali ġeneralment ma jiġux mingħajr prezz. Il-fatt li l-esportatur ikkonċernat, f'xi każijiet offra elementi addizzjonali lil hinn minn dak li kien meħtieġ, juri sempliċement il-livell baxx u dannuż tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(93) Meta wieħed iqis dan kollu, kienu biss l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, li setgħu kkawżaw dannu materjali lill-industrija Komunitarja.

5.4. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(94) Bħala konklużjoni, ġie provviżorjament ikkonfermat li d-dannu materjali lill-industrija Komunitarja, li huwa kkaratterizzat minn tnaqqis fil-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-fl-Unjoni Ewropea kif ukoll riżultati finanzjarji negattivi, kien ikkawżat mill-importazzjonijiet ikkonċernati li huma l-oġġett ta' dumping. L-andament fl-esportazzjoni tal-industrija Komunitarja, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, il-kompetizzjoni bejn il-produtturi Komunitarji u l-kwistjonijiet imsemmija qabel relatati mal-offerti, ma kellhomx effett sinifikanti fuq l-iżviluppi negattivi tal-industrija Komunitarja.

(95) Minħabba l-analiżi ta’ hawn fuq li ddistingwiet u sseparat sewwa l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa fuq is-sitwazzjoni tal-industrija Komunitarja mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping, hawnhekk huwa kkonfermat li dawn il-fatturi l-oħra bħala tali ma jreġġgħux lura l-fatt li d-dannu stmat irid jiġi attribwit lill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping.

6. **L-INTERESS KOMUNITARJU**

### 6.1. Kummenti ġenerali

(96) Il-Kummissjoni eżaminat jekk, minkejja l-konklużjoni provviżorja dwar l-eżistenza ta’ dumping dannuż, kinux jeżistu raġunijiet konvinċenti li setgħu jwasslu għall-konklużjoni li mhuwiex fl-interess Komunitarju li jiġu adottati miżuri f’dan il-każ partikolari. Għal dan il-għan, u b’mod konformi mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament bażiku, l-impatt tal-miżuri possibbli fuq il-partijiet kollha involuti f’dan il-proċediment u wkoll il-konsegwenzi tan-nuqqas ta’ teħid ta’ miżuri ġew ikkunsidrati fuq il-bażi tal-evidenza kollha ppreżentata.

### 6.2. L-interess tal-industrija Komunitarja

(97) L-analiżi tad-dannu wriet b’mod ċar li l-industrija Komunitarja sofriet mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping. Iż-żieda fil-preżenza ta’ importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping, f’dawn l-aħħar snin ikkawżat tnaqqis tal-prezzijiet u l-volumi tal-bejgħ fis-suq Komunitarju u telf fis-sehem mis-suq tal-industrija Komunitarja. Dan impedixxa lill-industrija Komunitarja milli tikseb livelli ta’ profittabilità proporzjonali mas-saħħiet kompetittivi tagħha.

(98) Jekk ma jiġux imposti miżuri, huwa ovvju li l-pożizzjoni finanzjarja diġà ħażina tal-industrija Komunitarja tkompli sejra lura u eventwalment twassal għall-għeluq tal-industrija Komunitarja. Il-miżuri jimpedixxu żieda sostanzjali ulterjuri ta’ importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping mill-pajjiż ikkonċernat, li jippermetti lill-industrija Komunitarja li, tal-anqas, iżżomm il-pożizzjoni attwali tagħha fis-suq. L-investigazzjoni wriet li kwalunkwe żieda fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping mill-pajjiż ikkonċernat, tinkiseb għad-dannu dirett tal-industrija Komunitarja. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat ukoll li s-suq għall-prodott ikkonċernat huwa probabbli li jikber aktar fuq perjodu medju għal twil minħabba l-importanza dejjem akbar tal-politika dwar is-sigurtà u l-impliment-azzjoni ġejjiena minn pajjiżi mhux fil-UE (prinċipalment l-Istati Uniti) tal-iskannjar obbligatorju tal-esportazzjonijiet qabel ma dawn iħallu l-punt tat-tluq tagħhom fl-Unjoni Ewropea. F’dan ir-rigward, l-industrija Komunitarja għandha interess ċar li ma tarax il-pożizzjoni tagħha teħżien aktar sabiex tibbenefika mill-iżviluppi pożittivi ġejjiena msemmija qabel, fis-suq.

(99) L-impożizzjoni ta’ miżuri għandha treġġa’ lura l-prezz tal-importazzjoni għal livell mhux dannuż, u hekk tippermetti lill-industrija Komunitarja li tikkompeti f’ċirkustanzi kummerċjali ġusti, fuq il-bażi ta’ vantaġġ komparattiv xieraq.

(100) Għaldaqstant ġie provviżorjament konkluż li l-impożizzjoni ta’ miżuri tkun b’mod ċar fl-interess tal-industrija Komunitarja.

### 6.3. L-interess tal-importaturi/distributuri

(101) L-impatt probabbli tal-miżuri fuq l-importaturi/distributuri ma ġiex ikkunsidrat minħabba li mhuwiex magħruf li jeżistu importaturi/distributuri mhux relatati tal-prodott ikkonċernat fil-Komunità.

### 6.4. L-interess tal-fornituri upstream

(102) L-ebda fornitur upstream ma ppreżenta ruħu jew ipprovda informazzjoni skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.

### 6.5. L-interess tal-utenti u l-konsumaturi

(103) Ma daħlux rappreżentazzjonijiet minn organizzazzjonijiet tal-konsumaturi wara l-pubblikazzjoni tal-avviż tal-bidu ta’ din il-proċedura. Għalhekk, u billi l-prodott ikkonċernat ma jintużax fil-produzzjoni ta’ oġġetti għall-konsumatur, l-analiżi ġiet limitata għall-effett tal-miżuri fuq l-utenti.

(104) Intbagħtu kwestjonarji lill-awtoritajiet tad-Dwana kollha fil-Komunità. Wara l-pubblikazzjoni tal-proċedura ma ppreżentawx ruħhom utenti oħra. L-awtoritajiet tad-Dwana u l-Awtoritajiet tal-Portijiet ta’ Malta, il-Belġju, l-Olanda, ir-Renju Unit, Spanja, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka, il-Latvja u s-Slovakja kkooperaw fl-investigazzjoni għalkemm kull wieħed minnhom fi grad differenti. Dawn l-utenti jirrappreżentaw fatturat ta’ kważi sitt miljuni tal-prodott ikkonċernat u 15 % tal-konsum Komunitarju matul il-PI. L-investigazzjoni wriet li matul il-PI, l-utenti msemmija xtraw ħames unitajiet tal-prodott ikkonċernat mingħand l-uniku produttur esportatur Ċiniż li kkoopera, wieħed minn produttur Amerikan u xejn mill-industrija Komunitarja.

(105) Huwa nnotat li matul il-perjodu kkunsidrat, xi utenti kellhom diversi sorsi ta’ forniment. Wieħed mill-utenti esprima tħassib dwar il-possibbiltà li jakkwista malajr u skont il-ħtiġijiet tiegħu, il-prodott ikkonċernat. F’dan ir-rigward huwa nnotat li l-industrija Komunitarja żgur tkun f’pożizzjoni li tforni, kif għamlet fl-imgħoddi, l-operazzjonijiet Ewropej ta’ kwalunkwe utent, meta jitqies li ż-żmien li jgħaddi bejn l-iskedar ta’ sejħa għall-offerti u l-għoti ta’ kuntratt għandu jippermetti lill-industrija Komunitarja li tirrispondi għal kwalunkwe domanda mingħajr l-ebda problema notevoli.

(106) Żewġ utenti li kkooperaw kienu mħassba dwar l-impatt negattiv li l-miżuri setaʼ jkollhom kemm fuq il-kompetizzjoni kif ukoll fuq l-istimolu taʼ soluzzjonijiet innovattivi, iżda ma pprovdew l-ebda evidenza konkreta li setgħet tissostanzja din l-affermazzjoni. Fʼdan ir-rigward għandu jiġi nnotat ukoll li kwalunkwe impożizzjoni taʼ miżuri antidumping hija mmirata sabiex issewwi prattiċi kummerċjali inġusti u mhux biex twaqqaf il-kompetizzjoni. Barra minn hekk, in-numru taʼ atturi involuti fʼdan is-suq partikolari u t-tip taʼ prodotti magħmula (“iffukati fuq l-għerf”) jassiguraw li l-innovazzjoni se tibqaʼ waħda mill-iżjed prijoritajiet importanti tal-atturi fis-suq.

(107) It-tħassib ġenerali ewlieni tal-utenti Komunitarji huwa li l-miżuri jistaʼ jkollhom impatt negattiv fuq il-baġits tagħhom u jżidu l-prezz tal-investiment mill-amministrazzjonijiet tad-Dwana. Madankollu, xi utenti jirrappurtaw li kwalunkwe proċeduri relatati mad-dwana u, għalhekk, kwalunkwe dazji antidumping għandhom jiġu assorbiti mill-bejjiegħ tal-prodott ikkonċernat. Dan jistaʼ jikkostitwixxi assorbiment skont l-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku. Fi kwalunkwe każ, is-sehem globali tal-prodott ikkonċernat fil-baġit tal-utenti għandu jkun wieħed baxx.

(108) Barra minn hekk, il-prodott ikkonċernat huwa kkunsidrat investiment taʼ assi fiss minħabba l-perjodu twil taʼ ħajja utli tiegħu (normalment iżjed minn 10 snin). Għalhekk, kwalunkwe dazju antidumping li jitħallas għandu jinfirex tul il-perjodu taʼ ħajja utli tal-iskanner tal-merkanzija.

(109) L-investigazzjoni ma wriet l-ebda evidenza li tissuġġerixxi li l-miżuri se jkollhom impatt fuq l-attivitajiet tal-utenti jew fuq in-numru taʼ impjegati li jħaddmu dawn it-tip taʼ sistemi, fuq il-persunal tad-dwana jew fuq il-persunal responsabbli għal kwalunkwe servizzi anċillari.

(110) Ġie argumentat ukoll li l-awtoritajiet pubbliċi fil-UE josservaw regoli stretti għall-akkwist pubbliku li jiggarantixxu proċeduri tal-għażla trasparenti. Fʼdan ir-rigward għandu jiġi nnotat li l-proċeduri tal-akkwist pubbliku mhumiex imfassla sabiex jirribattu prattiċi taʼ dumping. Għall-kuntrarju, l-eżistenza taʼ suq tabilħaqq trasparenti jagħmel evidenti kwalunkwe tentattiv taʼ prattiċi kummerċjali inġusti u jinforza l-ħtieġa li jiġu rranġati l-istess kundizzjonijiet fis-suq.

(111) L-industrija Komunitarja żgur se tkun fʼpożizzjoni li tgawdi minn kwalunkwe miżura bʼekonomiji akbar taʼ skala minħabba żieda fil-produzzjoni u l-bejgħ.

(112) Fid-dawl taʼ dan, huwa kkunsidrat li, fiċ-ċirkustanzi preżenti, l-impożizzjoni taʼ miżuri kontra r-RPĊ mhix se taffettwa lill-utenti Komunitarji bʼmod sinifikanti.

### 6.6. **Konklużjoni dwar l-interess Komunitarju**

(113) Wara li ġew eżaminati d-diversi interessi involuti, ġie provviżorjament konkluż li, minn perspettiva globali tal-interess Komunitarju, l-ebda interess ma huwa akbar mill-interess tal-industrija Komunitarja li jiġu imposti provviżorjament miżuri bil-għan li jkunu eliminati l-effetti distortivi tal-kummerċ li jirriżultaw mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett taʼ dumping.

## 7. **MIŻURI PROVVIŻORJI ANTI-DUMPING**

(114) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa hawn fuq fir-rigward tad-dumping, id-dannu konsegwenti u l-interess Komunitarju, għandhom jiġu imposti miżuri provviżorji fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ sabiex ma jitħalliex li ssir aktar ħsara lill-industrija Komunitarja mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett taʼ dumping.

### 7.1. **Livell taʼ eliminazzjoni tad-dannu**

(115) Il-livell tal-miżuri provviżorji antidumping għandu jkun suffiċjenti sabiex jelimina d-dannu kkawżat lill-industrija Komunitarja mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett taʼ dumping, mingħajr ma jaqbeż il-marġini taʼ dumping li nstabu.

(116) Fil-kalkolu tal-ammont taʼ dazju li huwa meħtieġ sabiex jitneħħew l-effetti tad-dumping dannuż, ġie kkunsidrat li kwalunkwe miżura għandha tippermetti lill-industrija Komunitarja li tkopri l-ispejjeż tagħha u tikseb profitt qabel it-taxxa li jistaʼ raġonevolment jinkiseb fʼkundizzjonijiet normali taʼ kompetizzjoni, jiġifieri fin-nuqqas taʼ importazzjonijiet li huma l-oġġett taʼ dumping. Il-marġinu taʼ profitt qabel it-taxxa li ntuża għal dan il-kalkolu kien fil-medda taʼ minn 12 sa 16 % (il-figura eżatta ma tistax tiġi żvelata għal raġunijiet taʼ kunfidenzjalità) tal-fatturat. Ġie muri li dan kien il-livell taʼ profitt li setaʼ raġonevolment jiġi mistenni fin-nuqqas taʼ dumping dannuż billi dan it-tip taʼ marġinu taʼ profitt jaqbel maʼ dak li l-industrija Komunitarja kienet kapaċi tikseb qabel ma tfaċċaw l-importazzjonijiet Ċiniżi fil-Komunità. Fuq din il-bażi, ġie kkalkulat prezz mhux dannuż għall-industrija Komunitarja tal-prodott simili. Il-prezz mhux dannuż ġie miksub billi l-marġinu taʼ profitt hawn fuq imsemmi ġie miżjud mal-prezz tal-produzzjoni.

(117) Iż-żieda meħtieġa fil-prezz imbagħad ġiet stabbilita fuq il-bażi taʼ tqabbil tal-prezz medju mwieżen tal-importazzjoni, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ fil-prezz, mal-prezz medju mhux dannuż tal-prodotti mibjugħa mill-industrija Komunitarja fis-suq tal-Komunità. Kwalunkwe differenza li rriżultat minn dan it-tqabbil imbagħad ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur medju CIF tal-importazzjoni. Għall-uniku produttur esportatur Ċiniż li kkoopera, din id-differenza kienet ogħla mill-marġini taʼ dumping li nstab.

7.2. **Miżuri provviżorji**

(118) Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, u skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, huwa kkunsidrat li l-miżuri antidumping provviżorji għandhom jiġu imposti fuq l-importazzjonijiet li jorġinaw fir-RPĊ fil-livell tal-marġinu ta' dumping li nstab.

(119) Fuq din il-bażi, ir-rata tad-dazju provviżorju antidumping għar-RPĊ hija ta' 36,6 %.

(120) Huwa mfakkar li s-suq fl-Unjoni Ewropea huwa rregolat prinċipalment bi proċessi pubbliċi ta' tfigħ tal-offerti b'daqs tas-suq u numru ta' atturi pjuttost żgħir involuti fih. Għalhekk, għal raġunijiet ta' trasparenza akbar u monitoraġġ b'attenzjoni tal-effikaċja tal-miżuri, huwa kkunsidrat xieraq li l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri jiġu mitluba sabiex jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq bażi kunfidenzjali u perjodika, informazzjoni dwar l-aġġudikazzjoni tal-offerti.

8. **DISPOŻIZZJONI FINALI**

(121) Fl-interess tal-amministrazzjoni tajba, għandu jiġi ffissat perjodu li matulu l-partijiet interessati, li għamlu lilhom infushom magħrufa fiż-żmien speċifikat fl-avviż ta' ftuħ, jistgħu jagħmlu jikkomunikaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub jew jitolbu smigħ. Barra minn hekk, għandu jiġi ddikjarat li s-sejbiet rigward l-impożizzjoni ta' dazji magħmula għall-finijiet ta' dan ir-Regolament huma provviżorji u jista' jkun hemm bżonn li jerġgħu jiġu kkunsidrati għall-iskop ta' kwalunkwe dazju definittiv,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Qed jiġi impost dazju provviżorju antidumping fuq sistemi għall-iskannjar tal-merkanzija, ibbażati fuq l-użu ta' teknoloġija tan-newtroni jew ibbażati fuq l-użu ta' raġġi X b'sors ta' raġġi X ta' 250 Kev jew aktar jew ibbażati fuq l-użu ta' radjazzjonijiet alpha, beta jew gamma, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 9022 19 00, ex 9022 29 00, ex 9027 80 17 u ex 9030 10 00 (kodiċijiet TARIC 9022 19 00 10, 9022 29 00 10, 9027 80 17 10 u 9030 10 00 91) u l-vetturi bil-mutur mgħammra b'dawn is-sistemi attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8705 90 90 (kodiċi TARIC 8705 90 90 10) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju provviżorju antidumping applikabbli netta, prezz ħieles fuq il-fruntiera tal-Unjoni Ewropea, qabel id-dazju, għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 għandha tkun ta' 36,6 %.

3. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni Ewropea, tal-prodott li saret referenza għalih fil-paragrafu 1, għandu jkun suġġett għall-provvediment ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.

4. Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ rigward id-dazji doganali għandhom japplikaw.

*Artikolu 2*

Bla ħsara għall-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-iżvelar tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie adottat dan ir-Regolament, jikkomunikaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u japplikaw sabiex jinstemgħu oralment mill-Kummissjoni sa xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, il-partijiet ikkonċernati jistgħu jikkummentaw dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sa xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

L-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandu japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*
José Manuel BARROSO
*Il-President*

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1243/2009**

**tas-16 ta' Diċembru 2009**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1231/2009 li jiffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali mis-16 ta' Diċembru 2009**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali li huma applikabbli mis-16 ta' Diċembru 2009 ġew iffissati bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1231/2009 ([3]).

(2) Ġaladarba l-medja kkalkulata tad-dazji tal-importazzjoni varjat b'EUR 5/t mid-dazju ffissat, jeħtieġ li jsir aġġustament korrispondenti tad-dazji tal-importazzjoni ffissati bir-Regolament (UE) Nru 1231/2009.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2009 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi I u II għar-Regolament (UE) Nru 1231/2009 huma mibdula bit-test li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mis-17 ta' Diċembru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.
([3]) ĠU L 330, 16.12.2009, p. 65.

*ANNESS I*

**Dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mis-17 ta' Diċembru 2009**

| Kodiċi NK | Isem tal-merkanziji | Dazju tal-importazzjoni (1) (EUR/t) |
|---|---|---|
| 1001 10 00 | QAMĦ iebes ta' kwalità għolja | 0,00 |
| | ta' kwalità medja | 0,00 |
| | ta' kwalità baxxa | 5,68 |
| 1001 90 91 | QAMĦ għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 90 99 | QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żrigħ | 0,00 |
| 1002 00 00 | SEGALA | 31,46 |
| 1005 10 90 | QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra dak ibridu | 16,87 |
| 1005 90 00 | QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żrigħ (2) | 16,87 |
| 1007 00 90 | SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żrigħ | 31,46 |

(1) Għall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

— EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port fejn jsir il-ħatt jinsab fil-baħar Mediterran, jew ta'

— EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

(2) L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

*ANNESS II*

**Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I**

15.12.2009

(1) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

*(EUR/t)*

| | Qamħ (1) | Qamħirrum | Qamħ iebes kwalità għolja | Qamħ iebes, kwalità medja (2) | Qamħ iebes kwalità baxxa (3) | Xgħir |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Borża | Minnéapolis | Chicago | — | — | — | — |
| Kwotazzjoni | 151,95 | 110,33 | — | — | — | — |
| Prezz *FOB* USA | — | — | 134,05 | 124,05 | 104,05 | 79,70 |
| Tariffa fuq il-Golf | — | 8,39 | — | — | — | — |
| Tariffa fuq l-Ghadajjar il-Kbar | 6,55 | — | — | — | — | — |

(1) Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
(2) Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
(3) Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(2) Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

| | |
|---|---|
| Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam | 22,87 EUR/t |
| Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam: | 48,48 EUR/t |

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/969/PESK

## tal-15 ta' Diċembru 2009

## li testendi l-miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus imniżżla fil-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK, u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2009/314/PESK

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-10 ta' April 2006, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus (1).

(2) Bil-Pożizzjoni Komuni 2009/314/PESK tas-6 ta' April 2009 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK (2) il-miżuri restrittivi ġew estiżi sal-15 ta' Marzu 2010. Madankollu, ir-restrizzjonijiet ta' vvjaġġar imposti fuq ċerti figuri ewlenin tal-Belarus, bl-eċċezzjoni ta' dawk involuti fl-isparizzjonijiet li seħħew fl-1999 u fl-2000 u tal-President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, ġew sospiżi sal-15 ta' Diċembru 2009.

(3) Fis-17 ta' Novembru 2009 l-Kunsill qabel li minħabba n-nuqqas ta' progress tanġibbli fl-oqsma identifikati fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2008, il-miżuri restrittivi previsti bil-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK għandhom jiġu estiżi sa Ottubru 2010, filwaqt li s-sospensjoni tar-restrizzjonijiet ta' vvjaġġar imposti fuq ċerti figuri ewlenin tal-Belarus, bl-eċċezzjoni ta' dawk involuti fl-isparizzjonijiet li seħħew fl-1999 u fl-2000 u tal-President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, għandhom ukoll jiġu estiżi sa Ottubru 2010. Fit-tmiem ta' dak il-perijodu, il-Kunsill ser jirrevedi l-miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarus. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jerġa' japplika jew ineħħi r-restrizzjonijiet ta' vvjaġġar fi kwalunkwe ħin, fid-dawl ta' azzjonijiet mill-awtoritajiet tal-Belarus fl-isfera tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem.

(4) Għalhekk il-Pożizzjoni Komuni 2009/314/PESK għandha titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżuri restrittivi previsti fil-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK huma b'dan estiżi sal-31 ta' Ottubru 2010.

*Artikolu 2*

1. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(1)(b) tal-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK, safejn japplikaw għas-Sur Yuri Nikolaïevitch Podobed, huma b'dan sospiżi sal-31 ta' Ottubru 2010.

2. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(1)(c) tal-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK, huma b'dan sospiżi sal-31 ta' Ottubru 2010.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta mill-ġdid qabel il-31 ta' Ottubru 2010 fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarus.

*Artikolu 4*

Il-Pożizzjoni Komuni 2009/314/PESK hija b'dan imħassra.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. ERLANDSSON

(1) ĠU L 101, 11.4.2006, p. 5.

(2) ĠU L 93, 7.4.2009, p. 21.

# ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM MHIJIEX OBBLIGATORJA

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-10 ta' Diċembru 2009**

**li temenda l-Appendiċi 2 A tal-Anness mad-Deċiżjoni 2007/65/KE dwar l-aċċess tal-persunal tal-impriżi kontraenti fil-binjiet tal-Kummissjoni**

(2009/970/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod speċjali l-Artikolu 249 (1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod speċjali l-Artikolu 131 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-sistema l-ġdida aċċess u ta' sigurtà tal-binjiet tal-Kummissjoni (dokument C(2007) 797), hi maħsuba biex iżżid il-livell ta' sigurtà tal-persuni, informazzjoni, binjiet u proprjetà oħra.

(2) Għal dan l-għan, il-Proġett ta' Sigurtà Globali (PSG), li jipprevedi l-installazzjoni ta' sistemi awtomatiċi ta' kontroll ta' aċċess fil-binjiet kollha tal-Kummissjoni, ibbażati fuq teknoloġiji ta' kontroll ta' aċċess moderni u effiċjenti, kien stabbilit.

(3) Wieħed mill-elementi ewlenin ta' dan il-proġett jikkonsisti fir-razzjonalizzazzjoni u t-tnaqqis tan-numru importanti ħafna ta' mudelli ta' badges attwalment eżistenti u fis-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' ħruġ ta' badges u karti ta' aċċess għall-kategoriji differenti ta' persunal u viżitaturi tal-Kummussjoni.

(4) Sabiex tkun permessal-implimentazzjoni tal-ewwel fażi tal-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida ta' ħruġ ta' badges, b'mod speċjali għall-persunal tal-impriżi kontraenti, huwa xieraq li jsiru bidliet amministrattivi u tekniċi lid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/65/KE tal-15 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-miżura ta' sigurtà standard u l-livelli ta' twissija tal-Kummissjoni u temenda r-regolament intern tagħha fir-rigward tal-proċeduri operattivi ta' ġestjoni tas-sitwazzjonijiet ta' kriżi ([1]),

IDDEĊIDIET:

*Artikolu 1*

Il-Punt 4.2.b) tal-Appendiċi 2 A tal-Anness tad-Deċiżjoni 2007/65/KE għandu jiġi mibdul b'dan it-test li ġej:

"(b) Il-*karti ta' aċċess* għandhom jinħarġu għall-membri kollha l-oħra tal-persunal li jeħtieġu aċċess għall-binjiet tal-Kummissjoni biex jissodisfaw l-obbligi tal-kuntratt fi ħdan is-servizzi tal-istituzzjoni. Id-dewmien tal-validità tal-karti maħruġa lill-persunal li għandhom kuntratt għal żmien definittiv ma jistax ikun estiż għal wara dak iż-żmien, ħlief jekk ikun hemm awtorizzazzjoni mid-direzzjoni tas-sigurtà tal-Kummissjoni.

Il-karti ta' aċċess huma wkoll maħruġa lill-persunal ta' impriża kontraenti li teħtieġ l-aċċess għall-binjiet tal-Kummissjoni sabiex tkun tista twettaq l-obbligi tal-kuntratt tagħha. Dawn il-karti ta' aċċess se jingħataw lill-persunal tal-impriża skont id-data tat-tmiem tal-kuntratt mal-Kummissjoni, bil-kundizzjoni li l-persuna kkonċernata jkollha karta ta' identità valida sad-data tat-tmiem tal-kuntratt. Jekk din l-aħħar kundizzjoni ma tkunx sodisfatta, il-karta ta' aċċess se toħroġ skont id-data tat-tmiem tal-validità tal-karta tal-identità.

Meta Membru Parlamentari Ewropew jixtieq jidħol f'bini tal-Kummissjoni, jista' jagħmel dan billi jippreżenta l-karta ta' aċċess mogħtija lilu mill-Parlament Ewropew, lill-gwardjan tas-sigurtà li jkun qiegħed fuq xogħol, mingħajr ma jkollu jgħaddi mill-kontrolli ta' sigurtà addizzjonali imposti lill-viżitaturi esterni."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

José Manuel BARROSO

*Il-President*

---

([1]) ĠU L 32, 6.2.2007, p. 144.

# DEĊIŻJONI TAL-PRESIDENT TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

## tat-2 ta' Diċembru 2009

## dwar il-firma tar-regolamenti, direttivi u deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, meta dawn tal-aħħar ma jispeċifikawx lil min huma indirizzati

(C(2009) 9848)

IL-PRESIDENT TAL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsdra it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 297 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-regolamenti, direttivi u deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, meta dawn tal-aħħar ma jispeċifikawx lil min huma indirizzati, adottati bil-proċedura orali f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kummissjoni, għandhom jiġu ffirmati mill-President permezz ta' nota sommarja matul il-laqgħa tal-Kummissjoni meta jiġu adottati. Din in-nota għandha tiġi ffirmata mill-President jew Membru tal-Kummissjoni f'ismu, skont l-ordni ta' preċedenza stabbilit mill-President.

Ir-regolamenti, direttivi u deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, meta dawn tal-aħħar ma jispeċifikawx lil min huma indirizzati, adottati bil-proċedura bil-miktub f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regoli ta' Proċedura, għandhom jiġu elenkati f'nota tal-ġurnata. In-noti tal-ġurnata għandhom jiġu msemmija, u jiġu annessi, fin-nota sommarja ppreparata għal-laqgħa tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17 (1) tar-Regoli tal-Proċedura, li tiġi ffirmata mill-President matul il-laqgħa. Madanakollu, il-President jiddelega lis-segretarju Ġenerali l-firma ta' dawk l-atti meta l-urġenza titlob li ma jistgħux jistennew sal-laqgħa tal-Kummissjoni li jmiss sabiex jiġu ppubblikati u jidħlu fis-seħħ.

Il-firma tar-regolamenti, direttivi u deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, meta dawn tal-aħħar ma jispeċifikawx lil min huma indirizzati, adottati bil-proċedura ta' awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regoli ta' Proċedura, hija ddelegata lill-Istati Membri tal-Kummissjoni li lilhom ġew mogħtija l-poteri li jadottaw.

Il-firma tar-regolamenti, direttivi u deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, meta dawn tal-aħħar ma jispeċifikawx lil min huma indirizzati, adottati bil-proċedura ta' delegazzjoni jew subdelegazzjoni f'konformità mal-Artikoli 13, 14 u 15 tar-Regoli ta' Proċedura, hija ddelegata lill-uffiċjali li lilhom ġew mogħtija l-poteri li jadottaw.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Diċembru 2009.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2009.

*Il-President*

José Manuel BARROSO

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1241/2009 tas-16 ta' Diċembru 2009 li jissokta u jaġġorna l-ambitu tas-sorveljanza minn qabel ta' importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw minn ċerti pajjiżi terzi** ..... 54

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1242/2009 tas-16 ta' Diċembru 2009 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' skannjar tal-merkanzija li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina** ..... 60

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1243/2009 tas-16 ta' Diċembru 2009 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1231/2009 li jiffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali mis-16 ta' Diċembru 2009 73

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/969/PESK tal-15 ta' Diċembru 2009 li testendi l-miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus imniżżla fil-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK, u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2009/314/PESK** ..... 76

ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM MHIJIEX OBBLIGATORJA

2009/970/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Appendiċi 2 A tal-Anness mad-Deċiżjoni 2007/65/KE dwar l-aċċess tal-persunal tal-impriżi kontraenti fil-binjiet tal-Kummissjoni** ..... 77

★ **Deċiżjoni tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tat-2 ta' Diċembru 2009 dwar il-firma tar-regolamenti, direttivi u deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, meta dawn tal-aħħar ma jispeċifikawx lil min huma indirizzati** (C(2009) 9848) ..... 78

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

| | | |
|---|---|---|
| (*) Il-prezz kull kopja: | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT